# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 209

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

30 ta' Ġunju 2017


Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

**il-523 Sessjoni Plenarja tal-KESE fit-22 u d-23 ta' Frar 2017**


2017/C 209/01 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-istrateġiji ta' diversifikazzjoni tat-turiżmu nawtiku u marittimu" (Opinjoni Esploratorja) . . . . . 1

2017/C 209/02 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Gżejjer fl-UE: minn żvantaġġ strutturali għal territorju inklużiv" (Opinjoni esploratorja) . . . . . 9


III *Atti preparatorji*

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

**il-523 Sessjoni Plenarja tal-KESE fit-22 u d-23 ta' Frar 2017**


2017/C 209/03 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija Spazjali għall-Ewropa" *(COM(2016) 705 final)* . . . . . 15

2017/C 209/04 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv u tat-tieni opportunità, kif ukoll miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri tar-ristrutturar, tal-insolvenza u tal-ħelsien mid-dejn u li temenda d-Direttiva 2012/30/UE" *[COM(2016) 723 final — 2016/0359 (COD)]* . . . . . 21

2017/C 209/05 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012, u (UE) 2015/2365" *[COM(2016) 856 final — 2016/0365 (COD)]* . . . . . 28


MT

| | | |
|---|---|---|
| 2017/C 209/06 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' ingranaġġ, il-proporzjon ta' ffinanzjar stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rappurtar u divulgar u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012" (C *OM(2016) 850 final — 2016/0360 (COD))* dwar ir-"Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 dwar il-Kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' Rikapitalizzazzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għad-ditti ta' investiment" *(COM(2016) 851 final — 2016/0361 (COD))* dwar id-"Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/59/UE dwar il-kapaċità ta' assorbiment ta' telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva 98/26/KE, id-Direttiva 2002/47/KE, id-Direttiva 2012/30/UE, id-Direttiva 2011/35/UE, id-Direttiva 2005/56/KE, id-Direttiva 2004/25/KE u d-Direttiva 2007/36/KE" *(COM(2016) 852 final — 2016/0362 (COD))* u dwar il-"Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward ta' entitajiet eżentati, kumpaniji azzjonarji finanzjarji, kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta, ir-rimunerazzjoni, miżuri u setgħat superviżorji u miżuri ta' konservazzjoni kapitali" *(COM(2016) 854 final — 2016/0364 (COD))* | 36 |
| 2017/C 209/07 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Sejħa għal Evidenza: Qafas regolatorju tal-UE għal servizzi finanzjarji" *(COM(2016) 855 final)* | 43 |
| 2017/C 209/08 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75" *[COM(2016) 531 final — 2016-0256-COD]* dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75" *[COM(2016) 532 final — 2016-0257-COD]* u dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94" *[COM(2016) 528 final — 2016-0254-COD]* | 49 |
| 2017/C 209/09 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż" *[COM(2016) 750 final — 2016/0392(COD)]* | 54 |
| 2017/C 209/10 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, u r-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001" *[COM(2016) 745 final — 2016/0368 (COD)]* | 58 |
| 2017/C 209/11 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna" *[JOIN(2016) 49]* | 60 |
| 2017/C 209/12 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea" *[COM(2016) 721 final]* | 66 |
| 2017/C 209/13 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 fir-rigward tat-tipoloġiji territorjali (Tercet)" *[COM(2016) 788 final — 2016/0393 (COD)]* | 71 |

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## IL-523 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FIT-22 U D-23 TA’ FRAR 2017

## Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-istrateġiji ta’ diversifikazzjoni tat-turiżmu nawtiku u marittimu”

**(Opinjoni Esploratorja)**

(2017/C 209/01)

Relatur: **Tony ZAHRA**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Presidenza Maltija tal-Kunsill, 19.9.2016 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Suq Uniku, Produzzjoni u Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 9.3.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 30.3.2017 |
| Sessjoni tal-plenarja Nru | 524 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 179/0/0 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Fid-dawl ta’ żvantaġġi bħalma huma d-distanza, l-aċċessibbiltà u l-insularità, il-KESE jemmen li jenħtieġ li jinstab reġim fiskali favorevoli għall-gżejjer li jkun iqis l-isforzi speċjali li saru fir-rigward tal-investimenti, taż-żamma u l-ħolqien tal-impjiegi u tal-adattament tal-perjodi li n-negozji jkunu miftuħa, kollox bl-intenzjoni li jittaffew l-effetti tal-istaġjonalità.

1.2. Minkejja r-reżiljenza b’saħħitha u l-irkupru veloċi tat-turiżmu fi żminijiet ta’ kriżi, il-Kumitat iqis li huwa importanti li jiġu analizzati u indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet prevedibbli li jaffaċċja t-turiżmu nawtiku u marittimu, b’mod partikolari fil-Mediterran, minħabba r-rilevanza kbira u l-kontribut sostanzjali tiegħu għall-ekonomija Ewropea. Jenħtieġ li l-komparabbiltà ma’ destinazzjonijiet kompetituri tiġi kkunsidrata kif xieraq fil-proċess ta’ valutazzjoni. Leġislazzjoni u politiki aktar intelliġenti huma kruċjali, u hekk ukoll it-tnaqqis tal-burokrazija żejda għall-SMEs.

1.3. Iridu jinħolqu u jiġu promossi aktar rotot multidestinatarji fir-reġjun, filwaqt li hemm bżonn li l-miżuri ta’ promozzjoni konġunti/reġjonali fost l-Istati Membri jiġu appoġġjati. Il-KESE jipproponi li l-Istati Membri jadottaw strateġiji sodi ta’ kummerċjalizzazzjoni għad-diversifikazzjoni u għall-adattament għall-evoluzzjoni tal-preferenzi u tal-gosti tal-klijenti. Madankollu, l-inugwaljanza fl-affordabilità għaċ-ċittadini li tista’ teżisti għas-servizzi tat-turiżmu offruti f’dan is-settur trid tiġi vvalutata wkoll fil-proċess.

1.4. Fid-dawl tad-dipendenza kbira tat-turiżmu nawtiku u dak kostali fuq l-ekosistemi marini, hu importanti li l-pajjiżi Mediterranji jżidu l-kooperazzjoni reġjonali sabiex jipproteġuhom. F'dan il-kuntest, il-Kumitat jirrakkomanda li jiġi stabbilit grupp ta' Stati Membri tal-Punent tal-Mediterran u ta' pajjiżi terzi sabiex flimkien jindirizzaw it-Tkabbir Blu [1] u l-infrastruttura Marina u Ekoloġika sabiex jirrestawraw l-ekosistemi degradati.

1.5. Il-kostruzzjoni u r-reklamazzjoni mill-baħar fuq il-blata kontinentali baxxa jeqirdu b'mod irreversibbli l-ħabitat ta' taħt l-ilma. Il-blata kontinentali tal-Mediterran hija limitata u dawn iż-żoni marini jridu jiġu protetti kontra żvilupp bħal dan. Jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll f'każ li jseħħ dan l-iżvilupp miżuri ta' kumpens u l-ħolqien ta' riżervi fiskali.

1.6. L-iżvilupp tat-turiżmu nawtiku u marittimu jrid ikun ibbażat fuq il-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli fit-tul. Dan jirrekjedi l-iżvilupp ta' għodda operattiva u li tista' titkejjel. Il-KESE jirrakkomanda l-iżvilupp ta' mekkaniżmu indikatur sostenibbli armonizzat għas-settur, speċjalment għal stati u reġjuni gżejjer li huma dipendenti ħafna fuq l-attivitajiet kostali. Is-"Sistema Ewropea ta' Indikaturi tat-Turiżmu" żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea tista' tkun pjattaforma eċċellenti sabiex jinkiseb dan.

1.7. L-iżvilupp ta' mekkaniżmu indikatur sostenibbli jirrekjedi wkoll il-kompilazzjoni ta' data ekonomika preċiża. It-turiżmu huwa industrija kumplessa ħafna li tinvolvi sett varjat ta' relazzjonijiet bejn ħafna partijiet ikkonċernati differenti. Għalhekk, jistgħu jiġu żviluppati strumenti ta' ġbir tad-data ekonomika relattiva permezz ta' estrapolazzjoni mill-mudell tal-kont satellita.

1.8. L-impatt tat-tibdil fil-klima fuq l-ambjent marin jirrikjedi djalogu bejn speċjalisti tat-teknoloġija dwar is-soluzzjonijiet innovattivi. Iridu jiġu prijoritizzati miżuri speċifiċi għat-territorji vulnerabbli. Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni għall-Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni dwar Il-politika internazzjonali dwar il-governanza tal-oċeani u l-pakkett li fiha tal-14-il azzjoni [2]. Is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE sal-2020 u l-għanijiet tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jiffokaw fuq setturi infrastrutturali bħall-enerġija u t-trasport u fuq aspetti speċifiċi marbutin mat-turiżmu kostali u marittimu. Barra minn hekk, il-Bank Ewropew tal-Investiment ser jipprovdi finanzjament lill-SMEs biex jinvestu fit-turiżmu u/jew f'reġjuni ta' konverġenza.

1.9. L-immaniġġjar tal-iskart huwa suġġett ta' tħassib kbir fit-turiżmu nawtiku u marittimu, bit-turiżmu li huwa ġeneratur importanti tal-iskart minnu nnifsu. Id-WWF tistma li aktar minn 80 % tat-tniġġis fil-baħar ġej minn attivitajiet fuq l-art. Il-problema hija aggravata aktar minħabba r-rimi tal-iskart fil-baħar. Dan jitlob miżuri innovattivi li jistgħu jtaffu l-problemi marbuta mal-iskart, minbarra l-infurzar effettiv u kkoordinat tar-regolamenti. Il-Kumitat jitlob li jkun hemm implimentazzjoni armonizzata tal-konvenzjonijiet internazzjonali sabiex jiġi promoss il-bini tal- kapaċità f'pajjiżi terzi.

1.10. Fid-dawl tal-prospetti ta' tkabbir fis-settur, il-katina sħiħa ta' mmaniġġjar tal-iskart (mill-immaniġġjar sar-rimi) tikkostitwixxi sfida kbira, speċjalment f'żoni konfinati bħall-gżejjer. F'dan il-kuntest, il-KESE jirrakkomanda wkoll it-twaqqif ta' "koalizzjoni tal-wirt naturali" li tinvolvi gżejjer u żoni kostali u atturi tal-ambjent ewlenin, bħall-fondazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, biex ibiddlu l-gżejjer u ż-żoni kostali Ewropej f'mexxejja globali tal-miżuri ambjentali nodfa mrawmin permezz ta' approċċi integrati għat-turiżmu.

1.11. L-investiment fin-nies huwa prerekwiżit għat-tkabbir sostenibbli u kompetittiv. Madankollu, is-settur mhuwiex qed jattira biżżejjed persunal imħarreġ, l-aktar minħabba li mhuwiex daqshekk attraenti f'termini ta' progress fil-karrieri u ta' impjieg fit-tul. Il-Kumitat jirrakkomanda li jitfassal pjan ta' azzjoni strateġika mfassal apposta sabiex jattira u jżomm fluss kostanti ta' ħaddiema tas-sengħa li huma interessati f'impjieg fit-tul fis-settur. Il-pjan ta' azzjoni jrid jagħmel proposti konkreti abbażi ta' approċċ xjentifiku u prattiku, sabiex jintlaħaq l-għan li tiżdied l-attraenza tal-industrija.

## 2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Il-Presidenza Maltija talbet lill-KESE sabiex tfassal opinjoni esploratorja dwar "L-istrateġiji ta' diversifikazzjoni tat-turiżmu nawtiku u marittimu" fil-kuntest usa' ta' strateġiji innovattivi għall-iżvilupp ta' ambjent aktar kompetittiv fl-Ewropa, b'enfasi partikolari fuq ir-reġjun tal-Mediterran.

---

(1) Komunikazzjoni tal-UE – It-Tkabbir Blu, COM(2012) 494 final.
(2) JOIN(2016) 49 final u https://ec.europa.eu/maritimeaffairs/policy/ocean-governance_mt.

2.2. It-turiżmu huwa possibbilment l-iktar industrija globali b'saħħitha b'potenzjal kbir għall-impjieg u għall-iżvilupp ekonomiku, kif rikonoxxut mill-Artikolu 195 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fl-2014, is-settur tat-turiżmu kkontribwixxa iktar minn EUR 1,6 triljun, u għalhekk ammonta għal kważi 10 % mill-PDG totali tal-UE, u l-impatti diretti, indiretti u indotti tiegħu appoġġjaw lil 25 miljun impjieg fl-UE ([3]). Is-sottosettur marittimu tat-turiżmu ġie identifikat bħala wieħed mill-oqsma ta' prijorità għall-Presidenza Maltija tal-UE. Li jiġu żviluppati prodotti turistiċi u servizzi marittimi rilevanti jista' jikkontribwixxi għall-potenzjal tat-tkabbir taż-żoni kostali u l-gżejjer tal-UE. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu identifikati x-xejriet attwali u t-tbassir sabiex tingħata stampa aktar ċara tal-opportunitajiet innovattivi f'konformità mal-karatteristika tat-turiżmu nawtiku u marittimu.

2.3. It-turiżmu nawtiku u marittimu huwa l-aktar sottosettur importanti tat-turiżmu kif ukoll l-akbar attività marittima fl-Ewropa. Iħaddem lil kważi 3,2 miljun ruħ, jiġġenera total ta' EUR 183 biljun f'valur miżjud gross ([4]), u għandu l-potenzjal li joħloq impjiegi u "tkabbir blu" sostenibbli. Sabiex l-Ewropa tiġi promossa bħala destinazzjoni nawtika ewlenija fid-dinja, l-infrastruttura tat-turiżmu kostali u tal-gżejjer Ewropej jeħtiġilha toffri servizzi adegwati u innovattivi lill-utenti, inkluża l-aċċessibbiltà, filwaqt li tiżgura l-iżvilupp sostenibbli għall-komunitajiet lokali. Anki t-turiżmu nawtiku "intern" li jseħħ f'numru ta' Stati Membri f'għadajjar, fi xmajjar, eċċ., jifforma parti minn dan is-settur u jrid jingħata kunsiderazzjoni fil-proċess ta' reviżjoni. Dan is-settur jinvolvi wkoll industrija tarznarja kbira għad-dgħajjes ta' divertiment u għall-bastimenti tal-kruċiera, fejn l-Ewropa għandha post prominenti fl-ekonomija dinjija.

## 3. **Il-proposti tal-KESE għal paradigmi ġodda fil-politika tat-turiżmu**

3.1. Matul is-snin, il-Kumitat adotta opinjonijiet dwar il-politika tat-turiżmu b'mod ġenerali u b'mod partikolari tat-turiżmu kostali u tal-gżejjer. Huwa ssuġġerixxa li jiġu żviluppati programmi ta' tagħlim tul il-ħajja speċifikament għall-persunal tal-gżejjer fis-settur tat-turiżmu u ppropona li titwaqqaf skola interreġjonali, imsejsa fuq kunċett simili għal "Erasmus għall-istudenti u ħaddiema fis-settur tat-Turiżmu" fi gżira b'pożizzjoni strateġika.

3.2. Il-KESE jikkunsidra li d-definizzjoni tal-UE tal-gżejjer mhijiex adattata u jenħtieġ li tiġi riveduta sabiex tieħu f'kunsiderazzjoni r-realtajiet il-ġodda ta' Unjoni Ewropea b'aktar membri li tinkludi Stati Membri gżejjer. Bil-ħsieb li tiġi promossal-Ewropa bħala destinazzjoni turistika ewlenija fil-livell globali, huwa jirrakkomanda wkoll li tiġi żviluppata l-kooperazzjoni makroreġjonali (eż. l-Istrateġija għall-Adrijatiku u l-Jonju, l-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, u l-Istrateġija għad-Danubju), sabiex jiġu solvuti problemi bħall-aċċessibilità. Dan jitlob li jkun hemm kontinwità territorjali ta' kwalità għolja li topera mill-gżejjer għall-kontinent.

3.3. It-tibdil fil-klima jirrekjedi miżuri ta' adattament deċiżivi għar-reżiljenza għall-klima tal-gżejjer fl-oqsma kollha tal-ekonomiji tagħhom. Il-KESE rrakkomanda l-introduzzjoni ta' *"Test tat-Tibdil tal-Gżejjer"* li jindirizza kwistjonijiet bħall-enerġija u t-trasport (l-infrastruttura u l-aċċessibilità), it-tlugħ tal-livelli tal-ilma, id-deterjorament fil-bijodiversità u kwistjonijiet importanti oħrajn.

3.4. L-ekonomiji tal-gżejjer saru jiddependu wisq minn turiżmu fil-parti l-kbira staġjonali, u għalhekk hemm bżonn ta' diversifikazzjoni. Il-Kumitat enfasizza li jekk l-ekonomija blu titqies bħala sors ineżawribbli ta' riżorsi mhux sfruttati, u li jiġi invokat b'mod insistenti t-tkabbir blu bħala soluzzjoni għall-problemi li tiffaċċja l-ekonomija tal-Ewropa, dan jista' jżid ħafna tipi differenti ta' stress li diġà nxteħtu fuq il-kosti u l-ibħra tal-UE. Għalhekk, is-sostenibbiltà fit-tul trid tibqa' prinċipju prevalenti meta jitfasslu u jiġu implimentati l-miżuri.

3.5. Il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Strateġija Ewropea għal aktar Tkabbir Ekonomiku u Impjiegi fit-Turiżmu Marittimu u Kostali" adottata fl-2014 ([5]) tindirizza n-nuqqasijiet attwali fil-governanza u toħloq qafas għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u s-sħubijiet pubbliċi-privati, inkluż permezz tar-raggruppar territorjali u permezz ta' strateġiji integrati. Fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet ta' kull baċir tal-baħar, il-komunikazzjoni tipproponi 14-il azzjoni konkreta, li jindirizzaw l-investiment kummerċjali, l-istaġjonalità kbira, id-diversifikazzjoni u l-innovazzjoni tal-prodotti, il-konnettività, l-aċċessibilità, l-infrastruttura mtejba, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-protezzjoni tal-ambjent marin. L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għaddejja bħalissa ([6]).

---

([3]) WTTC, Travel & Tourism economic impact, 2015.EU.

([4]) Il-Kummissjoni Ewropea "Study in support of policy measures for maritime and coastal tourism at EU level" (mhux disponibbli bil-Malti), 2013. https://ec.europa.eu/maritimeaffairs/sites/maritimeaffairs/files/docs/body/study-maritime-and-coastal-tourism_en.pdf.

([5]) COM(2014) 86 final.

([6]) https://ec.europa.eu/maritimeaffairs/policy/coastal_tourism_mt.

## 4. **Il-proposti tal-KESE għall-istrateġiji ta' diversifikazzjoni għat-turiżmu nawtiku u marittimu**

### 4.1. *Approċċ ambjentali transsettorjali*

4.1.1. Sar ħafna matul is-snin biex tinġibed l-attenzjoni ta' persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet ta' livell għoli u l-partijiet interessati għar-rabta bejn l-oċeani u l-klima. Dan wassal biex l-oċeani jiġu inklużi fil-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 u fir-Rapport speċjali dwar l-oċeani mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC). Dawn l-isforzi jeħtieġu l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tekniċi tal-Istati Membri biex jiżviluppaw mogħdijiet tat-teknoloġija għal futur b'livell baxx ta' emissjonijiet.

It-trasport marittimu huwa responsabbli għal madwar 2,5 % tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett ta' serra. L-UE qed tappella għal approċċ globali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-tbaħħir internazzjonali, iżda l-emissjonijiet mit-trasport marittimu huma mistennija jiżdiedu b'mod sinifikanti sal-2050. Skont it-tieni Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), l-istudju tal-gassijiet b'effett ta' serra, il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ jistgħu jitnaqqsu sa massimu ta' 75 % billi jiġu applikati miżuri operazzjonali u bl-implimentazzjoni ta' teknoloġiji eżistenti. Ħafna minn dawn il-miżuri huma kosteffettivi u joffru benefiċċji netti, hekk kif kwalunkwe kost operazzjonali jew ta' investiment jitħallas lura fil-forma ta' anqas kontijiet għall-karburanti. Tnaqqis bħal dan jista' jinkiseb bl-implimentazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi ġodda.

4.1.2. Il-Mediterran huwa wieħed mill-aktar reġjuni importanti fid-dinja fit-termini tal-karatteristiċi eċċellenti tal-bijodiversità tiegħu, iżda hu aktar vulnerabbli minn oħrajn għat-tibdil fil-klima. It-turiżmu kostali fuq skala kbira huwa wieħed mill-forzi ewlenin wara t-telf ekoloġiku fir-reġjun. Madankollu, il-Mediterran iħaddan ukoll valur naturali għoli li jagħmlu ta' importanza kritika għall-ħarsien tal-bijodiversità. F'dan ir-rigward, il-kooperazzjoni reġjonali għall-protezzjoni tal-ekosistemi marini hija fundamentali. Il-programm ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea LIFE + jappoġġja l-għanijiet tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità u joffri l-possibilità ta' finanzjament għal proġetti tat-turiżmu kostali u tal-baħar innovattivi.

4.1.3. L-immaniġġjar tal-iskart huwa ta' tħassib kbir għas-settur, speċjalment fil-gżejjer, li huma ferm staġjonali. Ħafna mill-gżejjer isibuha diffiċli li jlaħħqu man-numri għoljin ta' viżitaturi fl-eqqel perjodi, u dan jirrekjedi investiment enormi għall-forniment ta' pjanti adegwati dwar l-ilma jew it-trattament tal-iskart. Il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) tipprovdi qafas rikonoxxut globalment għal azzjoni biex ikun miġġieled it-theddid għall-wirt naturali, mill-indirizzar tal-iskart fil-baħar u l-mikroplastiks sat-tnaqqis sostnut u l-abolizzjoni tal-basktijiet tal-plastik ta' użu uniku.

4.1.4. Diversi studji u rapporti jenfasizzaw li l-"going green" jagħmel sens għal negozji sodi għat-turiżmu kostali Ewropew. Jeħtieġ li l-UE tagħti inċentiv lill-Istati Membri biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jadottaw prattiki ta' turiżmu ekoloġiku u jintroduċu programmi ambjentali li jtaffu l-effetti tat-tibdil fil-klima. Dan jenħtieġ li jiġi appoġġjat mill-promozzjoni tal-ekoturiżmu bħala sezzjoni li tagħti l-appoġġ lit-turiżmu nawtiku.

4.1.5. Dawn l-isfidi jagħmluha aktar importanti għall-iżvilupp tat-turiżmu nawtiku u marittimu li jsegwi l-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli. Madankollu, hemm bżonn li s-sostenibbiltà tkun ibbażata fuq mudell operattiv u li jista' jitkejjel u li jistabbilixxi sistema ta' indikaturi għas-sorveljanza u għall-intraċċar tal-attivitajiet u tal-iżviluppi fit-turiżmu marittimu, speċjalment għall-Istati gżejjer u għar-reġjuni. Jeħtieġ ukoll li d-destinazzjonijiet ifittxu li jistabbilixxu limiti għall-intensità tat-turiżmu, li, jekk jinqabżu, jirriżultaw f'għadd ta' kwistjonijiet li ser jaffettwaw lis-settur u lis-sostenibbiltà fit-tul tiegħu b'mod negattiv. Dawn l-attivitajiet huma, b'mod partikolari:

— Id-deterjorament u t-telf ta' riżorsi ekoloġiċi;

— Pressjonijiet fuq l-ambjent u l-infrastruttura fiżika;

— Kunflitt bejn it-turisti u n-nies tal-post li jirriżultaw f'telf ta' ospitalità lokali;

— Sodisfazzjon tal-viżitaturi.

4.1.6. Is-"Sistema Ewropea ta' Indikaturi tat-Turiżmu" żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea fl-2013 u riveduta fl-2016 ([7]) hija għodda ta' ġestjoni volontarja li tidentifika sett ta' indikaturi ċentrali li tgħin lid-destinazzjonijiet jissorveljaw u jkejlu l-prestazzjoni tat-turiżmu sostenibbli tagħhom.

([7]) http://ec.europa.eu/growth/sectors/tourism/offer/sustainable/indicators_mt

4.1.7. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) hija l-aktar sors prezzjuż, billi tipprovdi informazzjoni, statistiki u pariri, li huma vitali għall-proċess biex jiġu stabbiliti l-prinċipji tas-sostenibbiltà.

4.1.8. Jenħtieġ li ssir referenza wkoll għall-opinjoni tal-KESE dwar "Il-Gżejjer Intelliġenti", b'mod partikolari f'termini tal-adozzjoni tal-aħjar prattiki.

4.1.9. Il-proġett ta' "Traċċar tal-Operazzjonijiet Ewropej għall-Ekosistemi Marittimi", taħt l-umbrella tal-ERA-LEARN 2020 (azzjoni ta' appoġġ – CSA) u ffinanzjat mill-Orizzont 2020, jista' jservi bħala riżorsa siewja oħra biex jintlaħaq dan l-objettiv.

4.1.10. Ħafna organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet taw kontribut għall-proċess tal-ħarsien ambjentali, bħad-WWF, il-Pjattaforma tal-Oċeani u l-Klima, il-Konferenza tar-Reġjuni Periferiċi Marittimi tal-Ewropa (CPMR), il-Greenpeace u strutturi varji tan-NU, li ħadmu ma' diversi strutturi tal-UE u f'kooperazzjoni mtejba bejn il-gvernijiet u l-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati. Dan il-proċess jeħtieġ li jiġi sostnut jekk irridu nsegwu t-triq ta' suċċess.

4.1.11. L-ekosistemi tal-baħar b'saħħithom u ż-żoni kostali/insulari ppreservati jikkontribwixxu b'bosta modi għat-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi. It-turiżmu u l-agrikoltura, is-sajd, l-akkwakultura u l-forestrija huma setturi ewlenin b'impatt sinifikanti fuq l-integrazzjoni tal-bijodiversità u b'rilevanza għaliha. Il-produzzjoni tal-ikel sostenibbli u s-sigurtà tal-ikel huma kwistjonijiet oħra relatati li jeħtieġu attenzjoni speċjali. Il-politiki settorjali li jikkontribwixxu għall-preservazzjoni tal-bijodiversità jridu jiġu żviluppati fi ħdan qafas integrat. Dwar il-kwistjoni ta' ekosistemi marini, il-KESE jiġbed l-attenzjoni lejn id-Direttiva dwar l-Ippjanar Spazjali Marittimu (ISM) ([8]) kif ukoll lejn il-Konvenzjoni ta' Barċellona tal-1995 ([9]).

4.1.12. It-tniġġis tal-baħar spiss jiġi minn ilma mormi mhux ittrattat u l-agrikoltura, iżda t-theddid għall-ekosistemi tal-baħar jinkludi wkoll is-sajd kummerċjali li jaqbeż il-limiti, it-tixrid taż-żejt u sustanzi perikolużi oħra kif ukoll l-introduzzjoni ta' speċi mhux indiġeni. L-immaniġġjar ħażin tal-ilma tal-ballast jista' jkollu effett konsiderevoli fuq l-ambjent ukoll ([10]). L-ekosistemi tal-baħar huma sors kbir ta' bijodiversità u l-Unjoni Ewropea qed tieħu għadd ta' passi biex tikseb ambjent marin san li jagħmel l-ekosistemi aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima fl-ilmijiet marittimi Ewropej sal-2020. Dan jitlob kooperazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet interessati kollha.

4.1.13. F'dan il-kuntest, l-għażla ta' strumenti implimentattivi hija ta' importanza strateġika sabiex jiġi żgurat li s-setturi ekonomiċi kollha jibbenefikaw minn opportunitajiet ġodda maħluqa minn ekosistemi b'saħħithom. Fl-istess ħin, it-trasparenza, il-konsultazzjoni tajba u r-responsabbiltà huma essenzjali biex it-turiżmu jaqa' taħt il-kunċett ġenerali ta' governanza tajba. Kif iddikjarat mill-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD) ([11]), l-effiċjenza fir-riżorsi u l-ekonomija ċirkolari huma prerekwiżiti biex jinkiseb progress u sostenibbiltà f'dan il-qasam.

4.1.14. Għandhom jiġu żviluppati politiki ta' sensibilizzazzjoni biex titjieb il-konformità, bl-użu ta' inċentivi għal attivitajiet tat-turiżmu nawtiku u marittimu nodfa (inkluż industriji relatati bħal jottijiet, is-sajd, provvisti ta' ikel, eċċ.). F'dan il-kuntest, il-programmi ta' taħriġ transsettorjali komprensivi jridu jkunu żviluppati biex isegwu miri sostenibbli kumplessi, filwaqt li netwerk ta' żoni turistiċi rilevanti jkun jippermetti l-iskambju ta' data u prattika tajba.

4.1.15. L-Ewropa trid tagħmel użu tajjeb mir-riżorsi naturali tagħha u tippromovi l-aqwa postijiet tagħha fejn in-natura u l-ġestjoni tat-territorju f'żoni kostali u marittimi jinsabu f'armonija ma' xulxin. Peress li ż-żoni kostali għandhom importanza strateġika partikolari mil-lat ambjentali, ekonomiku u soċjali, is-soluzzjonijiet għall-problemi f'dawn l-oqsma għandhom jagħmlu parti minn politika integrata ta' żvilupp sostenibbli, fejn il-ġestjoni tat-territorju, il-bilanċ bejn l-użi tal-enerġija rinnovabbli u l-bqija tal-attivitajiet kostali u l-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-ippjanar urban huma ta' importanza partikolari ([12]). Huwa neċessarju li tkun żgurata l-aqwa implimentazzjoni possibbli tad-Direttiva dwar l-ISM mill-Istati Membri. Peress li din id-Direttiva ma tittrattax iż-żoni kostali, huwa utli li jerġa' jsir riferiment għall-Konvenzjoni ta' Barċellona, li b'mod konvenjenti għandha protokoll dwar il-ġestjoni taż-żoni kostali.

---

([8]) Id-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014, ara wkoll https://ec.europa.eu/maritimeaffairs/policy/maritime_spatial_planning_mt

([9]) http://ec.europa.eu/environment/marine/international-cooperation/regional-sea-conventions/barcelona-convention/index_en.htm.

([10]) Bħalissa, ma hemm ebda liġi diretta tal-UE dwar l-ilma tal-ballast, għad li r-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi, jirrikonoxxi l-Konvenzjoni tal-BWM bħala waħda mill-miżuri ta' mmaniġġjar possibbli għall-ispeċijiet invażivi ta' tħassib.

([11]) Dokument tal-Kunsill 13398/16 (http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13398-2016-INIT/mt/pdf).

([12]) ĠU C 451, 16.12.2014, p. 64.

## 4.2. ***Vantaġġi fit-tul ta' approċċ transettorjali integrat***

### 4.2.1. *L-armonizzazzjoni ta' rekwiżiti legali*

4.2.1.1. Is-sitwazzjoni attwali teħtieġ li tiġi vvalutata sewwa wara l-iskadenza tat-18 ta' Jannar 2016 għall-Istati Membri tal-UE biex jemendaw il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom u jittrasponu d-Direttiva 94/25/KE dwar id-dgħajjes illi jintużaw għar-rikreazzjoni, kif emendata bid-Direttiva 2003/44/KE. Din id-Direttiva ġiet ippromulgata sabiex tippromovi l-iżvilupp sostenibbli tas-settur u tnaqqas in-numru ta' aċċidenti fuq il-baħar permezz tal-introduzzjoni ta' rekwiżiti standard dwar is-sigurezza tal-utent kif ukoll l-emissjonijiet tal-egżost u tal-istorbju.

4.2.1.2. Dan il-qafas legali Ewropew kien maħsub biex ineħħi d-disparitajiet bejn l-Istati Membri li jirriskjaw li jfixklu l-moviment intra-UE. Dan il-proċess ta' armonizzazzjoni ġab miegħu għadd ta' sfidi li jeħtieġ li jiġu identifikati u analizzati b'mod urġenti, peress li hu ċar li għad m'hemmx uniformità fil-livell tal-Unjoni Ewropea f'termini tar-rekwiżiti. Hemm nuqqas ta' koordinazzjoni u uniformità, kif jidher mid-diversi skemi nazzjonali ta' taħriġ għall-kaptani ([13]).. Jekk ma jkunx ġestit b'mod effettiv u bla telf ta' żmien, il-proċess tat-traspożizzjoni interim jista' jkun kontroproduttiv u potenzjalment jaffettwa l-kompetittività tal-industrija tad-dgħajjes għar-rikreazzjoni, b'implikazzjonijiet li jaħdmu kontra l-għanijiet stabbiliti għat-turiżmu nawtiku u marittimu.

### 4.2.2. *Kompetittività*

4.2.2.1. F'dawn l-aħħar snin, diversi sottosetturi ta' din l-industrija kienu soġġetti għal volatilità fid-domanda u l-varjazzjonijiet fl-industrija tat-turiżmu inġenerali li ġiet affettwata wkoll mill-klima ekonomika prevalenti fil-pajjiżi ta' oriġini. Mingħajr dubju, il-konsegwenzi tal-attakki terroristiċi riċenti fl-Ewropa u ż-żieda sussegwenti ta' theddidiet terroristiċi oħrajn se jħallu impatt fuq it-turiżmu. Madankollu, tul is-snin, it-turiżmu rriżulta ferm reżiljenti, anki f'dawn iż-żminijiet tassew ta' sfida, kif juri l-irkupru veloċi wara l-kriżi ekonomika tal-2008-2009 u d-diversi kriżijiet li ġew warajha.

4.2.2.2. Prodotti u servizzi tat-turiżmu ta' kwalità għolja qed isiru dejjem aktar importanti u għandhom ikunu innovattivi, filwaqt li l-investimenti għandhom ikunu ggarantiti. Jeħtieġ li nħarsu lejn id-diversifikazzjoni u t-titjib tal-prodott tul il-katina tal-valur kollha kemm hi. Din hija triq li tista' tagħti spinta sinifikanti lis-settur tat-turiżmu nawtiku u marittimu u l-attraenza tad-destinazzjonijiet potenzjali. Dan ser jippermettilna wkoll li nadattaw għal bidliet fix-xejriet tal-konsum u t-tibdil demografiku li qed jinfluwenza x-xejriet ta' vvjaġġar.

4.2.2.3. Il-klijenti qegħdin isiru dejjem aktar avventurużi u saru aktar lesti li jieħdu sehem f'modi u f'esperjenzi ġodda tal-ivvjaġġar. Is-sejħa reċenti għal EUR 1,5 miljun mill-Kummissjoni għall-ħolqien ta' rotot nawtiċi li jippromovu t-turiżmu nawtiku hija pass fid-direzzjoni t-tajba. Din l-inizjattiva se tgħin fil-promozzjoni ta' rabtiet ma' setturi ekonomiċi oħra u se tattira viżitaturi b'interessi speċjali, bħall-gastronomija, il-kultura u l-attivitajiet ta' divertiment.

4.2.2.4. Fi ħdan il-qafas tal-kompetenzi tagħha, il-Kummissjoni twettaq azzjonijiet sabiex tappoġġja l-kompetittività u s-sostenibbiltà tas-settur tat-turiżmu li jistgħu jibbenefikaw ukoll lill-iżvilupp tat-turiżmu nawtiku u marittimu.

4.2.2.5. Azzjoni minnhom hija l-programm COSME, li, tul l-aħħar sitt snin, kien qed jappoġġja l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' prodotti tat-turiżmu tematiku tranżazzjonali, f'oqsma bħat-turiżmu marittimu, it-turiżmu kulturali, il-gastronomija, l-isport u l-benessri ([14]). L-inizjattiva EDEN tagħti wkoll viżibilità lil destinazzjonijiet mhux tradizzjonali li wrew eċċellenza fl-iżvilupp ta' turiżmu sostenibbli ([15]). L-edizzjoni tal-2010 iffokat fuq destinazzjonijiet kostali, qrib ix-xmajjar u l-lagi, filwaqt li ppromoviet approċċi innovattivi lejn l-offerta tat-turiżmu akkwatiku tagħhom.

4.2.2.6. Ir-reġjuni jistgħu wkoll jużaw il-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment ([16]) rigward investiment għall-modernizzazzjoni taż-żoni kostali, marini u portijiet, u għall-preservazzjoni tal-wirt naturali u kulturali fiż-żoni kostali, jekk dawn jikkontribwixxu għall-objettivi tematiċi rilevanti u huma parti minn strateġija territorjali. Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll gwida ([17]) li tipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-opportunitajiet ta' finanzjament mill-UE għas-settur tat-turiżmu. Il-partijiet ikkonċernati tat-turiżmu kostali u marittimu jistgħu japplikaw għall-fondi rilevanti minn dawn il-programmi differenti.

---

([13]) Ara wkoll ĠU C 389, 21.10.2016, p. 93.
([14]) http://ec.europa.eu/growth/sectors/tourism/offer/sustainable/indicators_mt
([15]) https://ec.europa.eu/growth/tools-databases/eden/about/themes_mt
([16]) http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/informat/2014/guidance_tourism.pdf.
([17]) http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/newsroom/cf/itemdetail.cfm?item_id=8496&lang=mt

4.2.2.7. Ir-rabta u l-promozzjoni ta' dawn is-servizzi jistgħu jinkisbu permezz tar-raggruppament ta' prodotti u servizzi li jistgħu jtejbu l-esperjenza tal-viżitaturi, jiġifieri billi tidderiġihom lejn l-għażla preferuta komprensiva ta' prodotti u servizzi li jappellaw għalihom speċifikament. Il-kunċett ta' raggruppament qiegħed isir dejjem aktar popolari fit-turiżmu, u dan jinvolvi l-offerta ta' prodotti u ta' servizzi turistiċi speċjalizzati. Il-kummerċjalizzazzjoni mmirata tippermetti l-użu ta' kull mezz, speċjalment tal-metodi diġitali, sabiex tilħaq direttament lill-viżitaturi potenzjali kollha, bil-ħsieb li tinħoloq konnessjoni diretta bejn il-viżitaturi potenzjali u d-destinazzjoni.

4.2.3. *Il-potenzjal tal-ħolqien tal-impjiegi tat-turiżmu nawtiku u marittimu*

L-investiment fin-nies huwa prerekwiżit għat-tkabbir sostenibbli u kompetittiv. Biex jintlaħaq dan l-għan hemm bżonn ta' bidla strateġika f'termini ta' opportunitajiet għall-iżvilupp tal-ħiliet, kooperazzjoni fl-industrija kollha u impenn u tmexxija minn partijiet interessati rilevanti. Dan huwa proċess li jeħtieġ li jinġiebu flimkien il-partijiet interessati ewlenin permezz ta' djalogu soċjali u ċivili, fi sforz biex tiġi stabbilita strateġija komuni biex tiġi indirizzata sfida li qed iħabbtu wiċċhom magħha l-parti l-kbira tal-Istati Membri tal-UE. Dan jista' jservi wkoll bħala bażi għall-ħolqien ta' prospetti ta' impjiegi ġodda, speċjalment għaż-żgħażagħ, bl-għan li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul, u jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-baħħara b'rabta mal-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħhom fit-tbaħħir u l-benefiċċju ta' reġim ta' konformità msaħħaħ.

4.2.3.1. Fl-opinjoni tiegħu dwar it-tkabbir u l-impjiegi fit-turiżmu kostali u marittimu ([18]), il-KESE qal li l-azzjoni proposta sabiex isir sħarriġ tal-ħtiġijiet ta' taħriġ u t-twaqqif ta' taqsima tal-"impjiegi blu" fil-Portal tal-EURES kienet waħda importanti. Madankollu, huwa essenzjali wkoll li l-Kummissjoni tippubbliċizza dan b'mod estensiv u żżid l-għarfien fost l-Istati Membri dwar il-bżonn li jużaw l-eżitu tal-istħarriġ fil-politiki domestiċi tagħhom ta' taħriġ. It-taħriġ jenħtieġ li jkun immirat għall-impjegati kif ukoll għall-impjegaturi, iżda anki għall-istituzzjonijiet tat-turiżmu. Sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tat-turiżmu, tal-patrimonju Ewropew u tal-ambjent għandha tkun inkluża fit-taħriġ ukoll. Din għandha tkun parti mill-edukazzjoni obbligatorja sabiex iż-żgħażagħ jiġu edukati dwarha minn età bikrija.

4.2.3.2. Il-Kummissjoni ħadet diversi inizjattivi sabiex tiżviluppa l-ħiliet fit-turiżmu li se jibbenefikaw lill-impjiegi blu wkoll, bħall-"Aġenda Ġdida għall-Ħiliet" ([19]). Dan id-dokument ta' politika importanti fih "pjan ta' azzjoni għall-kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet", li jidentifika t-turiżmu bħala wieħed mis-sitt setturi pilota għat-twettiq ta' azzjonijiet speċifiċi bbażati fuq approċċ immexxi mill-industrija. F'din il-konnessjoni, ġiet ippubblikata sejħa għal proposti fi tmiem Jannar 2017 taħt il-fond Erasmus+ b'baġit ta' EUR 4 miljun. Il-fond se jappoġġja l-ħolqien ta' pjattaforma ta' partijiet ikkonċernati settorjali ewlenin (inklużi l-industrija u l-fornituri tal-edukazzjoni) li se jipproponu azzjonijiet u rakkomandazzjonijiet għall-5/10 snin li jmiss. Il-pjattaforma se tanalizza t-tendenzi ewlenin u l-ħtiġijiet tal-ħiliet fis-settur, tiżviluppa azzjonijiet konkreti sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' ħiliet fit-terminu qasir u medju, tirrevedi profili okkupazzjonali, taġġorna kurrikuli ġodda, tippromovi l-attraenza tas-settur, u tħeġġeġ il-mobilità għall-istudenti u għall-persuni li jfittxu impjieg.

4.2.3.3. Sejħa għal offerti b'baġit ta' EUR 800 000 se tiġi ppubblikata wkoll f'Marzu 2017 taħt il-COSME, sabiex tappoġġja l-azzjonijiet li jippromovu l-immaġni tal-karrieri fit-turiżmu. L-azzjonijiet se jinkludu kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar inizjattivi u għodod eżistenti għall-iżvilupp tal-ħiliet fit-turiżmu, u dwar l-immaġni tal-karrieri fit-turiżmu, permezz tal-forniment ta' materjali ta' appoġġ, ta' intervisti u ta' webinars li jippreżentaw l-aspetti pożittivi tal-karrieri fit-turiżmu (jiġifieri li huma internazzjonali, moderni, dinamiċi). L-azzjonijiet ser ikunu mmirati lejn negozji (inklużi SMEs) u negozji ġodda li jaħdmu fit-turiżmu, kif ukoll lejn studenti u persuni li qed ifittxu impjieg.

4.2.4. *Data Ekonomika Statistika*

4.2.4.1. L-industrija tat-turiżmu nawtiku u marittimu hija kumplessa ħafna u tinvolvi sett varjat ta' relazzjonijiet bejn ħafna partijiet ikkonċernati differenti. Id-diversi attivitajiet ekonomiċi li flimkien isawru lil din l-industrija jvarjaw b'mod konsiderevoli. Informazzjoni statistika dwar it-turiżmu marittimu u kostali fl-Istati Membri mhijiex dejjem disponibbli fil-pront u l-metodu tal-ġbir jista' jvarja minn pajjiż għall-ieħor. Dan jista' jipproduċi data inkonsistenti u għalhekk jippreżenta ċifri li ma jagħtux riżultati preċiżi. Minħabba l-importanza tas-settur għall-ekonomija Ewropea, data konsistenti u preċiża hija ħtieġa assoluta. Dan se jgħin ukoll lil kulħadd fis-settur sabiex jifhem u jivverifika bi preċiżjoni d-dinamika tal-

([18]) ĠU C 451, 16.12.2014, p. 64.
([19]) http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1223&langId=mt

industrija nawtika u kif din tinfluwenza l-prestazzjoni ekonomika tal-UE. Il-metodoloġija tal-kont satellita tat-turiżmu ([20]) tista' tipprovdi lis-settur bl-għodda meħtieġa. Id-data ekonomika derivata permezz ta' din is-sistema tista' tiġi kkombinata mal-ġbir ta' data importanti oħra li, flimkien, jistgħu jikkostitwixxu l-"mekkaniżmu indikatur sostenibbli". Għadd ta' Stati Membri diġà huma midħla ta' din l-għodda u dan se jiffaċilita l-proċess.

Brussell, it-30 ta' Marzu 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

([20]) Il-Kont Satellita tat-Turiżmu (TSA) żviluppat mill-UNWTO huwa qafas statistiku standard u l-għodda ewlenija għall-kejl ekonomiku tat-turiżmu. Il-Qafas Metodoloġiku Rakkomandat 2008 (magħruf ukoll bħala t-TSA: RMF 2008) jipprovdi l-qafas kunċettwali komuni aġġornat għall-bini ta' TSA.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Gżejjer fl-UE: minn żvantaġġ strutturali għal territorju inklużiv"**

**(Opinjoni esploratorja)**

(2017/C 209/02)

Relatur: **Stefano MALLIA**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Opinjoni esploratorja (Presidenza Maltija), 16.9.2016 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottata fis-sezzjoni speċjalizzata | 8.3.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 29.3.2017 |
| Sessjoni tal-plenarja Nru | 524 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 163/1/3 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Għandu jsir sforz ikbar mill-UE biex tirrikonoxxi kemm huma uniċi l-isfidi li qed jiffaċċjaw il-gżejjer. Dawn l-isfidi ma jistgħux jiġu indirizzati biss permezz tal-Politika ta' Koeżjoni.

1.2. Il-gżejjer ibatu minn għadd ta' żvantaġġi strutturali li ta' spiss jirriżultaw f'kundizzjonijiet diffiċli biex jitwettaq in-negozju. Il-KESE huwa tal-fehma qawwija li oqsma ta' politika ewlenin bħas-Suq Uniku, il-Politika tal-Kompetizzjoni, il-Politika tat-Trasport, il-Politika tal-Iżvilupp Rurali u l-Politika tas-Sajd, kif ukoll l-inizjattivi u l-programmi tal-UE li jappoġġjaw il-Politiki tal-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażagħ u l-Isport għandhom jiġu applikati b'aktar flessibilità fil-każ ta' ekonomiji tal-gżejjer.

1.3. Il-KESE jaħseb li l-kriterji użati mill-Eurostat biex jiġi definit reġjun insulari għandhom jiġu evalwati mill-ġdid u b'hekk jintużaw kriterji iżjed adatti (ara l-punti 2.4-2.6).

1.4. Persuni b'diżabilitajiet, u b'mod aktar ġenerali kull persuna bi żvantaġġi, għandhom jingħataw attenzjoni speċifika billi għandhom it-tendenza li jbatu iżjed minn oħrajn l-effetti tal-problemi li qed jiffaċċjaw il-gżejjer.

1.5. Il-KESE huwa tal-fehma li huwa essenzjali li l-isforzi kollha biex jiġu megħjuna l-gżejjer jagħtu prijorità li jiġi pprovdut aċċess għas-servizzi pubbliċi, li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli, u li jitrawmu l-impjieg sħiħ, il-kompetittività u l-koeżjoni fil-gżejjer Ewropej.

1.6. Il-gżejjer u r-reġjuni insulari ta' sikwit joffru opportunitajiet uniċi għal soluzzjonijiet ta' enerġija nadifa. Il-KESE jappoġġja l-isforzi kollha tal-Kummissjoni Ewropea f'din id-direzzjoni u b'mod aktar speċifiku jappoġġja t-tranżizzjoni tal-gżejjer lejn soluzzjonijiet ta' enerġija nadifa mija fil-mija.

1.7. Il-KESE jappoġġja s-sejħa tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni biex tniedi studju fil-fond dwar l-ispejjeż addizzjonali li jkollhom il-gżejjer Ewropej.

1.8. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jikkunsidraw ir-reġjuni insulari jew l-Istati Membri gżejjer kollha bħala eliġibbli għal finanzjament relatat mal-infrastruttura fil-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020. Fid-dawl ta' dan, il-fondi kollha tal-perjodu 2014-2020 li għandhom l-għan li jtaffu r-restrizzjonijiet speċifiċi li jiffaċċjaw il-gżejjer għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni *ex post* tal-effikaċja tagħhom.

1.9. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi qafas leġislattiv iżjed adatt fir-rigward tal-applikazzjoni tal-għajnuna mill-istat fir-reġjuni insulari u l-gżejjer li jikkonsistu biss minn Stati Membri gżejjer.

1.10. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tintensifika l-koordinazzjoni permezz tal-Grupp ta' bejn is-Servizzi dwar l-Iżvilupp Urban u Territorjali u l-użu tal-Valutazzjonijiet tal-Impatt Territorjali bħala għodda biex tirrevedi l-leġislazzjoni ewlenija u tidentifika fejn jistgħu jiġu inklużi klawżoli dwar l-insularità.

## 2. L-insularità u l-Ewropa: ħarsa ġenerali

### *L-ambitu*

2.1. Fil-gżejjer tal-Ewropa jgħixu 'l fuq minn 21 miljun ruħ. Dawn jirrappreżentaw, bejn wieħed u ieħor, 4 % tal-popolazzjoni kollha tal-UE-28. Il-popolazzjoni globali tal-gżejjer kollha tal-UE (ħlief il-gżejjer li huma nazzjonijiet — il-Gran Brittanja, l-Irlanda, Ċipru u Malta) kieku tilħaq il-11-il pajjiż l-aktar popolat tal-Ewropa ([1]). Hemm ħtieġa urġenti li jiġi adottat qafas ta' politika integrata sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ekonomiċi, soċjali u ta' koeżjoni territorjali li qed jiffaċċjaw il-gżejjer Ewropej.

2.2. L-UE trid tirrikonoxxi kemm huma uniċi l-isfidi li qed jiffaċċjaw il-gżejjer. F'dan ir-rigward huwa meħtieġ sforz kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali, biex b'hekk jiġi mmassimizzat il-potenzjal sħiħ tal-gżejjer tal-UE.

2.3. Din l-Opinjoni għandha l-għan li tagħti spinta ġdida lid-dibattitu fil-livell tal-UE dwar il-valur tal-insularità fil-politiki Ewropej, u speċifikament hemm fil-mira l-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020, bit-tħeġġiġ ta' approċċ "minn isfel għal fuq" imsejjes fuq parteċipazzjoni iżjed konkreta tas-soċjetà ċivili u tal-imsieħba soċjali fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet sabiex jiġu stabbiliti politiki u programmi msejsa fuq il-ħtiġijiet reali tan-nies. Is-sħubija u l-governanza f'diversi livelli previsti fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni ([2]) għandhom jissaħħu aktar fil-perjodu wara l-2020.

2.3.1. Din l-Opinjoni għandha l-għan ukoll li twassal sett adatt ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika li jenfasizzaw il-kunċett ta' "gżejjer inklużivi", li jqiegħdu fil-prattika l-prinċipji ta' "Effiċjenza" u "Ekwità" bħala pilastri li jrawmu l-kompetittività u l-koeżjoni soċjali tal-gżejjer kollha fl-Ewropa:

— "Effiċjenza" — l-iżgurar li l-gżejjer kollha jkunu jistgħu jilħqu l-iżvilupp sħiħ tagħhom;

— "Ekwità" — l-iżgurar li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għal opportunitajiet u servizzi jkun xi jkun il-kuntest territorjali fejn jgħixu.

### *Definizzjoni ta' gżejjer u insularità*

2.4. Skont id-definizzjoni tal-Eurostat ([3]), gżira hija kwalunkwe territorju li tissodisfa dawn il-ħames kriterji: (1) ikollha erja ta' mill-inqas kilometru kwadru; (2) tkun tinsab iżjed minn kilometru mill-art kontinentali; (3) ikollha popolazzjoni residenti permanenti ta' mill-inqas 50 ruħ; (4) ma jkollha l-ebda pont fiss mal-kontinent; (5) ma jkollhiex belt kapitali tal-UE.

2.5. Il-gżejjer tal-Ewropa jistgħu wkoll jiġu raggruppati skont l-aspetti ġeografiċi, il-klassifikazzjoni NUTS (klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika) u d-daqs tagħhom.

2.6. Hemm tliet dimensjonijiet li jiddefinixxu l-insularità: (1) iċ-ċokon, (2) il-periferiċità u (3) l-vulnerabbiltà ([4]).

2.7. L-approċċ tal-UE lejn il-gżejjer ingħata profil ogħla bl-introduzzjoni ta' żewġ stati gżejjer żgħar, Ċipru u Malta, bħala membri tal-UE.

2.7.1. Matul l-2008, il-"Green Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali" ([5]) ipproponiet definizzjoni tal-koeżjoni territorjali bħala "mezz ta' kif id-diversità tista' tinbidel f'vantaġġ li jikkontribwixxi lejn l-iżvilupp sostenibbli tal-UE kollha". Minn din il-perspettiva, l-insularità tista' tiġi kkunsidrata bħala ass u sors ta' żvilupp potenzjali.

([1]) https://europeansmallislands.com/2017/02/11/the-11th-nation/
([2]) L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013.
([3]) *Portrait of Islands*, Kummissjoni Ewropea, Eurostat, 1994.
([4]) "*Insularity and economic development: a survey*", Manuela Deidda, CRENOS 2014.
([5]) Kummissjoni Ewropea, COM(2008) 616 final – Brussell, 6 ta' Ottubru 2008.

2.8. "Il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE 2014-2020" tipprovdi l-bażi biex jiġu allinjati l-programmi tal-UE, għall-bżonnijiet ta' territorji bi żvantaġġi, bħall-gżejjer, b'kont meħud partikolarment tal-isfidi territorjali ewlenin identifikati fil-Qafas Strateġiku Komuni. Għodod ġodda għall-appoġġ ta' strateġiji ta' żvilupp territorjali integrati li ġew introdotti għall-2020-2014 bħall-Investiment Territorjali Integrat u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-Komunità għandhom jerġgħu jiġu analizzati mill-perspettiva tal-gżejjer bi tħejjija għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020.

2.9. B'kont meħud tal-Opinjoni tal-KESE dwar "Il-problemi speċifiċi tal-gżejjer" u "Gżejjer intelliġenti" ([6]), u wara r-reviżjoni ta' nofs it-term tal-"Istrateġija Ewropa 2020" ([7]), jidher b'mod ċar li f'dak li jirrigwarda l-gżejjer, il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni ma ħadmux kif kien mistenni. Huwa evidenti li hemm bżonn ta' approċċ ġdid.

2.10. F'Jannar 2016, permezz tar-Riżoluzzjoni "Is-sitwazzjoni speċjali tal-gżejjer" ([8]), il-Parlament Ewropew ipprovda l-bażi għar-reviżjoni tal-politiki eżistenti tal-UE.

## 3. **Il-problemi ewlenin li jaffettwaw lill-gżejjer Ewropej**

3.1. Skont il-konklużjonijiet tal-istudju tal-ESPON, Euroislands ([9]), qabel ma jiġu analizzati l-problemi li jaffettwaw lill-gżejjer Ewropej, tkun utli deskrizzjoni qasira tas-"saħħiet u d-dgħufijiet" u l-"opportunitajiet u t-theddid", sabiex jiġu kontestwalizzati aħjar l-isfidi li l-gżejjer se jiffaċċjaw fis-snin li ġejjin.

3.1.1. Fir-rigward tas-"saħħiet", il-kwalità tal-ħajja, il-preżenza ta' densità għolja ta' kapital naturali u kulturali u identità kulturali b'saħħitha, jippreżentaw elementi tanġibbli li għandhom jiġu sfruttati biex jinħolqu ġid u impjieg ġodda fil-gżejjer.

3.1.2. Fir-rigward tad-"dgħufijiet", l-insularità taffettwa direttament u b'mod permanenti uħud mill-parametri l-iżjed importanti li jservu ta' attrazzjoni għall-gżejjer, bħall-aċċessibilità, is-servizzi ta' interess pubbliku, is-servizzi privati u n-networks, l-ekonomiji ta' skala u l-organizzazzjoni tas-suq.

3.1.3. L-"opportunitajiet" jistgħu jiġu elenkati bħala d-domanda għall-kwalità tal-ħajja, il-prodotti tal-ikel ta' kwalità u sikuri, it-turiżmu b'interess speċifiku u s-servizzi residenzjali. Dawn il-fatturi għandhom jiġu sfruttati u trasformati f'saħħiet sabiex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet negattivi ewlenin tal-insularità relatati maċ-ċokon, il-periferiċità u l-vulnerabbiltà.

3.1.4. It-"theddid" jista' jiġi identifikat fir-rigward tat-tibdil fil-klima, il-globalizzazzjoni, il-kriżijiet ekonomiċi, iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, l-iskarsezza tal-ilma, id-degradazzjoni tal-ħamrija u l-estinzjoni tal-istokkijiet tas-sajd.

3.2. Anke jekk il-problemi li jaffettwaw lill-gżejjer Ewropej ikollhom effetti li jvarjaw ħafna skont fatturi speċifiċi ([10]), huwa possibbli li jiġu raggruppati fi tliet gruppi ewlenin: (1) l-ekonomija tal-gżejjer; (2) l-ekwità soċjali; u (3) il-konservazzjoni ambjentali.

3.3. **L-ekonomija tal-gżejjer** — il-gżejjer għandhom PDG medju għal kull ras inqas mill-medja għall-UE-28 ([11]). B'mod ġenerali l-proċess ta' konverġenza ekonomika jimxi iżjed bil-mod milli għall-bqija tar-reġjuni tal-UE. Għal ħafna gżejjer, il-livelli tal-PDG u ta' impjieg huma sostnuti mit-turiżmu u minn settur pubbliku kbir, li juri li l-ekonomija għandha kompetittività baxxa.

3.3.1. L-ispiża għolja tat-trasport u n-nuqqas ta' konnessjonijiet ma' territorji oħrajn jikkostitwixxu problema maġġuri għat-territorji insulari. Din il-problema trid tiġi rikonoxxuta u indirizzata b'mod flessibbli bil-għan li l-ekonomiji tal-gżejjer jissopravivu u jiffjorixxu. Għalkemm il-qafas legali tar-Regolament (KEE) Nru 3577/92 jippermetti lill-Istati Membri jorganizzaw servizzi pubbliċi li jiżguraw konnessjonijiet regolari ma' territorji insulari, hemm il-ħtieġa li jiġi rivedut x'kien l-impatt reali ta' din il-miżura.

3.3.2. Aspett ieħor li jaffettwa b'mod negattiv il-kompetittività tal-ekonomija ta' wħud mill-gżejjer huwa dak relatat mal-ekonomiji monokulturali, fejn ċerti ekonomiji insulari jispeċjalizzaw f'qasam wieħed jew ftit oqsma ekonomiċi (pereżempju t-turiżmu) jew ikollhom attività ekonomika limitata minħabba ċ-ċokon tagħhom.

---

([6]) ĠU C 181, 21.6.2012, p.7, ĠU C 268, 14.8.2015, p. 8.
http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.ten-opinions&itemCode=40697

([7]) Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar *Evalwazzjoni tal-istrateġija tal-Ewropa 2020* (ĠU C 12, 15.1.2015, p. 105).

([8]) Parlament Ewropew – Strasburgu, 4 ta' Frar 2016.

([9]) *The Development of the Islands – European Islands and Cohesion Policy* (EUROISLANDS), ESPON 2013 European Programme.

([10]) Il-post ġeografiku, il-prossimità jew il-periferiċità mill-art kontinentali jew miċ-ċentri ekonomiċi, il-klima, kemm hi attraenti mil-lat tat-turiżmu, id-daqs tal-popolazzjoni, il-prospetti għall-agrikoltura u s-sajd u l-livell ġenerali ta' żvilupp.

([11]) Statistika tal-Eurostat – Data minn Marzu 2016.

3.3.3. Il-KESE jappoġġja s-sejħa mill-Parlament Ewropew biex il-Kummissjoni tniedi studju/analiżi fil-fond dwar l-ispejjeż żejda li jkollhom gżejjer Ewropej, f'termini tas-sistema tat-trasport għan-nies u l-oġġetti, il-provvista tal-enerġija u l-aċċess għas-swieq, b'mod partikolari għall-SMEs.

3.4. **L-ekwità soċjali** — Matul l-aħħar għaxar snin l-ekwità soċjali fil-gżejjer Ewropej inbidlet b'mod profond minħabba għadd ta' fatturi interni u esterni: trasportazzjoni, tibdil ekonomiku, tibdil fl-istili ta' ħajja, kulturi u aspirazzjonijiet. Il-kriżi ekonomika affettwat b'mod negattiv fatturi ta' ekwità soċjali.

3.4.1. It-tinqis demografiku jaffettwa lill-gżejjer l-inqas żviluppati li għandhom it-tendenza li jbatu iżjed minn popolazzjoni li qed tixjieħ.

3.4.2. F'ċerti sistemi insulari (pereżempju gżejjer Mediterranji) il-migrazzjoni tar-refuġjati ħalliet impatt fuq l-istandards ta' ekwità soċjali. Numru kbir ta' migranti reċentement waslu fit-territorji insulari, xi kultant anke iżjed fin-numru mill-popolazzjoni lokali, li min-naħa tagħhom mhumiex f'qagħda li jagħtu l-appoġġ u l-għajnuna neċessarja. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli ssaħħaħ is-sinerġiji bejn il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex jużaw il-Fondi SIE biex jappoġġjaw politiki effettivi ta' integrazzjoni li jkopru l-edukazzjoni, l-impjieg, l-akkomodazzjoni u n-nondiskriminazzjoni.

3.4.3. L-inizjattivi u l-programmi tal-UE li jappoġġjaw il-politiki tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport, bħall-Erasmus+, għandhom iqisu l-fatt li l-gżejjer huma iżolati, kif ukoll in-nuqqas ta' għarfien espert u għarfien li xi kultant ikun hemm bil-għan li jiġu żgurati l-finanzjament u l-funzjonament ta' skambji u interazzjonijiet internazzjonali.

3.4.4. Persuni b'diżabilitajiet, u b'mod aktar ġenerali l-persuni kollha bi żvantaġġi, ibatu iktar minn oħrajn mill-effetti tal-problemi msemmija hawn fuq. L-eżempju pożittiv tal-Politika ta' Koeżjoni li teħtieġ lill-benefiċjarji finali biex iwettqu proġetti ffinanzjati permezz tal-Fondi SIE biex ikunu aċċessibbli għall-persuni bi żvantaġġi għandu jkun ta' eżempju gwida għall-politiki kollha tal-UE.

3.5. **Konservazzjoni ambjentali** — Il-gżejjer Ewropej ta' sikwit jinsabu f'reġjuni li huma kkunsidrati postijiet uniċi għall-bijodiversità tagħhom.

3.5.1. Waħda mir-raġunijiet għal dan hija l-frammentazzjoni għolja ta' ħabitats. Ħafna gżejjer huma kkunsidrati partikolarment rikki fil-bijodiversità terrestri u tal-baħar. B'mod ġenerali, dan huwa rifless fil-fatt li hemm żoni protetti fil-biċċa l-kbira tal-gżejjer.

3.5.2. Il-gżejjer Ewropej għandhom aspetti naturali uniċi, iżda l-ekosistemi tagħhom huma wkoll fraġili u vulnerabbli ħafna għall-pressjonijiet mill-bniedem u pressjonijiet esterni oħrajn. Ġieli huma kkaratterizzati wkoll minn raba' limitat, nixfiet, livelli tal-baħar li qed jogħlew u erożjoni tal-art.

3.5.3. Bejn wieħed u ieħor il-gżejjer kollha jiffaċċjaw problemi serji fir-rigward tat-tniġġis tal-baħar, b'mod partikolari l-perikli tat-tniġġis abbażi tal-plastik, li huwa endemiku fl-oċeani tagħna (l-iżjed minħabba attivitajiet li ma jseħħux fil-gżejjer), id-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-pajsaġġ, l-iskarsezza tal-ilma ħelu, id-dipendenza mill-karburanti fossili u l-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma mormi.

## 4. Lejn "gżejjer inklużivi": it-triq 'il quddiem

4.1. It-triq 'il quddiem hija li dawn l-isfidi jiġu trasformati billi jiġi armonizzat u mtejjeb il-bilanċ bejn is-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali, billi jiġi applikat approċċ olistiku mmirat lejn l-implimentazzjoni tal-kunċetti ta' "Gżejjer ta' kwalità", "Gżejjer ekoloġiċi" u "Gżejjer b'opportunitajiet indaqs".

### *"Gżejjer ta' kwalità" — Titjib tal-kompetittività, il-prosperità u l-koeżjoni tal-gżejjer Ewropej*

4.2. Il-KESE huwa tal-fehma li huwa essenzjali li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli (ekonomiku, ambjentali u soċjali) u jitrawwmu l-impjieg sħiħ, l-innovazzjoni, il-kompetittività u l-koeżjoni fil-gżejjer Ewropej, u jiġu konsolidati u diversifikati attivitajiet ekonomiċi speċifiċi fid-dawl ta' solidarjetà reċiproka bejn il-gżejjer infushom u bejn il-gżejjer u l-art kontinentali.

4.2.1. Minkejja l-konsegwenzi tad-daqs u l-insularità, il-prodotti tal-gżejjer imsejsa fuq riżorsi lokali u l-għarfien espert jistgħu jkunu kompetittivi. L-għarfien ġdid, l-innovazzjoni u r-riżorsi umani b'ħiliet huma l-prerekwiżit għas-suċċess ta' strateġija bħal din li trid tkun orjentata lejn "swieq niċċa".

4.3. Il-KESE huwa tal-fehma qawwija li oqsma ta' politika ewlenin bħas-Suq Uniku, il-Politika tal-Kompetizzjoni, il-Politika tat-Trasport, il-Politika tal-Iżvilupp Rurali u l-Politika tas-Sajd għandhom jiġu applikati b'aktar flessibilità fil-każ ta' ekonomiji tal-gżejjer. Ma nistgħux niddependu biss fuq il-Politika ta' Koeżjoni biex nilħqu l-għanijiet meħtieġa.

4.3.1. Prijorità li għandha titqies sabiex jitrawmu "Gżejjer ta' kwalità", meta wieħed iqis l-oqsma ta' politika msemmija hawn fuq, hija relatata mal-isfruttar tal-innovazzjoni miftuħa u soċjali lejn il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg ġodda u ta' intrapriżi, biex b'hekk jinħolqu gżejjer li huma iżjed attraenti għall-abitanti.

### *"Gżejjer ekoloġiċi" — Garanzija tas-sostenibbiltà fil-gżejjer Ewropej*

4.4. Huwa essenzjali li l-Istati Membri, permezz tal-użu tal-Fondi SIE, issaħħu l-impenn immirat lejn il-ġestjoni sostenibbli u l-protezzjoni tal-ambjent, barra mit-tisħiħ tal-assi territorjali tal-gżejjer. Huwa vitali wkoll li jiġu implimentati strateġiji mmirati lejn it-tnaqqis tal-użu ta' riżorsi bħall-ilma, l-art, l-enerġija u r-riċiklaġġ tal-iskart prodott kemm min-negozji kif ukoll mill-popolazzjoni lokali.

4.5. Il-KESE jaħseb li l-"ekonomija ċirkolari" hija prijorità għall-gżejjer Ewropej. L-iżvilupp ta' mudell ta' ekonomija ċirkolari għall-gżejjer Ewropej se jgħin biex jiġu protetti l-ekonomiji insulari kontra l-esponiment għal riskji fil-provvista ta' riżorsi u prezzijiet volatili ta' prodotti bażiċi.

4.6. Il-gżejjer u r-reġjuni insulari ta' sikwit joffru opportunitajiet uniċi għal soluzzjonijiet ta' enerġija nadifa. Il-Kummissjoni Ewropea rikonoxxiet dan u wegħdet l-appoġġ tagħha għall-iżvilupp u l-adozzjoni tal-aqwa teknoloġiji disponibbli fil-gżejjer tal-UE u fir-reġjuni insulari, inklużi l-iskambju tal-aħjar prattika fil-finanzjament u sistemi legali u regolatorji ([12]). Il-KESE jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tagħti bidu għal dan l-isforz mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u tal-gżejjer, u joffri l-appoġġ sħiħ tiegħu sabiex jiġi implimentat qafas legali komprensiv għall-appoġġ tat-tranżizzjoni tal-gżejjer Ewropej lejn soluzzjonijiet ta' enerġija nadifa mija fil-mija.

### *"Gżejjer b'opportunitajiet indaqs" — Garanzija tal-aċċessibilità u l-konnettività għall-abitanti kollha*

4.7. Il-KESE japprova l-promozzjoni tal-iżvilupp territorjali msejjes fuq l-aċċess ugwali għaċ-ċittadini insulari kollha għas-Servizzi ta' Interess Ġenerali, il-kooperazzjoni bejn sistemi insulari u fl-art kontinentali, aċċessibilità aħjar tas-servizzi, il-mobilità sostenibbli, u t-titjib tal-modi ta' trasport u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni.

4.8. Huwa essenzjali li jiġu promossi ll-proċessi tat-taħriġ mill-ġdid u tat-tagħlim tul il-ħajja li jisfruttaw għall-massimu r-riżorsi umani disponibbli lokalment, jiġu żgurati kundizzjonijiet u opportunitajiet indaqs għal persuni b'diżabilitajiet u jiġi appoġġjat it-tixjiħ attiv bħala riżorsa lokali strateġika. Huwa fundamentali wkoll li ż-żgħażagħ li jgħixu fil-gżejjer ikunu mħeġġa jinvolvu ruħhom aktar fil-programmi tal-UE mmirati lejn il-promozzjoni tal-mobilità għal korsijiet ta' taħriġ u kwalifiki, bħal Erasmus +.

4.9. Minbarra appoġġ politiku sod, l-isfidi li l-gżejjer tal-UE se jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom fis-snin li ġejjin se jkunu jeħtieġu wkoll aktar parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali fil-proċess lejn "strateġija ġdida għal gżejjer", kif ukoll ta' sistema intraprenditorjali msaħħa permezz ta' miżuri mmirati li jtejbu l-kompetittività tal-SMEs.

4.9.1. Din hija r-raġuni għaliex il-partijiet interessati ekonomiċi pubbliċi u privati, l-imsieħba soċjali u d-diversi komponenti tas-soċjetà ċivili organizzata għandu jkollhom għarfien dwar il-politiki, il-programmi u l-opportunitajiet ta' fondi tal-UE, permezz ta' programmi ta' taħriġ ad hoc, appoġġ organizzattiv u assistenza teknika.

4.10. Il-KESE jenfasizza li l-kapaċità diġitali hija mezz vitali biex jiġu kontrobilanċjati l-iżvantaġġi tal-konnettività tal-gżejjer Ewropej. Huwa meħtieġ aktar investiment għall-infrastruttura u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni sabiex tiġi żgurata disponibbiltà suffiċjenti tas-servizzi pubbliċi sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' dawk kollha li jgħixu f'territorji insulari.

## 5. **Kummenti u proposti speċifiċi**

5.1. Il-KESE jaħseb li l-kriterji użati mill-Eurostat biex jiġu definiti l-gżejjer għandhom jiġu evalwati mill-ġdid f'termini ta' kemm huma adatti.

---

([12]) *Communication on Clean Energy For All Europeans.* (mhux disponibbli bil-Malti).

5.2. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Qafas Strateġiku Komuni 2014-2020 ([13]) talab lill-Istati Membri sabiex iqisu l-karatteristiċi ġeografiċi jew demografiċi u jieħdu passi biex jindirizzaw l-isfidi territorjali speċifiċi ta' kull reġjun biex jiżviluppaw il-potenzjal ta' żvilupp speċifiku tagħhom, u b'hekk jgħinu wkoll biex jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv bl-aktar mod effiċjenti. Hemm bżonn ta' aktar sforz f'din id-direzzjoni għall-kisba ta' riżultati aktar tanġibbli.

5.3. L-isfida ewlenija biex jiġu appoġġjati l-kompetittività u l-koeżjoni tal-gżejjer Ewropej hija li jsiru iżjed attraenti. Skont il-konklużjonijiet tal-istudju tal-Euroislands ([14]), meta jiġu ppjanati l-proċessi ta' żvilupp lejn it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv tal-gżejjer Ewropej iridu jitqiesu żewġ fatturi ewlenin: kemm huma attraenti biex wieħed jgħix hemm u kemm huma attraenti għan-negozju.

5.4. Meta jqis ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar "Is-sitwazzjoni speċjali tal-gżejjer" u r-Riżoluzzjonijiet tas-CRPM, il-KESE jidentifika t-triq 'il quddiem sabiex il-gżejjer ikunu iżjed attraenti, kif ġej:

— Ir-reġjuni insulari u l-gżejjer li jikkonsistu biss minn Stati Membri gżejjer jiġu kkunsidrati bħala reġjuni inqas żviluppati fil-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020;

— Jiġu definiti kriterji ġodda u iżjed adatti għall-għajnuna mill-istat;

— Tiġi attivata "Unità tal-gżejjer" fi ħdan id-DĠ Regio flimkien ma' programm speċifiku għall-gżejjer;

— Jiġu inklużi klawżoli ta' insularità fl-atti leġislattivi ewlenin tal-UE (fejn dan ikun xieraq).

5.5. Il-KESE jappoġġja lill-KtR fis-sejħa tiegħu għal appoġġ aktar intensiv u mmirat mill-Politika ta' Koeżjoni u politiki oħrajn tal-UE biex jagħtu ħajja mill-ġdid lill-bliet portwarji u ż-żoni tal-portijiet, inklużi l-gżejjer, filwaqt li jsir użu mill-opportunitajiet maħluqa mill-Aġenda Territorjali, l-Aġenda Urbana, il-Karta ta' Leipzig u l-Patt ta' Amsterdam ([15]).

5.6. Ħafna mill-finanzjament mill-Politika ta' Koeżjoni jiġi kkonċentrat f'reġjuni inqas żviluppati. Il-klassifikazzjoni ta' reġjuni fil-Politika ta' Koeżjoni fil-biċċa l-kbira hija bbażata fuq il-PDG reġjonali, li mhuwiex indikatur perfett għal għadd ta' raġunijiet.

5.6.1. Fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-KESE dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020, għandhom jiġu investigati indikaturi addizzjonali li jikkomplementaw il-PDG fil-metodoloġija ta' allokazzjoni għal fondi strutturali. Dan ix-xenarju għandu jirriżulta f'żieda fil-fondi għal territorji insulari. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni biex tiżviluppa indikaturi oħrajn lil hinn mill-PDG li jqisu l-vulnerabbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tal-gżejjer.

5.6.2. Fid-dawl tal-approċċ "Lil hinn mill-PDG", il-gżejjer Ewropej jistgħu jiġu kklassifikati bħala "territorji inqas żviluppati". F'dan il-każ, il-gżejjer Ewropej kollha għandhom ikunu jistgħu jużaw il-Fondi ta' Koeżjoni biex iwettqu u jimplimentaw infrastrutturi strateġiċi u l-ammont ta' għajnuna lill-intrapriżi għall-kompetittività u l-koeżjoni ta' dawn iż-żoni jista' jiżdied ukoll u jiġu modulat skont il-livell ta' attrazzjoni tagħhom.

5.6.3. Il-valur miżjud ta' programm ta' azzjonijiet innovattivi għall-gżejjer għandu jiġi eżaminat mill-Kummissjoni u għandu jkollu l-għan li jidentifika u jittestja soluzzjonijiet innovattivi għall-iżvilupp sostenibbli tal-gżejjer għall-perjodu ta' wara l-2020.

5.6.4. Meta wieħed iqis il-karatteristiċi ġeomorfoloġiċi u ekonomiċi ta' xi gżejjer Ewropej (żoni kostali u interni, żoni muntanjużi), huwa possibbli li jiġi implimentat approċċ innovattiv bil-għan li tiġi promossa l-komplementarjetà bejn il-Fondi SIE u s-sinerġiji bejn strateġiji li jappoġġaw it-"Tkabbir blu" u l-"Iżvilupp rurali".

Brussell, id-29 ta' Marzu 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

---

([13]) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 (Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni) Artikolu 10 u Anness I.

([14]) *The Development of the Islands – European Islands and Cohesion Policy* (EUROISLANDS) — Programm Ewropew ESPON 2013.

([15]) http://cor.europa.eu/en/activities/opinions/Pages/opinions-and-resolutions.aspx

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## IL-523 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FIT-22 U D-23 TA' FRAR 2017

### Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija Spazjali għall-Ewropa"

*(COM(2016) 705 final)*

(2017/C 209/03)

Relatur: **Mindaugas MACIULEVIČIUS**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 26.10.2016 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Suq Uniku, Produzzjoni u Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 9.3.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 30.3.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 524 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 199/02/03 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar "Strateġija Spazjali għall-Ewropa" u japprova l-linji gwida proposti. Dawn jinkludu għadd ta' elementi ġodda, fosthom il-ftuħ għas-soċjetà ċivili, l-enfasi fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), l-inkoraġġiment tar-riċerka u l-iżvilupp u l-bżonn li jiġu żgurati flussi finanzjarji adegwati f'attivitajiet spazjali, inkluż permezz tal-mobilizzazzjoni ta' kapital privat.

1.2. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli f'din it-triq u biex timmira saħansitra lejn orizzonti aktar ambizzjużi. L-ewwel taqsima tal-komunikazzjoni hija intitolata: "L-isfruttament totali tal-benefiċċji tal-ispazju għas-soċjetà u għall-ekonomija tal-UE" u tinkorpora ħafna mir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Kumitat fil-proġett tiegħu "L-Ispazju u s-Soċjetà".

1.3. Il-KESE jifhem in-natura doppja tal-kapaċitajiet spazjali. Madankollu, huwa jtenni l-appoġġ qawwi tiegħu għal politika spazjali orjentata lejn **il-ħtiġijiet ċivili** (il-paċi u l-kooperazzjoni), filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza li tuża sistemi ta' monitoraġġ tal-ispazju għall-iskop tas-sikurezza u s-sigurtà pubblika. Dan l-użu doppju huwa wieħed mill-fatturi li jwasslu għas-suċċess ta' politiki integrati u armonizzati sabiex tiġi salvagwardjata l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej.

1.4. Fid-dawl tar-riżultati eċċellenti s'issa f'termini ta' preċiżjoni u affidabilità, il-KESE jittama li l-Kummissjoni tfassal regolament li jagħmel l-użu tal-Galileo bħala sistema ta' ġeopożizzjonament prijoritarja u f'xi każi speċifiċi, ta' preferenza, fl-Ewropa.

1.5. L-investimenti ppjanati għas-snin li ġejjin huma biżżejjed għall-programmi Copernicus u Galileo, iżda dawn għandhom ikunu ggarantiti. Is-sena li ġejja, se jitnieda d-dibattitu dwar il-qafas finanzjarju pluriennali ġdid; il-Kumitat jixtieq jara iżjed riżorsi allokati biex jintlaħqu l-isfidi l-ġodda tat-tibdil fil-klima, is-sigurtà u d-difiża kontra theddid estern. Il-programm Orizzont 2020 u l-Fondi Strutturali jistgħu jintużaw biex jappoġġjaw l-attivitajiet ta' żvilupp tas-settur spazjali.

1.6. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni flimkien mal-Bank Ewropew tal-Investiment biex jidentifikaw għażliet ta' finanzjament ġodda sabiex l-investituri privati jitħajru jieħdu kont tas-settur spazjali. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni tista' tikkoopera billi torganizza laqgħat, li jridu jsiru fil-livell tal-Istati Membri individwali kkonċernati, fejn il-banek, investituri istituzzjonali, u kumpaniji jkunu mistiedna jistudjaw forom ġodda ta' investiment, inklużi raggruppamenti spazjali.

1.7. Il-KESE jemmen li l-uniku mod biex jiġi żgurat is-suċċess fit-tul tal-Istrateġija Spazjali tal-UE huwa permezz tal-parteċipazzjoni attiva tal-Istati Membri kollha. Dan jista' jinkiseb permezz ta' miżuri konkreti u ta' bini ta' kapaċità mmirati li għandhom l-għan li jgħinu b'mod partikolari lill-Istati Membri b'kapaċitajiet u interessi spazjali emerġenti. Miżuri bħal dawn jistgħu jibdew jiġu realizzati, *inter alia*, permezz tal-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' taħriġ, avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni, konsultazzjonijiet (kemm tekniċi kif ukoll dawk li jiffokaw fuq l-utent), proġetti ta' dimostrazzjoni, inizjattivi reġjonali, sinerġiji bejn l-Istati Membri l-aktar avvanzati u dawk emerġenti u miżuri oħra li huma mfassla apposta biex jgħinu sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-Istati Membri.

1.8. L-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku fir-rigward tal-benefiċċji ta' informazzjoni u data disponibbli permezz ta' attivitajiet spazjali huma tal-ogħla importanza. Huwa importanti wkoll li jiġu inklużi l-attivitajiet spazjali fl-iskola, l-università u fil-kurrikuli ta' edukazzjoni ulterjuri.

1.9. It-taħriġ ta' tekniċi u inġiniera huwa kruċjali għall-ġejjieni tal-industrija Ewropea. It-tisħiħ tas-suq tax-xogħol Ewropew, it-titjib tal-infrastruttura għal eżerċizzji u testijiet, iċ-ċentri ta' eċċellenza u t-tagħlim tul il-ħajja u li b'mod kostanti l-għarfien u l-ħiliet jitjiebu għal livelli dejjem ogħla li jinkludu x-xjenza spazjali għandhom ikunu l-pedamenti tal-istrateġija spazjali għall-Ewropa.

1.10. Għal dan l-għan, il-Kumitat jixtieq li l-Kummissjoni tittestja l-fattibbiltà tal-ħolqien ta' portal uniku li juri l-attivitajiet kollha li qed isiru minn diversi organizzazzjonijiet u aġenziji. Il-portal għandu jkun aċċessibbli għal kull min huwa interessat mill-pubbliku u fost l-operaturi, u għandu jenfasizza l-benefiċċji tal-attivitajiet kollha li għaddejjin u jidentifika opportunitajiet potenzjali fl-ekonomija spazjali, b'mod partikolari għall-SMEs.

1.11. F'opinjoni reċenti dwar l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing ([1]), il-Kumitat enfasizza "id-diffikultajiet li ma jħallux lill-Ewropa tisfrutta l-potenzjal tad-data, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' interoperabbiltà, il-frammentazzjoni tal-istrutturi, u l-għeluq tagħhom għal żidiet u skambji oħra". Jidher ċar li l-istess problemi jeżistu wkoll fl-infrastruttura terrestri tas-sistema spazjali Ewropea u għandhom jingħelbu malajr kemm jista' jkun.

1.12. L-Ewropa għandha infrastruttura eċċellenti għal-lanċjar ta' satelliti, b'ġenerazzjoni ġdida ta' launchers bħal Ariane u Vega li jwasslu għal iffrankar sinifikanti, parzjalment bis-saħħa ta' kooperazzjoni ikbar bejn l-Istati Membri. L-iżvilupp ta' vetturi għal-lanċjar li jistgħu jintużaw ripetutament se jwassal għal tnaqqis sinifikanti fl-ispejjeż u se jippermetti l-aċċess għal attivitajiet spazjali għal dawk il-pajjiżi li m'għandhomx il-mezzi biex ikunu jistgħu jipprovdu infrastruttura effiċjenti fl-ispazju ekstraatmosferiku.

1.13. Hemm interess dejjem jikber fl-użu ta' satelliti żgħar għal sistemi ta' komunikazzjoni u monitoraġġ. Anki fi ħdan is-suq tal-osservazzjoni tad-dinja, huwa mistenni tkabbir sinifikanti fis-suq ta' satelliti żgħar permezz ta' applikazzjonijiet ġodda. Għalhekk, ser ikun importanti għall-UE li tiffoka fuq l-iżvilupp ta' mini- u nanosatelliti biex jittieħed vantaġġ minn dan is-suq. Fl-istess waqt, hija opportunità kbira mhux biss għall-Istati Membri ż-żgħar iżda wkoll għal operaturi privati. Il-KESE jenfasizza, madankollu, li din iż-żieda f'satelliti li jqumu inqas u li qed jimmonitorjaw wiċċ id-dinja se tirriżulta f'ammonti enormi ta' data. Il-protezzjoni tal-ħajja privata ta' kull ċittadini u utent għandha tiġi prijoritizzata, b'għarfien kbir u regolamenti sodi ([2]).

---

([1]) ĠU C 487, 28.12.2016, p. 86 (punt 3.5).
([2]) Ara l-Opinjoni tal-KESE (ĠU C 125, 21.4.2017, p. 51).

1.14. Aċċess garantit għal infrastruttura spazjali u s-sigurtà tagħha huma fost il-prijoritajiet li l-Kummissjoni se jkollha tikkunsidra. Kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra hija essenzjali biex tiġi evitata tellieqa għall-orbiti l-aktar favorevoli u nuqqas ta' interess fil-ġestjoni tal-kwistjoni ta' residwi spazjali. L-attivitajiet diplomatiċi relatati mal-ġestjoni tal-ispazju ekstraatmosferiku għalhekk iridu jiġu intensifikati. Fl-istess waqt, il-KESE jirrakkomanda li l-UE tagħti spinta 'l quddiem għall-innovazzjoni fit-tindif tal-iskart fl-ispazju.

1.15. Laqgħat reċenti fil-livell globali ([3]) ukoll enfasizzaw l-importanza ta' tali kooperazzjoni. Huma identifikaw erba' pilastri: l-ekonomija, is-soċjetà, l-aċċessibilità u d-diplomazija. Dawn il-kwistjonijiet dejjem kienu l-fokus ta' attenzjoni tal-KESE, li ħa l-inizjattiva li jenfasizza l-importanza tagħhom f'termini tal-ekonomija u s-soċjetà.

1.16. Għaldaqstant, huwa meħtieġ approċċ ġdid lejn l-użu tad-data, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-SMEs, biex iċ-ċittadini kif ukoll l-SMEs isiru konxji mill-possibbiltà li jkollhom aċċess mingħajr l-ebda diskriminazzjoni għall-dawn il-kanali ta' informazzjoni ta' big data, tissaħħaħ il-protezzjoni kontra attakki ċibernetiċi u għall-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet ġodda permezz ta' inizjattivi mmirati li jisfruttaw il-kreattività tar-riċerkaturi, l-universitajiet u n-negozji tagħna. Il-KESE jenfasizza li, skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-użu tal-big data għall-ħarsien tal-ambjent għandu jiġi ffaċilitat bi spejjeż affordabbli.

2. **Il-kontenut tal-Proposta tal-Kummissjoni**

2.1. Attwalment l-UE għandha t-tieni l-akbar baġit pubbliku għall-ispazju fid-dinja u hija l-ikbar klijent istituzzjonali għal servizzi ta' lanċar fl-Ewropa. Għandha sistemi spazjali ta' klassi dinjija, bħall-Copernicus għall-osservazzjoni tad-dinja u EGNOS u Galileo għan-navigazzjoni bis-satellita u l-ġeopożizzjonament. Bejn l-2014-2020, l-UE waħedha se tinvesti EUR 12-il biljun f'attivitajiet spazjali.

2.2. It-teknoloġiji spazjali saru indispensabbli fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej. Barra minn hekk, soluzzjonijiet fuq bażi spazjali jġibu magħhom benefiċċji f'firxa wiesgħa ta' kuntesti inkluż il-ġestjoni tad-diżastri, l-agrikoltura, it-trasport, l-infrastruttura tal-enerġija u l-isfidi globali. It-teknoloġiji, id-data u s-servizzi spazjali jistgħu jirfdu bosta politiki u prijoritajiet politiċi ewlenin tal-UE. L-ispazju huwa ta' importanza strateġika għall-Ewropa: isaħħaħ ir-rwol tagħha bħala attur globali, jirrappreżenta assi għas-sigurtà u d-difiża u jgħin biex jiżdied l-impjieg, it-tkabbir u l-investiment. L-Ewropa għandha industrija tal-manifattura tas-satelliti attiva ħafna li tirrappreżenta madwar 33 % tas-suq dinji miftuħ u servizzi downstream dinamiċi tas-settur li jinkludu għadd kbir ta' SMEs. L-ekonomija spazjali Ewropea kienet stmata li laħqet EUR 46-54 biljun fl-2014, li jikkorrispondi għal 21 % tal-valur tas-settur spazjali globali.

2.3. Abbażi tal-Artikolu 189 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kummissjoni qed tipproponi Strateġija Spazjali ġdida għall-Ewropa li tiffoka fuq erba' għanijiet strateġiċi:

A. Jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-ispazju għas-soċjetà u l-ekonomija tal-UE billi

(a) Jiġi inkoraġġit l-użu ta' servizzi u data spazjali, u

(b) Isir progress fil-programmi spazjali tal-UE u jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti ġodda.

B. It-trawwim ta' settur tal-ispazju Ewropew kompetittiv u innovattiv globalment billi

(a) Jiġu appoġġjati r-riċerka u l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet, u

(b) Jitrawmu l-intraprenditorija u opportunitajiet ġodda ta' negozju.

C. It-tisħiħ tal-awtonomija tal-Ewropa fl-aċċess u l-użu tal-ispazju f'ambjent sikur u mingħajr periklu billi

(a) Jinżamm l-aċċess awtonomu tal-Ewropa għall-ispazju;

(b) Jiġi żgurat l-aċċess għall-ispettru tal-frekwenzi tar-radju;

(c) Jiġu żgurati l-protezzjoni u r-reżiljenza ta' infrastruttura spazjali Ewropea kritika;

([3]) Forum ta' Livell Għoli — L-ispazju bħala mutur għal żvilupp soċjoekonomiku sostenibbli. Dubai fl-24 ta' Novembru 2016.

(d) Jissaħħu s-sinerġiji bejn l-attivitajiet spazjali ċivili u ta' sigurtà.

D. Jissaħħaħ ir-rwol tal-Ewropa bħala attur globali u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-KESE minn dejjem kien attiv ħafna fl-appoġġ tal-Kummissjoni u l-partijiet interessati dwar kwistjonijiet relatati mal-ispazju.

3.2. Il-KESE stabbilixxa għadd ta' prijoritajiet fl-opinjonijiet tiegħu dwar l-ispazju:

— jiddaħħlu fis-seħħ politiki proattivi għall-SMEs u appoġġ tal-impjieg;

— l-involviment ta' Stati Membri b'kapaċitajiet u interessi spazjali emerġenti fl-attivitajiet tal-ispazju;

— titjib sostanzjali tal-governanza Ewropea;

— l-involviment tas-soċjetà ċivili fid-definizzjoni ta' għażliet strateġiċi;

— l-investiment fis-settur u l-enfasizzar tar-rwol tal-finanzjament u tal-fondi ta' investiment;

— l-appoġġ ta' attivitajiet ta' riċerka u żvilupp, il-promozzjoni ta' programmi ta' studju fil-livelli kollha fil-qasam tal-ajruspazju u t-teknoloġija;

— l-iżvilupp ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-ispazju bejn l-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali u reġjonali, in-negozji u l-utenti aħħarin.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. ***L-Istrateġija Spazjali u l-QFP*** (4)***: aspetti finanzjarji***

4.1.1. Strateġija ambizzjuża teħtieġ baġit ambizzjuż. Skont il-Kummissjoni, il-baġit spazjali tal-UE huwa t-tieni l-akbar fid-dinja. Huwa taħlita tal-baġit tal-Unjoni Ewropea, tal-baġits separati tal-Istati Membri għall-ispazju u tal-baġit tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA). Il-baġit tal-Istati Uniti huwa kważi erba' darbiet akbar minn dak tal-UE. Huwa diffiċli ħafna li ssir stima tan-nefqa reali tar-Russja u taċ-Ċina fil-qasam tal-ispazju, peress li mhux id-data kollha li għandha x'taqsam ma' dawn l-attivitajiet spazjali hija disponibbli għall-pubbliku. Min-naħa l-oħra, meta jitqabblu l-baġits tal-ispazju bħala perċentwal tal-PDG, l-Ewropa hija biss fis-sitt post.

4.1.2. L-għanijiet ambizzjużi tal-KE jeħtieġu l-mobilizzazzjoni ta' investimenti enormi li s-settur pubbliku waħdu sempliċement ma jiflaħhomx. L-involviment ta' investituri privati, is-settur bankarju, fondi ta' investiment u partijiet finanzjarji oħrajn ikkonċernati huwa vitali biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp tar-riċerka u applikazzjonijiet ġodda.

4.1.3. Il-Komunikazzjoni ma tenfasizzax biżżejjed jew tappoġġja r-rwol kruċjali tal-SMEs, u għalhekk għandha ssaħħu, b'mod partikolari tal-istartups innovattivi. Filwaqt li qed tingħata aktar attenzjoni lis-saħħa tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-innovazzjoni, is-soluzzjonijiet finanzjarji proposti ma jissodisfawx il-ħtiġijiet reali tas-settur, li waħda minnhom hija n-nuqqas kroniku ta' finanzjament. Minħabba r-riskji kbar involuti, is-sistema bankarja ssibha bi tqila li tappoġġja l-innovazzjoni. Għal ħafna SMEs huwa impossibbli li jipparteċipaw f'sejħiet għall-offerti pubbliċi, peress li spiss huma mfassla speċifikament għal atturi fuq skala kbira. Għalhekk għandu jingħata aktar appoġġ lill-SMEs billi jiġu introdotti sejħiet għall-offerti għall-kumpaniji ta' dan id-daqs. Sottokuntrattar aktar miftuħ għal firxa usa' ta' SMEs għal proġetti akbar ikun ukoll pass fid-direzzjoni t-tajba. L-Orizzont 2020 u programmi oħrajn ta' riċerka u żvilupp għandhom rwol sinifikanti, u l-użu tagħhom għandu jiġi massimizzat mill-perspettiva tal-SMEs.

4.1.4. Il-KESE jinsab imħasseb dwar l-effetti possibbli tal-BREXIT u l-eżitu tiegħu fuq l-attivitajiet spazjali Ewropej. Ir-Renju Unit huwa wieħed mill-Istati Membri fuq quddiem fil-qasam tal-ispazju. Għalhekk, l-UE trid tikkunsidra modi possibbli ta' kooperazzjoni mar-Renju Unit fil-qasam tal-ispazju.

(4) Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

4.2. ***Il-bini tal-kapaċità fl-Istati Membri***

4.2.1. Mhux l-Istati Membri tal-UE kollha huma involuti fil-fond f'attivitajiet spazjali, u sfortunatament mhux is-setturi kollha (inklużi dak privat u pubbliku) japprezzaw il-benefiċċji tal-attivitajiet spazjali. Fis-settur privat, pereżempju, l-attivitajiet spazjali jistgħu jintużaw f'għadd ta' oqsma differenti, bħal: monitoraġġ territorjali aġġornat, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-insulazzjoni tad-djar, l-identifikazzjoni ta' siti illegali ta' skart u ħafna oħrajn.

4.2.2. Sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tas-settur spazjali tal-UE, huwa ta' importanza vitali li jiġu involuti l-Istati Membri kollha emerġenti b'kapaċitajiet u interessi f'attivitajiet tal-ispazju, flimkien mal-partijiet interessati tagħhom, l-operaturi tan-negozju, riċerkaturi u istituzzjonijiet oħra. Il-Kummissjoni għandha tipprevedi miżuri konkreti.

4.3. ***Governanza***

4.3.1. Il-Kumitat japprezza l-fatt li d-diskussjoni reċenti dwar il-governanza, li l-KESE enfasizza f'għadd ta' Opinjonijiet preċedenti tiegħu, ġiet solvuta. L-istrateġija tal-ESA kienet ivvalidata matul il-Kunsill Ministerjali tal-ESA f'Diċembru 2016 (inkluża l-allokazzjoni tal-baġit bejn programmi differenti għall-perjodu 2017-2021). L-istrateġiji tal-UE u tal-ESA ma għadhomx differenti minn xulxin; issa jikkomplementaw lil xulxin.

4.4. ***Servizzi downstream u rekwiżiti infrastrutturali***

4.4.1. Hemm ħtieġa **urġenti** biex jiġu stabbiliti ċentri kbar tad-data għall-ħżin, l-ippreproċessar u l-analiżi tad-data mniżżla minn Copernicus. Il-kapaċità li tintuża data storika flimkien ma' Copernicus hija wkoll importanti ħafna għall-iżvilupp ta' għodod ġodda f'dan il-qasam.

4.4.2. L-UE impenjat ruħha għall-ftehim ambizzjuż tal-COP21 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Il-KESE jenfasizza li sistemi ta' monitoraġġ ibbażati fuq is-satellita u l-faċilitajiet tal-ipproċessar tal-big data fuq il-post huma essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-impenji kemm lokali kif ukoll globali. Huwa ċar li hemm ħtieġa għal għodod ġodda relatati mat-tibdil fil-klima, kif appella l-KESE f'opinjonijiet preċedenti, bħal NAT/696 ([5]).

4.4.3. Kif kien miftiehem fil-ftehim tal-COP21, il-LULUCF ([6]) għandha rwol importanti ħafna x'taqdi biex jiġu assorbiti l-livelli attwali ta' $CO_2$ fl-atmosfera. Il-foresti huma bjar tal-karbonju, u monitoraġġ bi preċiżjoni ta' kuljum għall-kontroll tal-istat tal-foresti jista' jevita t-tqaċċit illegali tas-siġar u jinkoraġġixxi l-ġestjoni attiva tal-foresti, inkluż li jitħawlu iktar siġar li jikbru malajr kif ukoll identifikazzjoni bikrija u prevenzjoni ta' nirien fil-foresti. Il-proposti attwali tal-UE, li jippermettu li l-emissjonijiet tas-$CO_2$ f'setturi bħalma huma l-industrija jew it-trasport jiġu kkumpensati bl-użu tal-bjar tal-karbonju bbażati fil-foresti jew permezz tat-tkabbir tal-foresti, ipoġġu enfasi ħafna akbar fuq kwistjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Il-proposti jenfasizzaw b'mod ċar il-bżonn urġenti għal għodod ta' monitoraġġ imsejsa fuq Copernicus. Fil-livell internazzjonali, dawn l-għodod huma tal-ikbar importanza, billi jistgħu jintużaw għall-monitoraġġ bi preċiżjoni tal-livell reali ta' progress fil-mitigazzjoni u l-assorbiment fi stati differenti madwar id-dinja.

4.4.4. Il-KESE jirrikonoxxi li s-sistemi ta' monitoraġġ permezz tas-satellita u ċentri tad-data huma ta' importanza kbira għall-produzzjoni tal-ikel sostenibbli fil-ġejjieni. B'mod partikolari, hemm benefiċċji kbar għall-agrikoltura bi preċiżjoni, mhux l-inqas minħabba li Galileo u l-GNSS jistgħu jiffrankaw il-fjuwil fossili. Barra minn hekk, is-softwer li juża l-immaġnijiet ta' Copernicus fi spettri differenti jista' jidentifika eżattament dawk iż-żoni fejn l-indewwa jew il-livelli ta' nutrijenti huma jew insuffiċjenti jew eċċessivi, u dan jippermetti li l-ammonti tal-ilma u tan-nutrijenti jiġu aġġustati, u b'hekk jiġi ffrankat l-ilma ħelu u jitnaqqas għall-minimu l-użu tal-fertilizzanti u l-pestiċidi. Dan itejjeb b'mod sinifikanti s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-biedja, jippromovi l-identifikazzjoni bikrija u l-prevenzjoni tal-mard tal-pjanti, ibassar ir-rendiment futur u jiggarantixxi kemm benefiċċji ekonomiċi sinifikanti kif ukoll impatt soċjali u ambjentali pożittiv ħafna.

4.4.5. Il-meteoroloġija bi preċiżjoni għandha tiġi żviluppata aktar sabiex jiġu faċilitati l-identifikazzjoni bikrija u l-prevenzjoni jew it-tħejjija għal kundizzjonijiet estremi tat-temp, li jistgħu jnaqqsu l-ħela tal-ikel fl-irziezet, kif ukoll jissalvagwardjaw lin-nies mill-periklu għas-saħħa u l-proprjetajiet tagħhom.

([5]) Opinjoni tal-KESE — Kondiviżjoni tal-isforz sal-2030 u l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) ( ĠU C 75, 10.3.2017, p. 103).

([6]) L-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF).

4.5. ***Informazzjoni, Edukazzjoni u Sensibilizzazzjoni***

4.5.1. Fl-2014, il-KESE nieda l-proġett tiegħu tal-Ispazju u s-Soċjetà fejn l-imsieħba enfasizzaw il-ħtieġa li nimxu ‘l quddiem billi tiġi inkluża s-soċjetà kollha kemm hi fid-dibattitu dwar l-importanza tar-rwol tal-Ewropa fis-settur spazjali. Is-soċjetà ċivili Ewropea trid tiġi kkonsultata sew jekk irridu nifhmu l-aspettattivi u l-ħtiġijiet tagħha.

4.5.2. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma fiha l-ebda referenza għal din l-isfida strateġika, għalkemm il-konsultazzjoni pubblika dwar l-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa saret fl-2016. Id-dibattitu dwar il-politiki spazjali tradizzjonalment kien ristrett għall-partijiet interessati ewlenin, u ġie injorat għal kollox il-fatt li jekk irridu li jkun żviluppat suq orjentat lejn il-konsumatur, iridu jkunu jafu dwar u jkunu konxji tal-vantaġġi u l-opportunitajiet li tista’ toffri t-teknoloġija.

4.5.3. Kull attur ewlieni għandu strateġija ta’ komunikazzjoni individwali, iżda m’hemm l-ebda viżjoni komuni jew pjan strateġiku li jistgħu jiġu ppreżentati lill-pubbliku inġenerali. Il-KESE jemmen li strateġija ma tistax tinkiseb mingħajr ma jiġu involuti l-partijiet kollha interessati tas-soċjetà ċivili, kemm jekk pubbliċi kif ukoll privati, fil-pjan ta’ azzjoni.

4.5.4. Għandhom jiġu organizzati laqgħat għall-utenti aħħarin fil-livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew. Għandhom jiġu organizzati wkoll kampanji ta’ informazzjoni, bil-parteċipazzjoni attiva tal-awtoritajiet lokali.

4.5.5. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-imsieħba prinċipali biex jinfetaħ Portal tal-Ispazju u s-Soċjetà bil-kooperazzjoni ta’ organizzazzjonijiet pubbliċi u privati u ta’ imprendituri. L-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni għandhom ikunu fost l-ogħla prijoritajiet ta’ Politika Spazjali ġdida, li l-għan tagħha tkun fl-aħħar mill-aħħar li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet reali taċ-ċittadini.

Brussell, it-30 ta’ Marzu 2017.

*President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv u tat-tieni opportunità, kif ukoll miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri tar-ristrutturar, tal-insolvenza u tal-ħelsien mid-dejn u li temenda d-Direttiva 2012/30/UE"**

*[COM(2016) 723 final — 2016/0359 (COD)]*

(2017/C 209/04)

Relatur: **Antonello PEZZINI**

Korelatur: **Franca SALIS-MADINIER**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, 16.1.2017 |
| | Kunsill Ewropew, 25.1.2017 |
| Bażi legali | L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa |
| Sezzjoni kompetenti | Is-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 9.3.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 29.3.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 524 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 220/2/7 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jappoġġja l-proposta għal Direttiva dwar ir-ristrutturar preventiv u tat-tieni opportunità u għal din ir-raġuni qiegħed jippreżenta l-proposti tas-soċjetà ċivili organizzata li għandhom l-għan li jintegraw il-kontenut.

1.2. Wara li kkunsidra l-kontenut u l-ħtieġa li jitlestew ir-regoli għas-suq intern, il-KESE huwa favur li l-proposta toħroġ fil-forma ta' Regolament, mingħajr ma jibża' milli jipproċedi għall-ogħla armonizzazzjoni possibbli tas-sistemi eżistenti.

1.3. Il-KESE jinsisti li d-dmir, min-naħa tal-amministraturi tal-kumpanija, li jinformaw u jikkonsultaw lill-impjegati qabel u matul in-negozjati huwa formalment speċifikat fid-Direttiva. B'mod partikolari, il-fażi bikrija ta' ristrutturar għandha tkun iddedikata għall-interessi tal-ħaddiema, bl-istess mod li, matul il-proċedura ta' insolvenza, għandha ssir referenza espliċita għall-Artikolu 5.2 tad-Direttiva 2001/23/KE, sabiex jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema f'dan il-kuntest.

1.4. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex fid-Direttiva tintroduċi l-obbligu li jiġu "antiċipati" s-sitwazzjonijiet ta' insolvenza bħala prinċipju fundamentali permezz tal-konklużjoni ta' "kodiċi ta' kondotta tajba". Għal dan l-għan, il-Kumitat jipproponi li l-prinċipju ta' "twissija soċjali" jiġi inkorporat kif hemm bżonn fid-Direttiva.

1.5. Il-KESE jirrakkomanda l-integrazzjoni fid-Direttiva tal-prinċipju prijoritarju għall-iżgurar li, f'każ ta' insolvenza, jingħata l-istatus ta' kredituri prijoritarji lill-ħaddiema kollha fil-pajjiżi kollha. Barra minn hekk, il-KESE jipproponi l-ħolqien ta' fond nazzjonali ta' mutwalizzazzjoni tar-riskji, fejn m'hemmx, li jiggarantixxi l-ħlas tal-pagi tal-impjegati fl-Istati Membri kollha. Dan il-fond, fis-seħħ f'xi Stati Membri, jista' jiġi ffinanzjat minn kontribuzzjonijiet minn min iħaddem permezz ta' kontribuzzjoni speċifika. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fil-governanza ta' dan il-fond u jagħtu l-garanziji.

1.6. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tistabbilixxi malajr il-proċeduri neċessarji u l-perjodi ta' żmien biex id-diffikultajiet tal-intrapriżi jiġu identifikati fil-ħin.

1.7. Il-professjonisti u l-esperti, kif ukoll il-ġudikatura, involuti f'dawn il-każijiet, għandu jkollhom taħriġ komuni adegwat u esperjenzi varji, li jagħtuhom il-possibbiltà joperaw f'oqsma li s'issa ftit li xejn ġew esplorati.

1.8. Il-verifika tal-kriterji ta' affidabbiltà tal-imprendituri onesti hija meħtieġa, skont l-imġiba professjonali onesta tagħhom u kif ippruvat minn ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet. Dawn iċ-ċertifikati jiġġustifikaw l-aċċess għat-tieni opportunità.

1.9. Il-KESE jħeġġeġ li d-Direttiva tqis li l-abbuż tal-amministratur mill-proċedura ta' insolvenza, sabiex jirrifjuta d-drittijiet għall-ħaddiema, hija prattika illegali u għaldaqstant tirrifjuta l-aċċess għal moratorju jew il-benefiċċju tat-tieni opportunità lill-amministratur li jużaha.

1.10. Il-KESE jilqa' r-rwol residwali assenjat lill-qrati, li jidħlu biss f'każ ta' bżonn.

1.11. Il-KESE jenfasizza l-valur soċjali tal-intrapriża u l-isforz biex tinżamm attiva bi proċeduri mħaffa, irħas u fil-ħin. F'konformità mal-valuri tat-Trattat tal-UE (Artikolu 3) u fir-rispett tal-bona fide tal-imprenditur.

## 2. **Ir-regoli ta' insolvenza tan-negozji fl-UE**

2.1. Fl-20 ta' Mejju 2015, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottaw ir-Regolament (UE) 2015/848 — minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament" — dwar proċeduri ta' insolvenza bejn Stati differenti.

2.2. Il-leġislazzjoni l-ġdida tilqa' l-perspettivi l-ġodda dwar il-liġi dwar l-insolvenza li skonthom il-proċeduri ta' insolvenza m'għadhomx jitqiesu biss f'termini ta' likwidaturi, iżda bħala mezz li jiggarantixxi l-ħażna ta' beni organizzati mill-intrapriżi u għalhekk, id-dritt tax-xogħol tal-impjegati, filwaqt li jiġi żgurat, fejn ikun possibbli, is-sopravivenza tal-intrapriża.

2.3. F'diversi Stati Membri, fejn il-proċeduri ta' ristrutturar tal-kumpaniji huma iktar komuni mill-likwidazzjoni, ir-rata ta' rkupru tal-krediti hija ta' 83 % minflok ta' 57 % ([1]).

2.3.1. Barra minn hekk, it-tul tal-proċeduri ([2]) jvarja b'mod konsiderevoli bejn Stati Membru ieħor, minn ftit xhur għal numru ta' snin.

2.3.2. Jeżistu wkoll bosta differenzi fl-aċċess tan-negozji għall-proċeduri ta' ristrutturar qabel ma sseħħ l-insolvenza.

2.3.3. Studji reċenti ([3]) wrew li m'hemmx idoneità totali fil-liġi Ewropea dwar l-insolvenza u hemm differenzi kbar fil-liġijiet tal-Istati Membri, li jwassal għal ostakoli għall-investiment fis-Suq Uniku.

2.4. Għall-imprendituri, fejn ir-rata ta' "mortalità ekonomika" hija ta' madwar 50 % ([4]) fl-ewwel ħames snin tal-ħajja, l-għan huwa li jkunu intitolati għal moratorju fi żminijiet ta' kriżi ċara, u sussegwentement, li tinstab soluzzjoni għad-dejn, fi żmien perjodu massimu ta' tliet snin, u titneħħa l-istigma tal-proċeduri ta' falliment u tinkoraġġixxi imprenditur onest biex jieħu t-tieni opportunità.

2.5. Innovazzjoni sinifikanti lejn il-ħolqien ta' żona ġudizzjarja unika Ewropea, huwa l-istabbiliment ta' sistema ta' interkonnessjoni elettronika tar-"reġistri tal-insolvenza" li għandhom jiġu stabbiliti sa Ġunju 2019 f'kull Stat Membru, mingħajr ħlas, u jkunu aċċessibbli permezz tal-portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika.

2.6. Skont il- Kummissjoni, ifallu 200 000 intrapriża Ewropea kull sena; li jfisser 1,7 miljun impieg mitluf fis-sena. Dan ta' spiss jista' jiġi evitat jekk ikollna proċeduri aktar effettivi dwar l-insolvenza u r-ristrutturar.

2.7. Mir-rieżami tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-KE tal-2014 dwar ir-ristrutturar u t-tieni opportunità, instab li, minkejja r-riformi fil-qasam tal-insolvenza, ir-regoli għadhom ma jaqblux bejniethom u jibqgħu ineffiċjenti jew ineżistenti f'xi pajjiżi. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Unjoni tas-Swieq Kapitali tal-2015 ħabbar inizjattiva leġislattiva dwar l-insolvenza tan-negozji, inkluż ir-ristrutturar bikri u t-tieni opportunità.

---

([1]) L-Indiċi Doing Business 2016 tal-Bank Dinji
([2]) Ara SWD(2016) 0357 final.
([3]) Https://webcast.ec.europa.eu/insolvency-conference; http://ec.europa.eu/justice/civil/files/insolvency/impact_assessment_en.pdf COM(2015) 468 final, 30.9.2015 (Insolvenza pp. 28-29); SWD(2015) 183 final, 30.9.2015 (Insolvenza pp. 73-78) u oħrajn.
([4]) Skont l-Ewrobarometru Flash 354 (2012), li wera wkoll li 43 % tal-Ewropej ma jibdewx negozju minħabba li jibżgħu li jfallu.

2.8. L-inizjattiva tal-KE għandha wkoll tiġi kkunsidrata fid-dawl ta' għadd ta' rakkomandazzjonijiet li qed nagħmlu biex juru, fost l-oħrajn li:

— id-differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza jistgħu joħolqu vantaġġi jew żvantaġġi mhux iġġustifikati;

— jeħtieġ li l-kwistjoni tal-insolvenza titqies mill-perspettiva tal-liġi dwar l-impjiegi, peress li definizzjonijiet differenti ta' "impjieg" u "impjegat" jistgħu jmorru kontra d-drittijiet tal-impjegati fi ħdan l-UE f'każ ta' insolvenza;

— in-nuqqas ta' armonizzazzjoni fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-kredituri, jista' jnaqqas il-prevedibbiltà tal-eżiti tal-proċedimenti ġudizzjarji;

— Il-proċeduri ta' insolvenza m'għandhomx ikunu jistgħu jiġu użati b'mod abbużiv jew strumentali mill-kredituri eventwali jew minn kreditur wieħed;

— huma meħtieġa miżuri biex jiġi evitat il-"forum shopping".

3. **Il-proposti tal-KE**

3.1. Il-proposta tal-Kummissjoni fuq il-bażi legali tal-Artikoli 53 u 114 TFUE – tiffoka fuq tliet elementi ewlenin:

— prinċipji komuni dwar l-użu ta' oqfsa ta' ristrutturar bikrin, li jgħinu lill-intrapriżi jkomplu l-attività tagħhom u jżommu l-impjiegi;

— regoli li jippermettu lill-imprendituri jibbenefikaw mit-tieni opportunità, wara l-ħelsien mid-dejn, f'perjodu massimu ta' 3 snin;

— miżuri għall-Istati Membri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri ta' insolvenza, ir-ristrutturar u ta' remissjoni, bi tnaqqis konsegwenti fid-dewmien u l-ispejjeż eċċessivi tal-proċeduri, l-eliminazzjoni tan-nuqqas ta' ċertezza legali għall-kredituri u l-investituri, u rati ogħla ta' rkupru ta' djun mhux imħallsa.

3.2. Ir-regoli l-ġodda jindikaw prinċipji ewlenin biex jiżguraw li l-"oqfsa" fir-rigward tal-insolvenza u r-ristrutturar huma koerenti u effettivi madwar l-UE:

— l-intrapriżi f'diffikultajiet finanzjarji, u b'mod partikolari l-SMEs, se jkollhom aċċess għal sistemi ta' twissija sabiex jidentifikaw id-deterjorament tan-negozju u biex ikun żgurat ristrutturar fi stadju bikri;

— l-"oqfsa" ta' ristrutturar preventiv, flessibbli, għandhom jissemplifikaw il-proċeduri tal-qorti f'termini ta' ħin, spejjeż u kumplessità;

— il-perjodu ta' grazzja għal erba' xhur massimu, għad-debitur, qabel l-applikazzjoni ta' miżuri ta' eżekuzzjoni, sabiex jiġu ffaċilitati n-negozjati li jwasslu għal ristruttarar effettiv;

— in-nuqqas ta' possibbiltà ta' azzjoni kollettiva tal-pjani ta' ristrutturar mill-kredituri u l-azzjonisti minoritarji li ma jaqblux, iżda bi protezzjoni sħiħa tal-interessi leġittimi tagħhom;

— il-protezzjoni tal-finanzjamenti ġodda u tal-finanzjamenti ad interim sabiex tiżdied il-possibbiltà ta' ristrutturar effiċjenti;

— il-protezzjoni sħiħa tal-liġi tax-xogħol matul il-proċeduri ta' ristrutturar preventiv, u f'konformità mal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE dwar il-ħaddiema;

— taħriġ u speċjalizzazzjoni omoġenji tal-prattikanti fl-insolvenza u l-imħallfin madwar l-UE;

— l-użu sħiħ tat-teknoloġiji tal-informazzjoni ġodda għall-konformità, notifiki u komunikazzjonijiet online, biex tkun żgurata l-effettività aħjar u jonqos id-dewmien għall-proċeduri ta' insolvenza, ristrutturar u tat-tieni opportunità.

3.3. Il-proposta għal Direttiva ġdida sussegwentement tikkunsidra l-aspetti ta' "kontinwità" fi proċedura fejn l-imprenditur iżomm kontroll tal-attività tiegħu, jiġifieri l-"automatic stay", jiġifieri l-perjodu ta' erba' xhur li l-kredituri ma jkunux jistgħu jagħmlu azzjonijiet individwali biex jirkupraw id-dejn.

## 4. **Kummenti speċifiċi dwar it-test tal-Kummissjoni**

### 4.1. *Titolu I: Ħelsien mid-dejn*

4.1.1. Rigward l-applikazzjoni fakultattiva tas-sistema proposta għall-proċeduri ta' ħelsien mid-dejn għall-konsumaturi, il-KESE, bħala segwitu għall-opinjonijiet tiegħu li diġà ġew adottati f'dan il-qasam, jopponi bil-qawwa din il-possibbiltà, li tmur kontra t-talbiet tal-Kumitat dwar il-ħtieġa assoluta għal reġim speċifiku għal konsumaturi b'dejn eċċessiv.

### 4.2. *Titolu II: Antiċipazzjoni u sistemi ta' twissija*

4.2.1. Il-KESE huwa tal-fehma li jkun utli li jiġi ċċarat l-ambitu u l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, (tip ta' intrapriżi, għadd ta' impjegati). Billi tingħata attenzjoni partikolari lill-SMEs u l-impatt tagħhom fuq l-ekonomija lokali.

4.2.2. Hemm konverġenza wiesgħa dwar il-ħtieġa li l-kumpaniji jiġu megħjuna jirristrutturaw fil-ħin, sabiex ikunu jistgħu jsalvaw l-impjiegi u jżommu l-valur tagħhom, kif ukoll għal appoġġ għall-imprendituri onesti.

4.2.3. Ikun utli u xieraq li jiġi stabbilit fuq liema kriterji l-amministraturi jistgħu jitqiesu bħala "onesti". Dawn il-kriterji oġġettivi għandhom jiġu identifikati u fformalizzati fid-Direttiva. Reċentement mhux ta' min jinjora l-fenomenu ta' proċeduri ta' insolvenza tattiċi użati biex tiġi evitata r-responsabbiltà legali li ċċaħħad lill-ħaddiema mid-drittijiet tagħhom. Għandu jkun hemm deterrent għall-użu ta' prattiki bħal dawn, billi dawk li jużawhom ma jkunux eleġibbli għall-moratorju u għat-tieni opportunità.

4.2.4. L-istadji kollha għandhom jitwettqu bl-involviment kontinwu tal-impjegati u t-trejdjunjins permezz tal-konsultazzjoni effettiva u informazzjoni biżżejjed bil-quddiem. Ir-rappreżentanti tal-impjegati u t-trejdjunjins għandu jkollhom id-dritt li jipproponu soluzzjonijiet oħrajn biex jippreservaw l-impjiegi u għandhom igawdu mid-dritt għal espert.

4.2.5. Meta qafas ta' ristrutturar preventiv ikollu elementi ewlenin komuni u kondiviżi għandu jaderixxi ma' protokoll komuni u uniformi f'livell Komunitarju.

4.2.6. Il-KESE jipproponi li l-proċeduri għall-ħolqien ta' fond nazzjonali għall-mutwalizzazzjoni tar-riskji li jiggarantixxi l-ħlas tas-salarji tal-impjegati, ikunu ppjanati fil-pajjiżi membri kollha. Dan il-fond jista' jiġi ffinanzjat minn kontribuzzjonijiet minn min iħaddem permezz ta' kontribuzzjoni speċifika. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fil-governanza ta' dan il-fond u jagħtu l-garanziji ([5]).

4.2.7. Sabiex jiġu salvagwardjati l-impjiegi u jiġu evitati s-sensji, għandu jkun hemm appoġġ għat-"twissija soċjali", jiġifieri l-obbligu tal-intrapriża li twissi kmieni biżżejjed dwar id-diffikultajiet tal-kumpanija lill-partijiet kollha involuti. Dan il-mekkaniżmu, li għandu jkun adottat bil-mod xieraq skont il-każ, se jkun ukoll utli biex jiġi stabbilit b'mod ċar l-imġiba soċjalment responsabbli u onesta tal-imprenditur.

4.2.7.1. Huwa jappoġġja l-kultura ta' kondiviżjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, it-trejdjunjins, organizzazzjonijiet oħra ta' rappreżentaza, jew ma' partijiet interessati oħra.

4.2.8. L-objettiv hu li jitnaqqas l-intervent tal-awtorità ġudizzjarja/amministrattiva, li hija ta' spiss mitluba twieġeb fi stadju bikri u b'mod drastiku l-problemi ta' insolvenza.

4.2.9. Il-prinċipju tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni rilevanti (Direttiva EWC) tar-rappreżentanti tal-impjegati u l-protezzjoni u d-dritt tagħhom meta titnieda t-twissija għandu jkun applikat fil-livell nazzjonali u Ewropew, billi dawn spiss ikunu minn tal-ewwel konxji min-nuqqas ta' funzjonament tal-intrapriża ("whistleblower as means of prevention").

4.2.10. Għandu jiġi ċċarat aktar il-punt 3 tal-Artikolu 3. B'mod partikolari, għandhom jiġu speċifikati l-parametri li fuq il-bażi tagħhom l-intrapriżi jistgħu jiġu esklużi mill-mekkaniżmu ta' twissija (numru ta' impjegati, volumi ta' fatturat, eċċ.).

([5]) Din il-proposta kienet tressqet diġà fl-1764 minn Cesare Beccaria fis-saġġ tiegħu "Dei delitti e delle pene".

4.3. ***Titolu III: Oqfsa ta' ristrutturar preventiv***

4.3.1. It-twettaq ta' qafas ġenerali favorevoli u proattiv ibbażat fuq l-armonizzazzjoni tal-esperjenzi u l-proċeduri.

4.3.2. Sabiex jinkiseb dak li jinstab fl-Artikolu 114 tat-TFUE, jiġifieri li jiġi implimentat is-Suq Intern, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura, inkluż permezz ta' atti ddelegati, li jiġu armonizzati l-proċeduri ta' insolvenza, li attwalment jidhru wisq differenti bejn Stati Membru u ieħor.

4.3.3. Bl-istess mod proċeduri xierqa ta' qabel l-insolvenza li jikkunsidraw ir-raġunijiet li jxekklu l-fluss finanzjarju normali, li xi drabi kienu marbutin ma' ttardjar fil-pagamenti [6] għandhom jiġu ssuġġeriti u armonizzati fil-livell Komunitarju.

4.3.4. Għandhom jiġu stabbiliti regoli ta' kondotta tajba bejn il-klijenti u l-fornituri ta' servizz, li jimponu limiti ta' żmien għall-ħlas għas-servizzi.

4.3.5. F'każijiet oħrajn ikun hemm fallimenti għal raġunijiet politiċi li ma jiddependux fuq l-abbiltà tal-imprenditur.

4.3.6. Il-protezzjoni tal-finanzjamenti ġodda u l-finanzjament interim għandhom jiġu żgurati permezz ta' regoli komuni u regoli ta' kondotta li huma omoġeni f'pajjiżi differenti u huma kapaċi wkoll jipproteġu l-pożizzjonijiet leġittimi tal-minoranzi.

4.3.7. Xi awtoritajiet reġjonali f'pajjiżi Ewropej diġà stabillew "korpi konġunti" [7] bil-kompitu li jintervjenu malajr meta jkun hemm ħtieġa għal intervent ta' appoġġ għal kumpanija f'diffikultà [8].

4.3.8. Tkun ħaġa utli li jsir studju dwar dawn l-"organizzazzjonijiet" u jinkisbu tagħlimiet mill-esperjenza l-aktar rilevanti.

4.3.9. Il-ħolqien ta' "korpi konġunti", b'setgħat qawwija, b'perspettivi ċari ta' previżjoni u b'għanijiet soċjali, jistgħu jgħinu biex jingħelbu d-dgħufijiet ta' antiċipazzjoni jew ta' innovazzjoni strateġika, li jwasslu għal deterjorament tad-dinja tax-xogħol kollha kemm hi u kkontribwew għall-kriżi ekonomika li ilha għaddejja minnha l-Ewropa sa mill-2008 għalkemm f'forom differenti.

4.3.10. Kemm l-istrumenti ta' ristrutturar bikrija kif ukoll it-tieni opportunità huma benefiċċji għall-imprenditur li jkun konformi mal-proċeduri ta' antiċipazzjoni u ta' twissija u li jeħtieġ aċċess għalihom, u t-tnejn li huma għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-involviment tal-kredituri (l-ewwel nett, il-ħaddiema u t-trejdjunjins).

4.3.10.1. Għal din ir-raġuni, huwa essenzjali li imprenditur li talab l-aċċess għal dawn il-benefiċċji għandu immedjatament jagħmel disponibbli lill-partijiet interessati (ħaddiema, trejdjunjins, kredituri b'mod ġenerali, il-korpi maħtura għall-kompożizzjoni tal-kriżi), il-kontijiet tiegħu kollha (il-balance sheets u l-annessi, il-kontijiet bankarji, l-assigurazzjoni, eċċ.) u jippermetti kwalunkwe forma ta' kontroll fuq l-attività tiegħu.

4.3.10.2. Dan mhux biss jirrispetta l-prinċipju ta' trasparenza, iżda jippermetti wkoll l-effiċjenza ta' xi prinċipji ewlenin imsemmija f'din il-proposta għal Direttiva iktar effettivi.

4.3.10.3. L-aċċess immedjat għad-dokumenti kollha tal-intrapriża jista' jippermetti:

— Il-fehim tas-sitwazzjoni ekonomika reali tal-intrapriża mill-atturi kollha involuti, bil-ħsieb li jiġu identifikati kemm jista' jkun malajr, il-miżuri xierqa biex titranġa s-sitwazzjoni ta' kriżi;

— l-għoti ta' informazzjoni xierqa lill-kredituri (ħaddiema u oħrajn, inkluż permezz tal-esperti tagħha stess) biex jieħdu sehem fin-negozjati għall-adozzjoni tal-pjan u/jew miżuri alternattivi kif ukoll miżuri biex jesprimu l-opinjoni jew il-vot tagħhom konxji mill-elementi tal-pjan ta' ristrutturar (Artikolu 8);

(6) Skont l-istudji mwettqin mill-Akkademja ta' Avignon, id-dewmien fil-ħlasijiet huwa kawża ta' mill-inqas 30 % tal-intrapriżi li jfallu.
(7) Magħmula minn tekniċi mill-amministrazzjoni reġjonali, rappreżentanti tal-imsieħba soċjali u ta' organizzazzjonijiet ta' kreditu.
(8) Ara pereżempju l-"Organismo di vigilanza e di sostegno delle aziende in difficoltà" maħluq mir-reġjun indipendenti ta' Sqallija f'Marzu 2016 – ir-reġjun ta' Sqallija, il-Ministeru Reġjonali għall- Attivitajiet Produttivi.

— l-għoti ta' informazzjoni xierqa lill-professjonisti (Artikolu 17.3), kif ukoll lill-awtoritajiet ġudizzjarji u l-esperti (Artikolu 13) f'każijiet fejn huma msejħa sabiex jevalwaw il-pjan ta' ristrutturar;

— valutazzjoni aktar preċiża tal-onestà tal-imprenditur (Artikolu 22.1) minħabba li r-rieżami tad-dokumenti tista' turi kif l-imprenditur iddejjen; (kemm jekk in bona fede jew le) u jekk din il-proċedura tkunx ġiet meħuda malajr kemm jista' jkun wara l-ewwel sinjali ta' kriżi fil-kumpanija.

4.3.11. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tinkludi l-effetti fuq l-impjiegi, billi jekk dawn ikunu magħrufa minn qabel, jistgħu jittieħdu miżuri xierqa biex jiġu salvagwardjati l-impjiegi, bħat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet tal-ħaddiema.

4.3.12. Fir-rigward tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 5, l-amministraturi ma għandhomx jitħallew inaqqsu mill-assi kummerċjali taħt il-livell meħtieġ għar-regolamentazzjoni ta' obbligazzjonijiet dovuti lejn l-impjegati.

4.4. ***Titolu IV: Aċċess għall-ħelsien mid-dejn (it-tieni opportunità)***

4.4.1. Fl-opinjoni tiegħu tal-2013 dwar il-proċeduri ta' insolvenza, li japplikaw ukoll għal din l-opinjoni, il-KESE enfasizza l-importanza li, fost l-oħrajn:

— "it-tieni opportunità" li tissemma fihom għandha tingħata lill-imprendituri li tgħallmu mill-falliment preċedenti tagħhom u huma kapaċi jibdew mill-ġdid abbażi ta' proġett intraprenditorjali maħsub mill-ġdid;

— l-impjegati għandhom ikunu protetti aħjar, u jkunu jistgħu jingħataw ir-rwol ta' "kreditur privileġġjat" fl-Istati Membri kollha;

— ir-rikors sistematiku quddiem il-qorti ma jidhirx li huwa l-aħjar soluzzjoni, u stieden lill-Kummissjoni biex tirrifletti dwar il-possibilità tat-twaqqif ta' korpi ġodda;

— l-obbligu li l-Istati Membri jtejbu r-regoli tal-pubbliċità, permezz ta' twaqqif ta' reġistru elettroniku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji rilevanti, huwa pożittiv.

4.4.2. Ir-regoli għat-tieni opportunità lill-imprendituri wara l-ewwel falliment, iridu jkunu ċari u komuni għall-pajjiżi tal-UE, kif iddikjarat fl-Artikolu 114 dwar is-Suq Uniku, u għandhom ikunu appoġġjati mill-impjegati li ma jkunux ġarrbu ħsara jew imġiba skorretta volontarja mill-ewwel falliment tal-imprenditur.

4.4.3. Ħafna drabi, ir-riġidità tal-proċeduri, f'ħafna pajjiżi, iffavoriet azzjonijiet kultant drastiċi promossi mill-prattikanti fl-insolvenza.

4.4.4. L-azzjonijiet li għandhom jiġu segwiti, b'mod uniformi u miftuħ madwar l-Istati Membri kollha tal-UE, iridu jittrasformaw ir-rwol il-qadim tal-prattikanti fl-insolvenza fi rwol ġdid bħala "prattikanti ta' żvilupp tal-impjieg", permezz ta' preparazzjoni teknika u kulturali profonda u komprensiva, inkluż bl-għajnuna ta' proċessi informatiċi previsti mill-"Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika" u msaħħa bir-Regolament (UE) 2015/848.

4.4.5. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon is-semplifikazzjoni proposta għall-aċċess għat-tieni opportunità. F'dan ir-rigward, huwa sinifikanti li l-imprenditur b'dejn eċċessiv jista' jinħeles mid-djun, wara l-iskadenza tat-terminu previst, mingħajr ma jkun meħtieġ li jerġa' jirrikorri għall-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva (Artikolu 20.2).

4.5. ***Titolu V: Miżuri għaż-żieda fl-effiċjenza tal-proċeduri***

4.5.1. Ikun utli li t-taħriġ inizjali u suċċessiv "tal-membri tal-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi li jittrattaw kwistjonijiet ta' ristrutturar, ta' insolvenza u tat-"tieni opportunità" jiġi organizzat direttament mill-Kummissjoni (inkluż permezz ta' aġenziji).

4.5.2. Tenħtieġ armonizzazzjoni tar-rekwiżiti għall-professjonisti li jaħdmu fl-UE: għandhom jiġu pprovduti standards minimi għal dawn il-prattikanti, bħal taħriġ u kwalifiki professjonali, ikunu rreġistrati bħala prattikanti, ir-responsabbiltà u l-kodiċi professjonali ta' etika.

4.5.3. Hemm bżonn ta' għodod: superviżjoni interna, prattiki ta' kontabilità, ta' rappurtar u ta' kontroll li jippermettu u jtejbu l-effettività tal-proċeduri.

4.6. ***Titolu VI: Il-monitoraġġ tal-proċeduri***

4.6.1. Kif ġie enfasizzat ukoll fil-punt 4.3.10.1 aċċess f'waqtugħad-dokumentazzjoni tal-intrapriża biss jista' jiggarantixxi l-awtentiċità u l-kompletezza tad-data li għandha tinġabar sabiex isir monitoraġġ effettiv tal-proċeduri (Artikolu 29).

4.6.2. Iċ-ċarezza u l-kompletezza tar-reġistri għandha tkun riaffermata fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont ir-Regolament (UE) 182/2011.

Brussell, id-29 ta' Marzu 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012, u (UE) 2015/2365"**

*[COM(2016) 856 final — 2016/0365 (COD)]*

(2017/C 209/05)

Relatur: **Antonio GARCÍA DEL RIEGO**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 7.2.2017 |
| | Parlament Ewropew, 13.2.2017 |
| Bażi legali | L-Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Unjoni Ekonomika u Monetarja u Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottata fis-sezzjoni | 8.3.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 29.3.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 524 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 226/2/2 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' l-"Qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' kontropartijiet ċentrali" [1] propost, li għandu l-għan li jimxi lejn proċess ta' rkupru u riżoluzzjoni definittiv u armonizzat għall-ikklirjar minn kontroparti ċentrali (CCP) fl-UE, u japprova kemm l-objettivi tiegħu kif ukoll l-approċċ.

1.2. Il-KESE jenfasizza li huwa ta' importanza kbira li d-deċiżjoni eżistenti mill-G20 għal governanza globali tas-CCPs kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi mill-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Superviżorja u Regolatorja tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB SRC), il-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżoluzzjoni tal-FSB (FSB ReSG), il-Kumitat dwar l-Infrastrutturi tal-Pagamenti u tas-Swieq (CPMI), l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO), u l-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS) jiġu implimentati f'leġislazzjoni armonizzata u vinkolanti li tiżgura kundizzjonijiet globali ekwi, sodi u sikuri.

1.3. Għalhekk, il-KESE jilqa' l-flessibilità biex ir-regolament propost jiġi adattat għall-evoluzzjoni futura ta' kunsens internazzjonali dwar ir-regolamentazzjoni tas-CCPs, jiġifieri rakkomandazzjonijiet mill-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB) [2].

1.4. Fil-fehma tal-KESE, hija ta'; importanza kbira t-trasformazzjoni tas-sistema attwali ta' soluzzjonijiet ta' CCPs individwali bbażati fuq rakkomandazzjonijiet internazzjonali u awtoritajiet superviżorji nazzjonali f'regolament definittiv dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni li huwa ċar, konsistenti, robust u komprensiv, kif ukoll proporzjonat u validu għall-futur fil-kuntest ta' leġislazzjoni oħra bħad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD).

1.4.1. F'dan il-kuntest, il-KESE huwa tal-opinjoni li Awtorità Superviżorja Unika tas-CCP u Awtorità ta' Riżoluzzjoni Unika jpoġġuhom f'qagħda aħjar biex jiġbru flimkien il-ħiliet esperti u d-data kif ukoll biex jiżguraw li r-regolament il-ġdid jiġi implimentat mis-CCPs b'mod standardizzat madwar l-Ewropa, u b'hekk tiġi eliminata l-frammentazzjoni attwali ta' superviżuri nazzjonali differenti bi kriterji u għodod superviżorji kemmxejn differenti.

(1) COM(2016) 0856 final.
(2) Ara wkoll l-eżempju ta' sostenn: "EBA and ESMA call to clarify margin requirements between CRR and EMIR", 18.1.2017. Ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport għandhom l-għan li jevitaw id-duplikazzjoni tar-rekwiżiti għal tranżazzjonijiet derivattivi u għalhekk jiġi evitat riskju regolatorju ikbar u aktar spejjeż għall-monitoraġġ mill-Awtoritajiet Kompetenti.

1.5. Fid-dawl tar-rwol ċentrali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) għas-settur bankarju, il-kompetenza eżistenti tiegħu biex jiżgura sistemi ta' kklirjar, pagament u saldu effiċjenti u sodi ([3]) kif ukoll ir-rwol tiegħu biex jipprovdi lis-CCPs b'aċċess għall-flus tal-bank ċentrali, il-KESE jirrakkomanda bis-sħiħ li jitqies l-użu jew l-estensjoni tal-mandat tal-BĊE biex ikun kemm is-superviżur ċentrali Ewropew tas-CCPs taħt l-umbrella tal-MSU kif ukoll l-awtorità ċentrali ta' riżoluzzjoni taħt l-umbrella tal-BĊE/Eurosistema.

1.6. Il-KESE jqis li għandhom jiġu preskritti għodod ta' monitoraġġ addizzjonali għall-awtoritajiet superviżorji f'dan il-qasam, biex jippermettu stampa komprensiva tal-pożizzjoni ta' riskju ta' membri tal-ikklirjar individwali fost CCPs multipli (inklużi CCPs ta' pajjiż terz) u ta' CCPs fi swieq, li jfasslu effetti domino potenzjali fuq pożizzjonijiet fost is-CCPs. Is-superviżuri jew preferibbilment superviżur ċentrali jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jwettqu t-testijiet tal-istress olistiċi tagħhom stess, u jifhmu l-pożizzjoni ta' riskju u l-assi ta' mitigazzjoni ta' riskju tas-CCPs rilevanti fuq bażi trimestrali, ta' kull xahar jew ta' kuljum, kif meħtieġ mis-sitwazzjoni, dan flimkien mat-test annwali tal-istress tas-CCPs li jsir mill-EMSA skont ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR).

1.7. Filwaqt li l-KESE jassumi li se jkun hemm sekwenza naturali, l-ewwel fir-riżoluzzjoni ta' membru tal-ikklirjar individwali wieħed jew aktar skont il-BRRD u mbagħad – jekk ikun meħtieġ – l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCP waħda jew aktar, jenħtieġ li jiġi ċċarat li hemm xenarji fejn il-prijorità jenħtieġ li tingħata lill-irkupru ta' CCP waħda jew aktar fuq l-irkupru ta' bank wieħed jew aktar, li huma l-membri tal-ikklirjar ewlenin ta' dawn is-CCPs.

1.8. Il-KESE jitlob li l-pjani ta' rkupru tas-CCPs jenħtieġ li jispeċifikaw l-għodod u l-miżuri li se jitqiesu biex iqabblu mill-ġdid il-portafoll tas-CCPs, peress li din il-proposta lanqas ma tiddetermina liema għażliet speċifiċi jenħtieġ li jinkludu jew jeskludu l-pjani ta' rkupru.

1.9. Fl-opinjoni tal-Kumitat, jenħtieġ li tingħata attenzjoni mill-qrib lil kif il-kontropartijiet mhux finanzjarji (NFC) u l-assi segregati tal-klijenti ta' parteċipanti tal-ikklirjar indiretti, jistgħu jintlaqtu, fil-każ tal-użu ta' pożizzjoni u għodod tal-allokazzjoni tat-telf, jiġifieri fil-każ ta' terminazzjoni ta' kuntratti u t-tnaqqis tal-valur ta' kwalunkwe gwadann pagabbli mis-CCP lill-membri tal-ikklirjar mhux inadempjenti. Bl-istess mod, il-Kumitat jilqa' l-fatt li l-proposta attwali ma tinkludix "haircutting tal-marġni inizjali", għaliex dan ma jkunx għodda xierqa ta' rkupru u riżoluzzjoni, u lanqas "haircutting tal-gwadanji tal-marġni ta' varjazzjoni", għaliex pożizzjonijiet iħħeġġjati se jkunu mistennija.

1.10. Fl-opinjoni tal-KESE, kwalunkwe għażla msemmija b'mod espliċitu ta' salvataġġ ta' CCPs bil-flus tal-kontribwenti jeħtieġ li titneħħa mil-leġislazzjoni proposta, u speċjalment eskluża għal CCPs ta' pajjiż terz. L-għażla ta' appoġġ pubbliku straordinarju għandha tiġi proposta mill-awtoritajiet rispettivi meta titqies adatta u għaldaqstant tibqa' ta' natura straordinarja. L-għażla inkluża attwalment ta' appoġġ pubbliku straordinarju taħt ċerti kundizzjonijiet tista' toħloq sitwazzjoni ta' periklu morali. Dan jagħmel ukoll l-implimentazzjoni ta' Awtorità Superviżorja Unika u Awtorità ta' Riżoluzzjoni Unika politikament aktar aċċettabbli minn perspettiva nazzjonali.

1.10.1. F'dan il-kuntest, il-KESE jitlob li għall-ġejjieni l-istess standards vinkolanti jew simili għandhom jintalbu wkoll mis-CCPs awtorizzati skont ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR) ([4]) skont deċiżjoni ta' "ekwivalenza" bħala organizzazzjonijiet tal-ikklirjar ta' pajjiżi terzi (CCPs ta' pajjiż terz).

1.11. Il-KESE jipproponi li s-setgħa tal-awtorità ta' riżoluzzjoni li tittermina ċerti kuntratti jew il-kuntratti kollha fir-rigward tas-servizzi tal-ikklirjar ta' CCP jenħtieġ li tintuża b'mod restrittiv ħafna fejn CCP tappoġġja swieq spot u tkun qed tikklirja prodotti ta' flus.

---

([3]) Wieħed mill-kompiti bażiċi tal-Eurosistema huwa li *tiġi promossa l-ħidma bla ostakoli ta' sistemi ta' ħlas* (l-Artikolu 127(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 3(1) tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew). Il-bażi legali għall-kompetenza tal-Eurosistema fil-qasam tas-sistemi ta' pagament u saldu tinsab fl-Artikolu 127(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Skont l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jipprovdu faċilitajiet, u l-BĊE jista' jagħmel regolamenti, biex jiżgura li s-sistemi ta' kklirjar u pagament fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi oħra jkunu effiċjenti u sodi.

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet.

1.12. Il-KESE jemmen li s-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklirjar fir-riżoluzzjoni ta' CCP unika jeħtieġ li tiġi applikata bil-kunsiderazzjoni tal-impatti potenzjali fuq CCPs oħrajn li huma awtorizzati biex jipprovdu servizzi tal-ikklirjar fl-istess klassi ta' assi.

## 2. **Sfond**

2.1. Kemm id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD) tal-Unjoni Ewropea kif ukoll id-Dodd-Frank Act tal-Istati Uniti jirrikjedu li banek sistemikament importanti jkollhom fis-seħħ "pjan ta' rkupru u riżoluzzjoni" li jippermetti stralċ ordnat f'każ ta' kriżi b'kontaġju limitat fuq is-swieq finanzjarji usa'. Bl-ikklirjar ċentrali obbligatorju wara l-EMIR u d-Dodd-Frank, is-CCPs saru dejjem iżjed importanti għas-sikurezza u s-solidità globali tas-sistema finanzjarja. Għalhekk, minbarra l-iżgurar tar-reżiljenza tas-CCPs, huwa meħtieġ ippjanar robust għall-irkupru u r-riżoluzzjoni biex jiġi żgurat li dipendenza akbar fuq l-ikklirjar ċentrali ma tirriżultax f'kategorija ġdida ta' entità li hija "kbira wisq biex tfalli".

2.1.1. Għalkemm il-falliment ta' CCP huwa statistikament improbabbli, minħabba l-mudell kummerċjali speċifiku tagħha u l-fokus tagħha fuq il-ġestjoni tar-riskju, hija tista', minħabba r-rwol ċentrali tagħha fis-suq bħala istituzzjoni finanzjarja sistemikament importanti (SIFI), tikkawża kontaġju mifrux fis-sistema finanzjarja, u toħloq effett domino fuq il-membri tal-ikklirjar u fuq is-swieq li tappoġġja. Dan huwa avveniment bi probabbiltà baxxa u b'impatt kbir.

2.2. Is-CCPs għandhom rwol ewlieni fis-sistema finanzjarja billi jimmaniġġjaw netwerk kumpless ta' relazzjonijiet tar-riskju tal-kontroparti. Huma jagħmlu dan, essenzjalment, billi (i) jidħlu bejn il-partijiet għal kuntratti nnegozjati f'suq finanzjarju wieħed jew aktar (regolat jew "Barra l-Borża" (OTC)) u (ii) jipproteġu lilhom infushom kontra inadempjenzi mill-utenti tagħhom billi jiġbru marġnijiet adegwati u kollateral kemm mingħand ix-xerrej kif ukoll mingħand il-bejjiegħ, u jimplimentaw arranġamenti tal-kondiviżjoni tat-telf (l-hekk imsejħa kaskati tal-inadempjenza biex jintużaw f'każijiet estremi, fejn marġnijiet individwali jirriżultaw li huma insuffiċjenti) ([5]).

2.3. Parteċipant f'CCP igawdi minn tnaqqis fir-riskji meta mqabbel mal-ikklirjar bilaterali għaliex huwa jew hija jibbenefikaw minn netting multilaterali, kollateralizzazzjoni adegwata u mutwalizzazzjoni tat-telf. L-obbligi netti tal-parteċipanti fis-CCPs (pożizzjonijiet twal u qosra) għal prodotti uniċi, li jiddeterminaw bilanċ multilaterali uniku għal kull prodott/parteċipant, irrispettivament mill-identità tal-kontroparti qabel in-novazzjoni. Meta l-prodotti jkunu korrelatati b'mod sinifikanti, is-CCPs jistgħu jiddeterminaw il-marġnijiet tal-parteċipanti fuq il-prodotti (proviżjonament ta' marġni għall-portafoll), u jippermettulhom jinnewtralizzaw ir-riskju billi jżommu pożizzjonijiet fuq prodotti korrelatati.

2.4. Sabiex jiġu realizzati bis-sħiħ il-benefiċċji tas-CCPs, is-CCPs jeħtiġilhom 1) jimmaniġġjaw ir-riskju tagħhom b'mod effettiv u jkollhom riżorsi finanzjarji adegwati disponibbli u 2) jkunu soġġetti għal sorveljanza regolatorja b'saħħitha u rekwiżiti superviżorji. L-ewwel, is-CCPs jeħtiġilhom ikunu reżiljenti biżżejjed fis-sens li r-riżorsi finanzjarji tagħhom (inkluż ir-rekwiżiti tal-marġni, il-fondi tal-inadempjenza prefinanzjati u riżorsi ta' likwidità) jippermettulhom jifilħu għall-fallimenti tal-membri tal-ikklirjar u għal avvenimenti ta' stress oħra bi probabbiltà għolja ħafna. It-tieni, is-CCPs irid ikollhom pjani ta' rkupru li jippermettulhom jallokaw telf eċċessiv u jiġġeneraw likwidità addizzjonali mingħajr ma jqiegħdu piż eċċessiv fuq il-membri tal-ikklirjar u istituzzjonijiet finanzjarji oħra, li ħafna minnhom aktarx li jkunu sistemikament importanti huma stess. Finalment, irid ikun hemm fis-seħħ pjani ta' riżoluzzjoni tas-CCP kredibbli.

2.5. Fl-2009, il-mexxejja tal-G20 impenjaw ruħhom li jiżguraw li l-kuntratti tad-derivattivi OTC standardizzati kollha jkunu kklirjati mis-CCPs. Aktar użu ta' kklirjar ċentrali ta' derivattivi għandu l-għan li jsaħħaħ l-istabilità finanzjarja billi:

— jiżdied in-netting multilaterali;

— il-parteċipanti fis-suq tad-derivattivi jintalbu jħabbru ammonti adegwati ta' varjazzjoni u marġni inizjali;

— tingħata għajnuna għall-ġestjoni tal-inadempjenza ta' parteċipanti kbar fis-suq tad-derivattivi;

([5]) Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, "ESRB Report to the European Commission on the systemic risk implications of CCP interoperability arrangements", Jannar 2016.

— tiżdied it-trasparenza fis-suq tad-derivattivi u tingħata għajnuna biex jiġu ssimplifikati n-netwerks tranżazzjonali ([6]).

2.6. Fil-livell internazzjonali, sa mill-2014, il-Kumitat dwar l-Infrastrutturi tal-Pagamenti u tas-Swieq (CPMI) flimkien mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) u l-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB) diġà ħarġu gwida dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' infrastrutturi tas-suq finanzjarju (FMIs), inkluż is-CCPs. Barra minn hekk, l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCPs huma prijoritajiet importanti tal-pjani ta' ħidma internazzjonali li għaddejjin bħalissa stabbiliti fl-2015.

2.7. Fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet proposta ([7]) – ibbażata fuq ix-xogħol imsemmi hawn fuq li sar fil-livell internazzjonali – għal reġim leġislattiv dwar ir-riżoluzzjoni u l-irkupru ta' CCPs, li huwa l-fokus ta' din l-opinjoni.

## 3. **Osservazzjonijiet u kummenti**

### 3.1. ***Ir-Regolament propost***

3.1.1. Il-KESE jinnota li r-rekwiżiti regolatorji għas-CCPs huma aktar b'saħħithom illum minn qabel il-kriżi. Il-Prinċipji tas-CPMI-IOSCO għall-Infrastrutturi tas-Suq Finanzjarju (PFMI) jipprovdu qafas komprensiv għar-reżiljenza u l-irkupru ta' CCPs.

3.1.2. Il-KESE jfaħħar ix-xogħol sinifikanti li s-CPMI u l-IOSCO wettqu biex jindirizzaw ir-reżiljenza u l-irkupru ta' CCPs fil-livell internazzjonali.

3.1.3. Il-Kumitat għalhekk jixtieq jara mekkaniżmu fir-regolament propost li jippermetti l-adattament flessibbli għall-evoluzzjoni futura ta' kunsens internazzjonali dwar ir-regolamentazzjoni tas-CCPs, jiġifieri rakkomandazzjonijiet mill-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB).

3.1.4. Konsegwentement, il-Kumitat japprova r-regolament propost, li fih l-istandards internazzjonali – attwalment implimentati xi ftit differenti mis-CCPs skont l-ambjent legali u regolatorju – huma inkorporati f'sett standardizzat wieħed ta' obbligi armonizzati u eteroġeni skont id-dritt tal-Unjoni.

3.1.5. Il-KESE jinnota l-importanza li jittieħed approċċ olistiku biex tiġi emendata leġislazzjoni relatata oħra, jiġifieri d-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD) u jiġi żgurat li l-għodod moratorji (l-Artikolu 5 u l-Artikolu 10 tal-BRRD) u mekkaniżmi oħra jkomplu jeskludu l-obbligi ta' pagament u ta' twettiq għal ċerti sistemi ta' pagament, CCPs, Depożitorji Ċentrali tat-Titoli (CSDs) u banek ċentrali sabiex ma jiżbilanċjawx il-portafolli u l-kollateral miżmuma minn jew trasferiti lil CCPs.

3.1.6. F'dan il-kuntest, il-KESE jassumi li se jkun hemm sekwenza naturali, l-ewwel fir-riżoluzzjoni ta' membru tal-ikklirjar individwali wieħed jew aktar skont il-BRRD u mbagħad – jekk ikun meħtieġ – l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCP waħda jew aktar, li tagħhom dawn il-membri tal-ikklirjar kienu klijenti ewlenin. Jista' jkun hemm xenarji fejn il-prijorità jenħtieġ li tingħata lill-irkupru ta' CCP waħda jew aktar fuq l-irkupru ta' bank wieħed jew aktar, li huma l-Membri tal-Ikklirjar ewlenin ta' dawn is-CCPs.

3.1.6.1. Skont il-prinċipji stabbiliti mis-CPSS u l-IOSCO, ir-riżorsi ta' inadempjenza għal CCPs sistemikament importanti jenħtieġ li, bħala minimu, jkunu ta' daqs li jkun jiflaħ l-inadempjenza taż-żewġ membri tal-ikklirjar li potenzjalment se jikkawżaw l-akbar skopertura ta' kreditu aggregat għas-CCP f'kundizzjonijiet estremi iżda plawżibbli (l-hekk imsejħa "Cover 2"). Jekk il-membri tal-ikklirjar li jaqbżu l-iskopertura fis-sens ta' Cover 2 vis-à-vis CCP waħda jew aktar kienu qed ifallu u ġew ipproċessati skont il-BRRD, l-implikazzjoni għas-CCPs u l-membri tal-ikklirjar l-oħrajn mingħajr ebda inadempjenza jeħtieġ li titqies fid-deċiżjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Clearers Ġenerali f'diffikultà skont il-BRRD.

([6]) Ara l-Presidenti tal-FSB SRC, FSB RESG, BCBS, CPMI u IOSCO, "2015 CCP Workplan", April 2015.
([7]) COM(2016) 0856 final.

3.1.6.2. Potenzjalment is-CCP jeħtieġ li tiġi stabilizzata u appoġġjata skont din il-leġislazzjoni proposta, qabel ma l-proċess tal-BRRD jkun jista' jiġi applikat għal dawn il-membri tal-ikklirjar f'diffikultà. Barra minn hekk, jista' jkun hemm xenarji fejn membri tal-ikklirjar mingħajr ebda inadempjenza jistgħu jitpoġġew f'inadempjenza permezz tal-applikazzjoni ta' għodod definiti fil-leġislazzjoni proposta u mbagħad isiru soġġetti għall-BRRD. Madankollu, jekk dan għen biex jistabbilizza s-CCP, li tagħti servizz lil membri tal-ikklirjar multipli, l-istabbilizzazzjoni tas-CCP jenħtieġ li tieħu prijorità fuq l-istabbilizzazzjoni tal-membru tal-ikklirjar individwali.

3.2. ***Il-miżuri straordinarji fl-interess pubbliku jeħtieġ li jkunu proporzjonati u jevitaw rikors għall-fondi pubbliċi***

3.2.1. Il-Kumitat jindika li r-regolament propost huwa mmirat lejn sitwazzjonijiet tas-suq li huma estremi u eċċezzjonali; madankollu, huwa tal-akbar importanza li r-reġim tal-irkupru u r-riżoluzzjoni jenħtieġ li jippermetti għall-kontinwità tas-servizzi kritiċi tas-CCPs mingħajr rikors għall-fondi pubbliċi jew kwalunkwe forma ta' appoġġ ta' solvenza pubblika jew kwalunkwe forma oħra ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja tal-gvern, appoġġ tal-ekwità pubblika jew sjieda pubblika temporanja. L-għażla attwalment inkluża b'mod espliċitu ta' appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju taħt ċerti kundizzjonijiet għandha titneħħa sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' sitwazzjoni ta' periklu morali, għaliex tinċentiva b'mod ħażin lill-parteċipanti tal-ikklirjar biex ma jikkontribwixxux għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCP fi stadju bikri, u biex jistennew u jaraw jekk u sa fejn se jiġi pprovdut l-appoġġ pubbliku straordinarju, biex b'hekk volontarjament jaċċettaw jew anke jipprovokaw effett konsegwenzjali fl-isfera pubblika.

3.2.2. Billi x-xenarji speċifiċi li fihom ir-reġim tal-irkupru u r-riżoluzzjoni jiġi applikat ma jistgħux jiġu previsti b'mod preċiż, is-CCPs jenħtieġ li jżommu l-flessibilità fl-iddisinjar u fl-implimentazzjoni tal-għodod tal-irkupru sabiex ikunu jistgħu jimmaniġġjaw sitwazzjonijiet ta' inadempjenza differenti. Wisq preskrittività tista' twassal għal riġidità ineffiċjenti. Bħala l-ewwel pass, is-CCPs jenħtieġ għalhekk li jitħallew jipproċessaw il-proċess ta' mmaniġġjar tal-inadempjenza u eventwalment jimplimentaw il-pjan ta' rkupru tagħhom qabel ma jintervjenu l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni, sakemm ma jkunx hemm evidenza li l-pjan ta' rkupru aktarx li jfalli jew jikkomprometti l-istabbilità finanzjarja.

3.3. ***Trattament differenti ta' kontropartijiet mhux finanzjarji (NFCs) u kontijiet tal-klijenti segregati***

3.3.1. Ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR) jistabbilixxi obbligi u rekwiżiti applikabbli kemm għall-kontropartijiet finanzjarji (FCs) kif ukoll għall-kontropartijiet mhux finanzjarji (NFCs) li jidħlu f'kuntratti tad-derivattivi. L-FCs jinkludu banek, assiguraturi, maniġers ta' investiment, fondi ta' pensjoni, Impriżi ta' Investiment Kollettiv f'Titoli Trasferibbli (UCITS) u AIFs filwaqt li l-NFCs jinkludu NFC+ (entitajiet b'pożizzjonijiet ta' derivattivi nozzjonali gross fuq perjodu ta' żmien ta' 30 jum ta' mill-inqas EUR 1 biljun għal derivattivi ta' kreditu u ta' ekwità u/jew EUR 3 biljun għal swaps tar-rati tal-imgħax, munita, komodità, u strumenti oħrajn) u NFC. Barra minn hekk, hemm entitajiet ta' pajjiżi terzi (TCE) li jistgħu jkunu soġġetti b'mod indirett għall-EMIR meta jidħlu fi tranżazzjonijiet ma' kontropartijiet tal-UE.

3.3.1.1. L-obbligu tal-ikklirjar tal-EMIR se japplika jekk il-kuntratt tad-derivattivi OTC ikun bejn żewġ FCs, FC u NFC+, jew żewġ NFC+s, jew FC/NFC+ u TCE li tkun soġġetta għall-ikklirjar li kieku kienet stabbilita fl-UE. L-eżenzjonijiet għar-rekwiżiti se jintemmu fl-2017.

3.3.2. Meta jkunu skadew l-eżenzjonijiet kollha, l-NFCs ta' ċertu daqs bħala parteċipanti diretti jew indiretti ta' CCP se jiġu affettwati mir-Regolament dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni minħabba l-obbligu li jiġu kklirjati ċentralment ċerti klassijiet ta' kuntratti tad-derivattivi OTC ([8]). B'hekk l-NFCs u l-klijenti ta' fondi ta' pensjoni jistgħu jiddaħħlu f'obbligazzjonijiet mhux intenzjonati minħabba l-kombinazzjoni ta' dan ir-regolament u tal-obbligu tal-ikklirjar, biex tinħoloq rabta aktar mill-qrib bejn l-ekonomija reali/il-maniġers tal-assi u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Sistemiċi Importanti (SIFIs).

3.3.3. Il-KESE għalhekk jitlob lill-Kummissjoni tqis approċċ differenti għat-trattament ta' NFCs – b'mod speċjali dawk il-kumpaniji produtturi li jiħheġġjaw skopertura fiżika fl-ekonomija reali – fil-qafas propost tal-irkupru u r-riżoluzzjoni f'każijiet fejn l-awtoritajiet pubbliċi huma mġiegħla jieħdu miżuri straordinarji fl-interess pubbliku, li potenzjalment jegħlbu d-drittijiet normali tal-proprjetà u jallokaw it-telf fuq partijiet ikkonċernati speċifiċi, u jżommu l-pagamenti tal-qligħ mis-CCP għall-NFCs bħala l-aħħar miżura.

([8]) Skont l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet.

3.3.4. Il-fondi ta' (pensjoni) u entitajiet oħra li jimmaniġġjaw il-flus għal investituri żgħar u li jinvestu fis-swieq kapitali se jkollhom iżommu pożizzjonijiet f'CCPs b'mod dirett jew indirett permezz tal-membri tal-ikklirjar. Dawn l-entitajiet huma soġġetti għal sorveljanza nazzjonali u restrizzjonijiet stretti għall-investimenti tagħhom biex jiżguraw li ma jesponux klijenti aħħarin għal riskji żejda. Barra minn hekk ir-regolaturi nazzjonali jew l-obbligi fiduċjarji jġiegħluhom iżommu pożizzjonijiet ta' klijenti b'mod indirett fil-kontijiet tal-klijenti u jenħtieġ li jkunu segregati. Permezz tal-EMIR l-għażla li b'mod speċjali jiġu mħarsal-assi ta' parteċipanti tal-ikklirjar indiretti nħolqot bl-introduzzjoni tas-segregazzjoni tal-assi tal-klijenti u l-portabbiltà.

3.3.5. Minħabba dan ir-regolament estensiv, l-investituri f'tali fondi (ta' pensjoni) għandhom l-impressjoni li hemm protezzjoni speċjali tal-assi tagħhom kemm mil-leġislazzjoni nazzjonali kif ukoll minn dik Ewropea. Madankollu, il-leġislazzjoni proposta tagħmilha possibbli li jingħelbu d-drittijiet normali tal-proprjetà u li jiġi allokat it-telf fuq partijiet ikkonċernati speċifiċi kif ukoll li jinżamm il-pagament tal-qligħ mis-CCP, li għandu wkoll impatt fuq il-kontijiet tal-klijenti u l-kontijiet tal-klijenti segregati. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-possibbiltà li jingħelbu d-drittijiet normali tal-proprjetà (terminazzjoni ta' kuntratti/allokazzjoni tat-telf/żamma tal-qligħ) ma tkunx tapplika għal kontijiet tal-klijenti (segregati).

### 3.4. *Tranżizzjoni u ekwivalenza ta' pajjiż terz*

3.4.1. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li t-tranżizzjoni għal sistema armonizzata tkun sorveljata b'mod xieraq u sinkronizzata mar-rekwiżiti għal CCPs ta' pajjiż terz, biex jiġi evitat il-potenzjal għal arbitraġġ regolatorju u żvantaġġ kompetittiv għas-CCPs tal-UE billi s-CCPs ta' pajjiż terz jitħallew joffru servizzi fuq bażi anqas sigura u għalhekk bi spejjeż aktar baxxi.

3.4.2. Għall-pajjiżi kollha fejn il-Kummissjoni Ewropea tippjana li tadotta deċiżjoni dwar "l-ekwivalenza", regoli u regolamenti ċari dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni jridu jkunu fattur importanti li għandu jiġi kkunsidrat. Għall-pajjiżi kollha fejn il-Kummissjoni Ewropea diġà adottat deċiżjoni dwar "l-ekwivalenza" ([9]) din id-deċiżjoni għandha tiġi riveduta fid-dawl tar-regoli u r-regolamenti dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni f'pajjiżi terzi, biex jiġi żgurat li reġimi ekwivalenti tal-irkupru u r-riżoluzzjoni tas-CCPs ikunu fis-seħħ għal CCPs ta' pajjiżi terzi li joffru servizzi fis-suq uniku tal-UE u li deċiżjonijiet meħuda minn kulleġġi ta' riżoluzzjoni Ewropej ikunu infurzabbli fl-ambjent legali tal-pajjiż terz. Bħala rekwiżit minimu għandhom ikunu meħtieġa ftehimiet ta' skambju ta' informazzjoni rigward ir-riskju sistemiku mar-regolatur tas-CCP ta' Pajjiż Terz u mas-superviżur(i) u l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP fl-UE u l-parteċipazzjoni ta' dawn ir-regolaturi fl-hekk imsejħa "Gruppi għall-Ġestjoni ta' Kriżi".

3.4.3. Taħt l-EMIR, il-Kummissjoni Ewropea tista' titlob lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) biex tipprovdi parir tekniku dwar l-ekwivalenza ta' xi ġurisdizzjonijiet mhux tal-UE li jospitaw swieq tad-derivattivi ewlenin jew CCPs, li jkunu applikaw għar-rikonoxximent ([10]).

3.4.4. Għall-ġejjieni, il-KESE jitlob li l-punti ewlenin li se jiġu vvalutati mill-ESMA għandhom jinkludu l-leġislazzjoni dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' dawn il-pajjiżi terzi, sabiex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi u biex jevitaw arbitraġġ regolatorju li jwassal għal riskji żejda għall-parteċipanti fis-suq uniku tal-UE u, potenzjalment, għall-kontribwenti tal-UE minħabba s-servizzi pprovduti mis-CCPs ta' pajjiż terz. Huwa kruċjali li jkollna kundizzjonijiet ekwi fuq livell internazzjonali u li jiġi llimitat l-esponiment tal-kontribwenti tal-UE għal riskji maniġġabbli fl-UE.

### 3.5. *Superviżur Uniku Ewropew u Awtorità ta' Riżoluzzjoni Ewropea Unika*

3.5.1. Fil-fehma tal-KESE, l-UE u l-Istati Membri individwali jeħtieġ li jsaħħu l-kapaċità tal-korpi superviżorji tagħhom biex jifhmu r-riskji tas-CCP u l-ġestjoni tar-riskju fil-livelli kollha, f'termini tar-riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi. Il-KESE jħoss li s-superviżuri llum jiddependu wisq fuq il-ħila esperta fl-organizzazzjonijiet sovranazzjonali u fis-CCPs infushom. Din id-dipendenza fuq il-ħila esperta tista' tkun partikolarment riskjuża jekk is-superviżuri jeħtieġ li jieħdu kontroll ta' CCP f'diffikultà fi żmien qasir, jiġifieri jekk il-maniġment superjuri jew il-bord ta' CCP ikunu tneħħew u sussegwentement ġew sostitwiti jew jekk ikunu ġew eżerċitati s-setgħat ta' riżoluzzjoni.

---

([9]) Għal lista sħiħa u attwali, ara: https://www.esma.europa.eu/regulation/post-trading/central-counterparties-ccps.

([10]) Il-Kummissjoni hija mistennija tuża l-parir tekniku tal-ESMA biex tħejji atti ta' implimentazzjoni possibbli skont l-Artikoli 25(6), 13 (2) u 75(1) tal-EMIR li jikkonċernaw l-ekwivalenza bejn il-qafas legali u superviżorju tal-pajjiżi terzi (pajjiżi mhux tal-UE).

3.5.2. Il-KESE huwa tal-opinjoni li superviżur u Awtorità ta' Riżoluzzjoni Unika tas-CCPS tqiegħed lis-superviżuri f'qagħda aħjar biex jiġbru flimkien il-ħiliet esperti u d-dejta kif ukoll biex jiżguraw li r-regolament il-ġdid jiġi implimentat mis-CCPs b'mod standardizzat madwar l-Ewropa, b'tali mod li r-riskju ta' evażjoni jew arbitraġġ regolatorju jkun jista' jiġi eliminat. Barra minn hekk, il-frammentazzjoni attwali ta' sorveljanza tas-CCPs se tiġi ssostitwita. Illum ir-regolamentazzjoni ssegwi l-approċċ ta' superviżjoni nazzjonali kif stabbilit mill-EMIR, li joħloq kulleġġi madwar ir-regolaturi nazzjonali biex jissorveljaw lis-CCPs. Madankollu, il-KESE jemmen li f'xenarju ta' stress estrem, fejn CCP wieħed jew ħafna jkunu f'periklu li jfallu, approċċ ċentralizzat jipprovdi effiċjenza massima, għaliex id-deċiżjonijiet ikollhom jittieħdu b'mod olistiku billi jitqiesu CCPs multipli, membri tal-ikklirjar, eċċ.

3.5.2.1. Il-KESE jħoss li r-regolamentazzjoni tas-CCPs magħżula fl-2012 taħt l-EMIR wasslet għal soluzzjoni ta' frammentazzjoni għas-superviżjoni tas-CCPs ([11]), fejn il-banek ċentrali, ir-regolaturi tal-banek nazzjonali jew is-superviżuri tal-iskambju kellhom il-kompitu li jissorveljaw is-CCPs f'pajjiżi differenti. Din l-opinjoni ġiet affermata mill-ġdid mill-Evalwazzjoni bejn il-Pari tal-ESMA skont l-Artikolu 21 tal-EMIR "Attivitajiet superviżorji fuq ir-rekwiżiti tal-Marġni u tal-Kollateral tas-CCPs" ippubblikata fit-22 ta' Diċembru 2016, fejn l-ESMA tiddikjara b'mod ċar li hemm il-ħtieġa li tissaħħaħ il-konverġenza superviżorja bejn is-superviżuri nazzjonali.

3.5.2.2. Ir-rapport – fl-iskop limitat tiegħu – diġà identifika numru ta' oqsma fejn l-approċċi superviżorji jvarjaw bejn superviżuri nazzjonali u jinkludi rakkomandazzjonijiet biex tittejjeb il-konsistenza fil-prattiki superviżorji. Madwar kull regolatur nazzjonali, inħolqu kulleġġi – b'duplikazzjoni kbira ta' parteċipanti għas-CCPs ewlenin – li jkollhom jaħdmu b'mod parallel fil-każ tal-falliment potenzjali ta' CCPs multipli. Fid-dawl tal-iżviluppi matul dawn l-aħħar ftit snin, jeħtieġ li fl-2017, bis-swieq tad-Derivattivi OTC u elenkati dejjem iktar jersqu flimkien f'CCPs, jiġi kkunsidrat approċċ ċentralizzat ġdid.

3.5.3. Fid-dawl tar-rwol ċentrali tal-BĊE fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU), il-KESE jipproponi li jqis l-estensjoni tal-mandat tal-BĊE biex jagħmlu s-superviżur Ewropew ċentrali tas-CCPs taħt il-qafas tal-MSU. Sabiex jiġi evitat kunflitt ta' interess intern il-BĊE/l-Eurosistema nnifisha jenħtieġ li tassumi r-rwol ta' awtorità ta' riżoluzzjoni ċentrali. Dan ikun fattibbli jew taħt il-mandat eżistenti tiegħu jew b'estensjoni raġonevoli. Wieħed mill-kompiti ewlenin tal-BĊE huwa li "tiġi promossal-ħidma bla ostakoli ta' sistemi ta' ħlas." ([12]). Ħafna mis-CCPs Ewropej huma rreġistrati bħala sistemi ta' pagament biex jiksbu l-finalità tas-saldu ([13]). Barra minn hekk, xi CCPs ewlenin fiż-żona tal-euro (jiġifieri LCH SA u Eurex Clearing) huma liċenzjati u regolati bħala istituzzjoni ta' kreditu.

3.5.4. Skont l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-BĊE jista' jagħmel regolamenti, biex jiżgura li s-sistemi ta' **kklirjar** u pagament fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjizi oħra jkunu effiċjenti u **sodi**. Għalhekk diġà qed jingħata rwol regolatorju rigward is-solidità tas-sistemi tal-ikklirjar. L-alternattiva tkun li jiġi stabbilit superviżur Ewropew ċentrali ġdid tas-CCPs, liema alternattiva tidher li tieħu aktar żmien u tqum aktar flus.

3.5.5. Superviżur ċentrali kemm għall-banek kif ukoll għas-CCPs taħt il-qafas tal-MSU jonora wkoll il-fatt li ħafna mill-banek sistematikament rilevanti huma membri ta' numru kbir ta' CCPs (eż. JPMorgan, li huwa membru ta' 70 CCP madwar id-dinja ([14])) u, għalhekk, l-inadempjenza ta' wieħed minn dawk il-membri l-kbar tiskatta rkanti ta' inadempjenza simultanji fis-CCPs li tagħhom il-bank f'inadempjenza huwa membru.

3.5.6. Prerekwiżit politiku wieħed għall-implimentazzjoni ta' superviżur u awtorità ta' riżoluzzjoni unika minn perspettiva nazzjonali huwa t-tneħħija diġà mitluba ta' kwalunkwe salvataġġ ta' CCPs bi flus il-kontribwent fil-forma ta' appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju taħt ċerti kundizzjonijiet.

---

([11]) Għal lista ta' CCPs u regolaturi, jekk jogħġbok ara: https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/ccps_authorised_under_emir.pdf

([12]) Ara l-Artikolu 127(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 3.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

([13]) Għal lista ta' sistemi ta' pagament, jekk jogħġbok ara: https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/designated_payment_and_securities_settlement_systems.pdf

([14]) Ara: Financial Times, *JPMorgan tells clearers to build bigger buffers*, 11 ta' Settembru 2014 minn: Sam Fleming u Philip Stafford.

3.6. ***Sospensjoni fakultattiva tal-obbligu tal-ikklirjar fir-riżoluzzjoni***

3.6.1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP jew l-awtorità kompetenti ta' membru tal-ikklirjar tas-CCP f'riżoluzzjoni tista' titlob lill-Kummissjoni biex b'mod temporanju tissospendi l-obbligu tal-ikklirjar stabbilit fl-Artikolu 4(1) tar-regolament propost għal klassijiet speċifiċi ta' derivattivi OTC fejn ċerti kundizzjonijiet ikunu ġew issodisfati.

3.6.2. Madankollu huwa diffiċli li nikkonċepixxu kif, f'sitwazzjonijiet tas-suq ta' stress kbir, membri żgħar tal-ikklirjar b'mod partikolari se jkunu jistgħu jimmaniġġjaw pożizzjonijiet mill-ġdid fi proċess bilaterali fi żmien qasir. Barra minn hekk, l-obbligu tal-ikklirjar huwa bbażat fuq klassijiet speċifiċi ta' derivattivi OTC fis-CCPs kollha u mhux limitat għal CCP waħda. Konsegwentement is-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklirjar potenzjalment se jkollu impatt fuq CCPs oħra, awtorizzati biex jipprovdu servizzi tal-ikklirjar fl-istess prodotti. Għandu jiġi żgurat li għal CCPs oħrajn is-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklirjar hija fakultattiva. Barra minn hekk, dawn is-CCPs jista' jkollhom arranġamenti ta' marġinazzjoni inkroċjata għal dawn il-klassijiet ta' derivattivi fis-seħħ u klassijiet ta' derivattivi oħra, sabiex ir-ritorn għal suq bilaterali jkollu effetti sekondarji mhux intenzjonati.

3.6.3. Il-KESE għalhekk jemmen li s-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklirjar fir-riżoluzzjoni hija għodda ta' riżoluzzjoni li għandha tintuża mingħajr ma jkollha impatt fuq CCPs awtorizzati oħrajn biex jipprovdu servizzi tal-ikklirjar fl-istess klassi ta' assi.

3.6.4. Finalment it-talba tar-regolatur nazzjonali jista' potenzjalment ikollha impatt fl-Ewropa kollha, li għalhekk, fil-fehma tal-Kumitat, tipprovdi argument ieħor għal superviżur pan-Ewropew uniku tas-CCPs u awtorità ta' riżoluzzjoni unika.

Brussell, id-29 ta' Marzu 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' ingranaġġ, il-proporzjon ta' ffinanzjar stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rappurtar u divulgar u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012" (C**

*OM(2016) 850 final — 2016/0360 (COD))*

**dwar ir-"Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 dwar il-Kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' Rikapitalizzazzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għad-ditti ta' investiment"**

*(COM(2016) 851 final — 2016/0361 (COD))*

**dwar id-"Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/59/UE dwar il-kapaċità ta' assorbiment ta' telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva 98/26/KE, id-Direttiva 2002/47/KE, id-Direttiva 2012/30/UE, id-Direttiva 2011/35/UE, id-Direttiva 2005/56/KE, id-Direttiva 2004/25/KE u d-Direttiva 2007/36/KE"**

*(COM(2016) 852 final — 2016/0362 (COD))*

**u dwar il-"Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward ta' entitajiet eżentati, kumpaniji azzjonarji finanzjarji, kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta, ir-rimunerazzjoni, miżuri u setgħat superviżorji u miżuri ta' konservazzjoni kapitali"**

*(COM(2016) 854 final — 2016/0364 (COD))*

(2017/C 209/06)

Relatur: **Daniel MAREELS**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, 1.2.2017 |
| | Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2.2.2017 u 20.2.2017 |
| | Kummissjoni Ewropea, 17.2.2017 |
| Bażi legali | Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottata fis-sezzjoni | 8.3.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 30.3.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 524 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 177/0/1 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE bi pjaċir jilqa' l-pakkett ta' proposti tal-Kummissjoni u jittama li dan jista' jikkontribwixxi b'mod effettiv sabiex titlesta l-ħidma li saret wara l-kriżi sabiex jiġi riformat s-settur finanzjarju.

1.2. Il-Kumitat jilqa' l-**viżjoni olistika u integrata** sottostanti fejn għadd ta' għanijiet importanti f'oqsma differenti jiġu rikonċiljati u magħquda f'dawn il-proposti, mingħajr, madankollu, ma jiġu nnegati l-prinċipji. Dan l-approċċ joħloq l-opportunità biex isir progress f'diversi oqsma importanti fit-triq lejn futur Ewropew iktar sostenibbli u komuni u t-tlestija ulterjuri tal-UEM.

1.3. Primarjament dan japplika għall-**għanijiet fil-qasam bankarju u finanzjarju**. Għall-Kumitat, m'hemmx dubju li l-miżuri proposti ser jgħinu ***jsaħħu l-qafas prudenzjali u ta' riżoluzzjoni*** tal-Ewropa għall-banek. Dan huwa kruċjali għall-għan li ***jitnaqqas ir-riskju fis-settur finanzjarju*** u ***titjieb ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet.*** Huma essenzjali stabbiltà finanzjarja u sistema finanzjarja soda li tikkontribwixxi għal tkabbir ekonomiku stabbli u sostenibbli. Barra minn hekk, l-ibbankjar parallel ma għandux jiġi injorat u għandu jiġi regolamentat.

1.4. Il-Kumitat jemmen li n-natura ta' tnaqqis ta' riskju ta' dawn il-proposti, b'mod partikolari, ser jippermettu li jsir ***progress*** mhux biss sabiex tiġi avvanzata l-***Unjoni Bankarja,*** iżda wkoll sabiex jiġi implimentat it-tielet pilastru tagħha, ***l-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti***. Dan issa huwa importanti aktar minn qatt qabel peress li unjoni bankarja sħiħa hija waħda mill-pedamenti biex tiġi kkompletata l-UEM, li t-twettiq tagħha għandu jsir mingħajr dewmien. Ċerti aġġustamenti speċifiċi fil-proposti jistgħu jkunu utli sabiex tinkiseb ***Unjoni tas-Swieq Kapitali***.

1.5. Għall-Kumitat, dawn il-proposti ser jagħtu kontribut pożittiv għall-***ksib mill-ġdid tal-fiduċja tal-klijenti u tal-konsumaturi*** fis-settur finanzjarju. Għalhekk huwa kuntent jinnota li qiegħda ssir ħidma sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' "too big to fail" permezz tal-miżuri għall-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf u li qegħdin isiru sforzi sabiex r-regoli tar-rikapitalizzazzjoni interna (bail-in) isiru aktar effettivi u effiċjenti. Fi kwalunkwe każ, huwa ta' importanza kbira li fil-każ ta' kriżi bankarja, ma jkunx hemm bżonn li jsir rikors għall-fondi pubbliċi jew tal-kontribwenti.

1.6. Il-Kumitat jilqa' bi pjaċir l-enfasi li tpoġġiet fuq **il-finanzjament tal-ekonomija**. Fil-kuntest attwali ta' inċertezza u bidla, u f'mument fejn l-investimenti jibqgħu f'livelli eċċessivament baxxi, m'għandu jintilef l-ebda ċans sabiex jinħolqu ***opportunitajiet ġodda u addizzjonali*** għal ***irkupru ekonomiku dejjiemi u sostenibbli*** tal-ekonomija reali li jimxu id f'id mat-***tkabbir, aktar investiment u ħolqien ta' impjiegi***.

1.7. Il-banek għandhom rwol importanti x'jaqdu bħala intermedjarji fis-swieq kapitali u bla dubju s-self bankarju ser jibqa' fil-futur is-sors ewlieni ta' finanzjament għall-familji u l-SMEs. Għalkemm il-proposti jirrappreżentaw pass 'il quddiem sabiex jinħolqu kundizzjonijiet xierqa sabiex il-banek ikunu jistgħu jieħdu dan ir-rwol, tqum il-kwistjoni dwar jekk għandux isir iktar sabiex jissaħħu u jiġu intensifikati l-isforzi favur l-SMEs, li huma s-sinsla tal-ekonomija Ewropea. B'mod aktar speċifiku, il-KESE jitlob li l-"fattur ta' appoġġ għall-SMEs" ([1]) jiġi kkonfermat u jkompli jiġi żviluppat, sabiex il-banek iwarrbu inqas kapital għas-self lill-SMEs. Barra minn hekk, il-Kumitat huwa favur li jiġi adottat approċċ simili għall-benefiċċju tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.

1.8. Il-Kumitat jilqa' wkoll il-fatt li **qed jitqiesu** xi **speċifiċitajiet tal-UE**, fost affarijiet oħra abbażi ta' "sejħa għal evidenza". Dan japplika, b'mod partikolari, għall-aġġustamenti li saru għall-ftehimiet internazzjonali, li jinsabu f'dawn il-proposti, bħala parti mir-riforma globali tas-settur finanzjarju. Dawn huma ta' benefiċċju għall-finanzjament tal-ekonomija.

1.9. Il-proposti attwali jikkostitwixxu pass ġdid, iżda mhux l-aħħar wieħed, fil-proċess tar-***riforma tas-settur finanzjarju*** li ġie deċiż fil-livell ***internazzjonali*** wara l-kriżi; fil-fehma tal-Kumitat jibqa' importanti li l-***Ewropa*** tibqa' taqdi ***rwol ewlieni*** fil-kuntest tal-attivitajiet internazzjonali attwali u dawk tal-futur. Għandhom jiġu definiti regoli minimi internazzjonali u għandhom jiġu protetti l-valuri u l-interessi Ewropej. Fi kwalunkwe każ jeħtieġ li ma jiġux aċċettati distorsjonijiet għad-detriment tal-istituzzjonijiet Ewropej.

1.10. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-impatt fuq ir-regoli tad-diversità neċessarja fi ħdan is-settur finanzjarju Ewropew, il-Kumitat jemmen li s-sitwazzjoni tal-banek żgħar u mhux kumplessi mhux qed titqies biżżejjed. Il-proposti attwali għadhom ma jqisux biżżejjed l-ispeċifiċitajiet u l-potenzjal ta' dan it-tip ta' istituzzjonijiet. Dan japplika, b'mod partikolari, għall-**prinċipju ta' proporzjonalità**. Aktar mill-approċċ frammentat u limitat attwali, il-Kumitat jemmen li hawnhekk hemm bżonn ta' approċċ aktar strutturat u aktar komprensiv, għall-benefiċċju ta' aktar istituzzjonijiet u f'aktar oqsma. M'għandhom jiġu imposti l-ebda obbligi jew piżijiet sproporzjonament eċċessivi fuq dan it-tip ta' istituzzjoni.

1.11. Huwa fl-interess tal-partijiet interessati kollha, kemm għar-regolaturi u s-superviżuri kif ukoll għall-istituzzjonijiet, li jkun hemm **ċarezza u ċertezza legali** fit-tfassil tar-regoli l-ġodda, fejn għandu jkun hemm biżżejjed żmien sabiex jiġu implimentati. Sabiex jiġu evitati l-effetti negattivi possibbli fuq il-finanzjament tal-ekonomija huwa mixtieq li l-miżuri tranżizzjonali leġislattivi dwar l-IFRS 9 ([2]) il-ġodda jiġu proċessati malajr. Barra minn hekk, is-settur jeħtieġ li jiffaċċja bosta sfidi, inklużi dawk imposti mill-iżviluppi teknoloġiċi u diġitali, rati baxxi ta' interessi u numru ta' żviluppi oħra b'konsegwenza tal-kriżi.

([1]) Bl-Ingliż tintuża "*SME supporting factor*".

([2]) IFRS: *International Financial Reporting Standards* (l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju).

**Konklużjonijiet addizzjonali**

1.12. Fir-rigward tat-tisħiħ tal-qafas prudenzjali, il-Kumitat jilqa' ż-żieda fl-attenzjoni għar-rwol tar-regolaturi u s-superviżuri, u l-opportunitajiet li qed jingħataw. Ir-regoli u s-superviżjoni jiddependu fuq xulxin u jridu jkunu f'pożizzjoni li jaqdu r-rwol tagħhom sabiex, fost affarijiet oħra, tinkiseb armonizzazzjoni aħjar tar-regoli u l-prattiki. U jekk ikun hemm bżonn, sabiex tittieħed azzjoni effiċjenti u effettiva.

1.13. Fir-rigward tal-qafas ta' riżoluzzjoni, għandhom jitqiesu bħala pożittivi l-qafas tal-kapaċità totali ta' assorbiment ta' telf integrat fir-regoli relatati mar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, u l-armonizzazzjoni ta' klassifikazzjoni nazzjonali ta' strumenti ta' dejn subordinat fi proċedimenti ta' insolvenza. Dan għandu jarmonizza r-regoli u jtejjeb l-applikabbiltà prattika tal-qafas ta' assorbiment ta' telf.

## 2. **Sfond** ([3])

2.1. Fit-23 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni ppubblikat sensiela ta' proposti għar-riforma tar-regolamentazzjoni tal-banek. Dawn għandhom l-għan li jimplimentaw testi mfassla wara ħidma fil-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja u l-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja, waqt li jitqiesu r-riżultati tas-"sejħa għall-evidenza" organizzata mill-Kummissjoni, li kellha l-għan li tivvaluta kemm hi effettiva u effiċjenti l-leġislazzjoni bankarja attwali.

2.2. Dawn il-proposti leġislattivi ([4]) għandhom l-għan li jimmodifikaw leġislazzjoni bankarja eżistenti. B'mod partikolari, fir-rigward:

2.2.1. tar-**Regolament dwar ir-Rekwiżiti Kapitali** (RRK) u d-**Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital** (DRK) tal-2013. Dawk jistabbilixxu rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu (banek) u għall-intrapriżi tal-investiment u r-regoli dwar il-governanza u s-superviżjoni;

2.2.2. tad-**Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek** u r-**Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni** tal-2014. Dawn jinkludu r-regoli dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet li qed ifallu u jistabbilixxu l-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni.

2.3. Il-proposti l-ġodda huma objettivi multipli. Dawn jinkludu, essenzjalment:

2.3.1. iż-żieda fir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet tal-UE u tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja,

2.3.2. it-titjieb fil-kapaċità ta' self tal-banek sabiex tiġi appoġġjata l-ekonomija fl-Unjoni Ewropea, u

2.3.3. il-promozzjoni tar-rwol tal-banek sabiex jinkisbu swieq kapitali Ewropej aktar profondi u aktar likwidi, biex jiġi appoġġjat il-ħolqien ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali.

2.3.4. Fl-istess ħin, u li tista' tissemma hawnhekk, qed issir ħidma sabiex il-"prinċipju tal-proporzjonalità" jiġi applikat b'mod aktar sofistikat u komprensiv għall-benefiċċju ta' banek żgħar u/jew mhux kumplessi.

### 2.4. ***L-elementi ewlenin tal-proposti*** ([5])

2.4.1. Fir-rigward tal-objettivi fil-punt 2.3.1:

2.4.1.1. l-impożizzjoni ta' rekwiżiti kapitali aktar sensittivi għar-riskju, b'mod partikolari fl-oqsma ta' riskju tas-suq, riskju ta' kreditu tal-kontroparti u skoperturi għal kontropartijiet ċentrali;

2.4.1.2. l-implimentazzjoni ta' metodi li jirriflettu aħjar ir-riskji attwali li għalihom huma esposti l-banek;

2.4.1.3. l-introduzzjoni ta' "proporzjon ta' ingranaġġ" (LR) ([6]) vinkolanti ta' mill-inqas 3 % biex l-istituzzjonijiet jiġu skoraġġuti milli jieħdu ingranaġġ eċċessiv;

---

([3]) Dan it-test huwa bbażat, fost affarijiet oħra, fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni (pereżempju stqarrija għall-istampa u mistoqsijiet u tweġibiet) dwar il-proposti.

([4]) Ara Proċedura 2016/0360/COD, Proċedura 2016/0361/COD, Proċedura 2016/0362/COD u Proċedura 2016/0364/COD.

([5]) Din ċertament mhijiex preżentazzjoni eżawrjenti tal-miżuri kollha.

([6]) Skont it-taqsira tal-frażi Ingliża "*Leverage Ratio*".

2.4.1.4. l-impożizzjoni ta' proporzjon ta' ffinanzjar stabbli nett (NFSR) ([7]) vinkolanti biex tiġi indirizzata d-dipendenza eċċessiva fuq finanzjament bl-ingrossa fuq perjodu qasir u jitnaqqas ir-riskju ta' finanzjament fuq perjodu twil ta' żmien;

2.4.1.5. l-obbligu għal istituzzjonijiet sistemikament importanti globali ([8]) (G-SIIs ([9])) sabiex jinżamm livell minimu ta' fondi proprja u strumenti oħra li jippermettulhom jassorbu t-telf f'każ ta' saldu. Dan ir-rekwiżit, magħruf bħala l-"kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf" (TLAC ([10])) huwa integrat fis-sistema eżistenti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL ([11])), applikabbli għall-banek kollha. Dan ser jippermetti lill-UE sabiex, meta jkun hemm bżonn, tillikwida b'mod aktar effettiv l-istituzzjonijiet sistemikament importanti globali, filwaqt li titħares l-istabbiltà finanzjarja u minimizzat ir-riskju għall-kontribwenti. Barra minn hekk, hemm dispożizzjoni għall-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tal-kredituri, b'tali mod li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fil-każ ta' rikapitalizzazzjoni interna f'riżoluzzjoni ta' bank.

2.4.2. Fir-rigward tal-objettivi fil-punt 2.3.2 (u, sa ċertu punt, il-punt 2.3.4), l-għan huwa li:

2.4.2.1. tissaħħaħ il-kapaċità ta' self tal-banek lill-SMEs u sabiex jiġu ffinanzjati proġetti tal-infrastruttura;

2.4.2.2. jitnaqqas il-piż amministrattiv għal banek żgħar u mhux kumplessi, b'rabta ma' għadd ta' regoli relatati mal-paga, partikolarment dawk relatati ma' dewmien u remunerazzjoni permezz ta' strumenti bħal ishma;

2.4.2.3. ir-regoli tas-CRD/CRR isiru aktar proporzjonati u ta' anqas piż għal istituzzjonijiet iżgħar u inqas kumplessi, peress li wħud mir-rekwiżiti attwali għall-informazzjoni u d-dikjarazzjoni u ċerti rekwiżiti kumplessi relatati mal-portafoll tan-negozjar ma jidhrux li huma ġustifikati minn raġunijiet prudenzjali.

2.4.3. Fir-rigward tal-objettivi fil-punt 2.3.3, l-għan huwa li:

2.4.3.1. jiġu evitati rekwiżiti kapitali għal pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar, inklużi dawk relatati ma' attivitajiet ta' ġeneraturi tas-suq;

2.4.3.2. jitnaqqsu l-ispejjeż għall-ħruġ/żamma ta' ċerti strumenti (bonds koperti, titolizzazzjoni ta' kwalità għolja, strumenti ta' dejn sovran, derivattivi użati għall-finijiet ta' hedging);

2.4.3.3. jiġu evitati diżinċentivi għall-istituzzjonijiet li jaġixxu bħala intermedjarji għal klijenti b'rabta ma' tranżazzjonijiet ikklerjati minn kontropartijiet ċentrali.

## 3. **Osservazzjonijiet u kummenti**

### 3.1. ***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

3.1.1. Mingħajr dubju, dawn il-proposti għandhom jintlaqgħu tajjeb. Dawn ikomplu jikkomplementaw u jirfinaw il-ħidma importanti li saret wara l-kriżi għar-riforma tas-settur finanzjarju. Huma jqisu wkoll il-fatt li anke fil-futur, il-banek fl-Ewropa ser jaqdu rwol ewlieni fis-soċjetà u b'mod partikolari fil-finanzjament tal-ekonomija. Il-banek għandhom rwol importanti x'jaqdu bħala intermedjarji fis-swieq kapitali u s-self bankarju ser jibqa' s-sors ewlieni ta' finanzjament għall-familji u l-intrapriżi fl-Ewropa, u speċjalment għall-SMEs. Dan m'għandux jiġi dubitat.

3.1.2. L-ewwel nett, il-Kumitat jilqa' l-approċċ olistiku u integrat li ttieħed fl-abbozzar ta' dawn il-proposti, waqt li tqiesu diversi għanijiet għas-soċjetà importanti u żviluppi mixtieqa. Huwa wieħed mill-merti kbar li dan l-approċċ ġie adottat fl-abbozzar tal-proposti attwali mingħajr ma, madankollu, twarrbu fil-ġenb il-prinċipji. Dawn għandhom imorru id f'id.

3.1.3. F'sitwazzjoni politika, soċjali u ekonomika diffiċli u kumplessa, u b'numru ta' sfidi ewlenin fil-futur, l-għaqda u r-rikonċiljazzjoni ta' għadd ta' għanijiet importanti f'diversi oqsma joħolqu potenzjal għal progress fit-triq lejn futur komuni Ewropew aktar sostenibbli. Dan l-approċċ ibbilanċjat ser jikkontribwixxi wkoll biex terġa' tinkiseb il-fiduċja.

---

([7]) Skont it-taqsira tal-frażi Ingliża "*Net Stable Funding Ratio*".
([8]) F'dan il-mumenti, din il-miżura tkopri 13-il grupp bankarju Ewropew.
([9]) Skont it-taqsira tal-frażi Ingliża "*Global Systemically Important Institution*" (lingwaġġ użatt fir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti Kapitali għal Global Systemically Important Banks).
([10]) Skont it-taqsira tal-frażi Ingliża "*Total Loss Absorption Capacity*".
([11]) Skont it-taqsira tal-frażi Ingliża "*Minimum Requirement for Eligible Liabilities and Own Funds*". Bil-Malti, "ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli".

3.1.4. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li ġew ikkunsidrati r-riżultati tas-"sejħa għal evidenza" ([12]), peress li din għamlitha possibbli, minn naħa, li jiġi adottat approċċ aktar armonjuż u li jiġu involuti l-partijiet interessati kollha u, min-naħa l-oħra, li jiġi segwit approċċ aktar sofistikat u varjat, fi ħdan il-qafas tal-għanijiet iddikjarati.

3.1.5. Għall-Kumitat, jibqa' kruċjali li s-sistema bankarja tkun reżiljenti u b'kapitalizzazzjoni tajba bħala prerekwiżit u bażi sabiex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja.

3.1.6. Daqstant importanti wkoll huma miżuri li jappoġġjaw l-ekonomija u l-finanzjament effiċjenti tagħha, sabiex it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi jkunu jistgħu jiġu appoġġati.

3.1.7. Barra minn hekk, in-natura tat-tnaqqis tar-riskju ta' dawn il-proposti tagħmilhom aktar possibbli li jikkontribwixxu għat-tlestija ulterjuri tal-Unjoni Bankarja ([13]) u fil-fehma tal-Kumitat, huma element ewlieni li għandu jippermetti li jsir progress fl-implimentazzjoni tat-tielet pilastru, l-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti. Min-naħa tagħha, l-Unjoni Bankarja tikkostitwixxi wieħed mill-pilastri fundamentali tal-UEM u jeħtieġ li din ssir realtà mill-aktar fis possibbli. Dawn il-proposti ser iwasslu wkoll għall-ħolqien ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali ([14]), li tirrappreżenta valur miżjud addizzjonali.

3.1.8. Dawn il-proposti huma pass importanti ieħor sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja fis-settur finanzjarju u l-banek, iżda mhux l-aħħar wieħed. Il-Kumitat jittama li passi futuri jittieħdu fl-istess spirtu. Dan japplika b'mod partikolari fir-rigward tal-kwistjonijiet li qegħdin jiġu diskussi attwalment ([15]), fost affarijiet oħra b'rabta mal-finalizzazzjoni tal-qafas Basel-III ([16]), u fejn ir-riżultati huma mistennija fi żmien relattivament qasir. Fi kwalunkwe każ, huwa importanti li jitkompla jitnaqqas ir-riskju fis-settur, mingħajr ma jintlaqat b'mod sproporzjonat is-settur bankarju Ewropew.

3.1.9. Barra minn hekk, huwa wkoll importanti li jitfakkar il-kuntest internazzjonali, b'mod partikolari peress li xi wħud mill-ftehimiet dwar ir-riforma globali tas-settur finanzjarju jidhru li huma interpretati b'mod differenti/jew inqas strettament mill-imsieħba mhux Ewropej. L-aġenda ta' riforma komprensiva li ġiet maqbula fil-livell tal-G20 wara l-kriżi finanzjarja m'għandhiex tkun kompromessa jew twassal għal differenzi jew frammentazzjonijiet eċċessivi globali, għad-detriment tal-istituzzjonijiet stabbiliti fl-UE.

3.1.10. Huwa importanti li dawn il-proposti jipprovdu lis-settur finanzjarju u lill-partijiet interessati b'biżżejjed ċarezza u ċertezza. Settur ikkumpensat tajjeb u diversifikat, li jopera f'żona unika Ewropea, għandu jkollu wkoll il-possibilità li jindirizza sfidi oħra, bħal dawk marbuta mal-iżviluppi teknoloġiċi u diġitali, rati baxxi ta' interess u numru ta' problemi oħra li ħarġu fid-dieher wara l-kriżi, bħas-self improduttiv ([17]) f'ċerti pajjiżi.

3.1.11. Fl-aħħar nett, il-Kumitat itenni l-pożizzjoni preċedenti tiegħu li l-ibbankjar parallel ma għandux jiġi injorat u mhux regolat. Ir-riskji potenzjali ta' dan għandhom jitpoġġew taħt kontroll u monitoraġġ, sabiex tissaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja. Fl-istess ħin, għandhom jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għal u bejn dawk kollha attivi fl-ambjent finanzjarju.

### 3.2. *Il-qafas prudenzjali u l-miżuri rilevanti proposti*

3.2.1. Il-Kumitat jilqa' l-attenzjoni mogħtija lill-qafas prudenzjali u l-passi li qegħdin jittieħdu biex ikompli jiġi kkomplementat u jissaħħaħ permezz ta' proporzjonijiet differenti u miżuri oħra previsti fil-proposti attwali. Dawn il-proposti għandhom jintlaqgħu tajjeb, speċjalment issa li qiegħed jittieħed approċċ bil-varjazzjonijiet u tfasslu, b'mod partikolari, billi ġie żgurat li l-finanzjament tal-ekonomija ma jkunx imxekkel żżejjed.

3.2.2. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon li ngħatat aktar attenzjoni lir-rwol tar-regolaturi u s-superviżuri f'dan il-qasam, kif ukoll ir-rieda li jingħataw opportunitajiet addizzjonali u li tinkiseb aktar armonizzazzjoni u armonizzazzjoni aħjar tar-regoli u l-prattiki. Dan huwa importanti mhux biss biex tiġi evitata differenza kbira ħafna fit-trattament tal-banek, iżda wkoll mil-lat ta' applikazzjoni estiża tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

([12]) COM(2016) 855 final.
([13]) ĠU C 177, 18.5.2016, p. 21.
([14]) ĠU C 133, 14.4.2016, p. 17.
([15]) Magħrufa wkoll bħala l-miżuri ta' Basel IV.
([16]) Din tinkludi wkoll ħidma relatata ma' riskju operattiv u ta' kreditu kif ukoll il-mudelli interni tal-banek. Proċess ieħor kontinwu taħt il-qafas ta' Basel huwa t-tfassil ta' standards għal riskju sovran. Dan għandu jkun punt ta' enfasi fil-livell internazzjonali u dak Ewropew.
([17]) ĠU C 133, 14.4.2016, p. 17.

### 3.3. *Il-qafas tar-riżoluzzjoni*

3.3.1. B'konformità mal-Opinjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kumitat jinsab kuntent jara li l-kwistjoni "too big to fail" hija indirizzata fil-proposti l-ġodda. L-introduzzjoni ta' TLAC għall-G-SIIs Ewropej fi ħdan il-qafas ta' MREL, b'parti applikabbli b'mod ġenerali ([18]) u individwalizzata ([19]), tipprovdi b'mod simultanju approċċ armonizzat u mfassal skont il-ħtieġa.

3.3.2. Iżda dan m'għandux jieqaf hawn. Kif intqal qabel ([20]), l-aġenda għas-snin li ġejjin għandha (tkompli) tiffoka fuq l-implimentazzjoni sħiħa tal-Basel III, fuq il-Bord tal-Istabbiltà Finanzjarja u fuq li tinstab soluzzjoni għal banek li huma "kbar wisq biex ifallu" (too big to fail)f'konformità ma' ftehimiet internazzjonali (G-20). L-għan għandu jibqa' li jissaħħu l-istabbiltà u r-reżiljenza tas-settur finanzjarju u fl-istess ħin jiġi evitat li fil-futur jsir rikors għall-fondi pubbliċi biex jissalvaw il-banek. Barra minn hekk, sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni, jeħtieġ li ssir aktar ħidma sabiex tiġi determinata l-possibbiltà li jitnaqqas il-livell għoli ta' dejn sovran miżmum mill-banek ([21]). Dan il-mod huwa ta' benefiċċju għat-twettiq sħiħ tal-Unjoni Bankarja ([22]).

3.3.3. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-proposta tal-Kummissjoni biex tiżdied l-armonizzazzjoni fil-ġerarkija tal-kredituri permezz tal-ħolqien ta' klassi ġdida ta' assi, fl-applikazzjoni ta' reġim ta' rikapitalizzazzjoni interna, sabiex jiġu pprovduti kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri differenti ([23]).

### 3.4. *Il-miżuri sabiex jitjieb il-finanzjament tal-ekonomija reali u b'mod partikolari tal-SMEs*

3.4.1. Naturalment, huwa pożittiv ħafna li d-diversi miżuri previsti huma analizzati mill-perspettiva tal-impatt tagħhom fuq il-finanzjament tal-ekonomija reali. Kif ukoll li ttieħdu l-passi neċessarji sabiex tittejjeb il-kapaċità ta' self tal-banek.

3.4.2. Il-Kumitat jilqa' b'mod partikolari l-fatt li ngħatat ħafna attenzjoni lis-self lill-SMEs, li huma u jibqgħu s-sinsla tal-ekonomija Ewropea. Dawn jiżguraw l-investiment u l-impjiegi.

3.4.3. Dan japplika b'mod partikolari għall-konsolidazzjoni u l-espansjoni ulterjuri tal-fattur ta' sostenn lill-SMEs. Il-Kumitat enfasizza li l-possibbiltà li dan il-fattur jiġi applikat b'mod estiż għandha tiġi investigata sew, sabiex jiġi massimizzat il-kreditu u għall-benefiċċju tal-SMEs. Bl-istess mod, il-Kumitat jitlob li l-Kummissjoni tagħmel sforzi addizzjonali biex issaħħaħ l-ekonomija tal-Istati Membri li ddgħajfu l-aktar minħabba l-kriżi ekonomika.

3.4.4. Il-Kumitat huwa wkoll tal-fehma li għandhom isiru sforzi paralleli għall-benefiċċju tal-ekonomija soċjali u tal-atturi attivi f'dan il-qasam. B'mod partikolari tista' ssir ħidma sabiex jinħoloq "fattur ta' sostenn għall-intrapriżi soċjali".

### 3.5. *Żvilupp ulterjuri ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali*

3.5.1. Għalkemm ma kinitx il-komponent prinċipali tagħhom, il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon l-enfasi tal-proposti attwali ta' żvilupp ulterjuri ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali.

3.5.2. B'konformità mal-Opinjonijiet preċedenti ([24]) tiegħu f'dan il-qasam, il-Kumitat jemmen li l-qafas regolatorju u superviżorju għandu jgħin jiżviluppa bis-sħiħ is-saħħiet tas-swieq kapitali u jikkontrolla d-dgħufijiet, bħal pereżempju t-teħid ta' riskju eċċessiv jew sproporzjonat. Is-sistema l-ġdida għandha tkun kapaċi tirreżisti għall-effetti negattivi ta' kwalunkwe kriżi ġdida. Dan jeħtieġ ukoll konverġenza u kooperazzjoni akbar fil-qasam tas-sorveljanza mikroprudenzjali u makroprudenzjali, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali.

### 3.6. *Il-proporzjonalità u t-tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi*

3.6.1. L-ewwel nett, il-Kumitat jixtieq jafferma mill-ġdid l-importanza fundamentali tal-ħtieġa ta' xenarju bankarju diversifikat ([25]). Dan mhuwiex biss ta' benefiċċju għall-istabbiltà, iżda wkoll l-aħjar mod possibbli li jintlaqgħu l-ħtiġijiet ta' kulħadd, sew jekk konsumaturi, dawk li jfaddlu, investituri, jew intraprendituri.

---

([18]) Imsejjaħ "*Pillar 1 MREL requirement*".
([19]) Imsejjaħ "*Pillar 2 MREL add-on requirement*".
([20]) ĠU C 451, 16.12.2014, p. 10.
([21]) Ara, b'mod partikolari, https://ec.europa.eu/epsc/publications/five-presidents-report-series/further-risk-reduction-banking-union_en
([22]) ĠU C 271, 19.9.2013, p. 8.
([23]) Ara l-Opinjoni tal-KESE ECO/429 "Riforma tas-settur bankarju – ġerarkija tal-insolvenza". Għadha ma ġietx ippubblikata.
([24]) ĠU C 133, 14.4.2016, p. 17.
([25]) ĠU C 251, 31.7.2015, p. 7.

3.6.2. Il-Kumitat jilqa’ bi pjaċir kbir il-fatt li l-prinċipju tal-proporzjonalità, li preċedentement kien identifika bħala l-ikbar problema għall-intrapriżi żgħar u tal-banek mhux kumplessi ([26]), huwa s-suġġett ta’ numru ta’ dispożizzjonijiet fil-proposti attwali.

3.6.3. Madankollu, il-Kumitat huwa tal-fehma li s-sitwazzjoni ta’ dawn il-banek qed titqies ftit wisq. Il-proposti attwali ma jqisux biżżejjed l-ispeċifiċità u l-potenzjal ta’ dan it-tip ta’ istituzzjonijiet.

3.6.4. Aktar mill-approċċ frammentat u limitat attwali, il-Kumitat jemmen li hawnhekk hemm bżonn ta’ approċċ aktar strutturat u aktar komprensiv għall-prinċipju tal-proporzjonalità.

3.6.5. B’mod iktar speċifiku, il-prinċipju tal-proporzjonalità m’għandux jiġi bbażat biss fuq id-daqs tal-istituzzjonijiet involuti, iżda għandu jqis ukoll: i) il-karatteristiċi speċifiċi tal-mudelli ta’ negozju differenti, ii) il-forom istituzzjonali differenti adottati minn dawk il-banek u iii) l-għanijiet speċifiċi segwiti mid-diversi istituzzjonijiet finanzjarji li joperaw fis-suq.

3.6.6. M’għandhom jiġu imposti l-ebda obbligi jew piżijiet sproporzjonament eċċessivi fuq dawn l-istituzzjonijiet. Minflok tenħtieġ aktar flessibbiltà fir-rigward ta’ ċerti aspetti speċifiċi bħalma huma l-obbligi ta’ rappurtar. Jeħtieġ li jiġu kkunsidrati bir-reqqa d-dispożizzjonijiet addizzjonali li huma maħsuba biex inaqqsu l-piż amministrattiv tagħhom.

3.6.7. Barra minn hekk għandu jkun hemm kundizzjonijiet ugwali għall-istituzzjonijiet kollha irrispettivament mill-forma legali tagħhom.

3.6.8. B’mod aktar ġenerali, b’rispett għall-prinċipji mfassla, u sakemm ir-regolaturi u s-superviżuri jistgħu, meta jkun hemm bżonn, jaġixxu malajr u b’mod effettiv, il-Kumitat huwa favur li l-prinċipju tal-proporzjonalità jiġi applikat bis-sħiħ, kemm fin-numru ta’ istituzzjonijiet li jistgħu jibbenefikaw minnu, kif ukoll fl-oqsma u l-kwistjonijiet li jista’ jiġi applikat għalihom.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. Minħabba l-importanza tal-implimentazzjoni konkreta u xierqa tal-miżuri proposti, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandu jkollhom biżżejjed żmien biex jimplimentaw ir-regoli l-ġodda. Dan jitlob li l-Awtorità Bankarja Ewropea tfassal b’mod rapidu standards tekniċi u operattivi, jew li jkun hemm żmien ta’ implimentazzjoni li jibda jgħodd biss ladarba d-dettalji kollha tar-regoli jkunu tfasslu minn dawk l-awtoritajiet.

4.2. Sabiex jiġu evitati u newtralizzati l-effetti negattivi possibbli fuq il-finanzjament tal-ekonomija reali li jistgħu jkunu r-riżultat tad-dħul fis-seħħ tal-IFRS 9 il-ġdid ([27]), il-Kumitat jitlob li l-miżuri leġislattivi tranżitorji previsti f’rabta ma’ dawn l-istandards internazzjonali l-ġodda dwar il-kontabilità jiġu adottati malajr.

Brussell, it-30 ta’ Marzu 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

---

([26]) ĠU C 251, 31.7.2015, p. 7.
([27]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2067 tat-22 ta’ Novembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju 9 (ĠU L 323, 29.11.2016, p. 1).

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Sejħa għal Evidenza: Qafas regolatorju tal-UE għal servizzi finanzjarji"**

*(COM(2016) 855 final)*

(2017/C 209/07)

Relatur: **Milena ANGELOVA**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni, 23.11.2016 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa |
| Sezzjoni kompetenti | Unjoni Ekonomika u Monetarja u Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottata fis-sezzjoni | 8.3.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 29.3.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 524 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 226/4/5 |

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' b'sodisfazzjon l-introduzzjoni għall-ewwel darba ta' sejħa għal evidenza bħala strument innovattiv, informattiv u utli għall-valutazzjoni tal-impatt tal-inizjattivi leġislattivi fil-livell tal-UE u jittama li dan isir prattika komuni fil-futur.

1.2. Il-KESE jappoġġja l-konklużjoni tas-sejħa għal evidenza li tenfasizza li, b'mod ġenerali, il-prinċipji fundamentali tar-riformi finanzjarji reċenti ma jistgħux jiġu kkontestati u li r-regoli l-ġodda tejbu l-istabbiltà u r-reżiljenza tas-sistema finanzjarja. Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-Qafas Regolatorju tal-UE għal Servizzi Finanzjarji sabiex jitħaffef ir-ritmu tat-tlestija ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU).

1.3. Mil-lat tal-proporzjonalità, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-approċċ li jpoġġi r-riforma fil-kuntest tal-għan usa' li jinstab bilanċ aħjar bejn l-għanijiet ta' stabbiltà finanzjarja u ta' tkabbir. Huwa jħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex ma jimponux piżijiet u restrizzjonijiet bla bżonn meta jittrasponu r-regoli tal-UE. Huwa jfakkar kemm lil-leġislaturi tal-UE kif ukoll lil dawk nazzjonali li għandhom jiġu ppjanati termini raġonevoli sabiex il-leġislazzjoni l-ġdida tidħol fis-seħħ u tiġi applikata, b'tali mod li jiġi żgurat li l-partijiet interessati kollha jadattaw ruħhom.

1.4. Il-KESE jirrakkomanda li, b'mod partikolari fir-rigward tal-qafas regolatorju għal servizzi finanzjarji, l-aspetti tat-traspożizzjoni li huma fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri għandhom jiġu ssorveljati strettament u jiġu stabbiliti l-kontrolli rilevanti fuq l-implimentazzjoni sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali u sabiex jiġi promoss l-iżvilupp addizzjonali tas-CMU.

1.5. Il-KESE jaqbel li l-banek għandhom jingħataw attenzjoni speċjali peress li huma jipprovdu servizzi importanti ta' interess ġenerali lill-pubbliku inġenerali u huma s-sors ewlieni ta' finanzjament għall-SMEs. Is-sistema finanzjarja tal-UE hija ddominata mill-banek universali, li jagħmlu l-ħidma tal-leġislaturi diffiċli ħafna, peress li l-libertà tan-negozju u t-teħid ta' riskji f'dan is-settur jeħtieġ li dejjem ikunu bbilanċjati b'kawtela mal-ħtieġa ta' stabbiltà.

1.6. Il-KESE għalhekk jistieden lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-Ewropa biex iħaffu r-riformi strutturali tas-settur bankarju tal-UE, inkluż billi jsolvu dan l-aspett tal-proposta leġislattiva tal-Kummissjoni ([1]), li bħalissa tinsab f'sitwazzjoni ta' staġnar fil-proċedura ta' kodeċiżjoni. Il-KESE jfakkar li l-leġislazzjoni mhux dejjem hija l-aktar reazzjoni politika adatta u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħżel soluzzjonijiet mhux leġislattivi u bbażati fuq is-suq kull meta jkun possibbli.

([1]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri strutturali li jtejbu r-reżiljenza ta' istituzzjonijiet ta' kreditu tal-UE (COM(2014) 43 final).

## 2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex ikun hemm sejħa għal evidenza qabel l-introduzzjoni ta' proposti regolatorji fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u jirrakkomanda li dan isir prattika komuni fil-proċess leġislattiv. Din hija l-ewwel darba li dan l-approċċ qed jittieħed, u l-KESE jemmen li għandha titqies bħala prattika tajba li għandha tiġi segwita fil-ġejjieni. Il-KESE japprezza wkoll il-fatt li dan l-approċċ huwa wkoll appoġġjat bis-sħiħ mill-Parlament Ewropew ([2]).

2.2. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li, permezz ta' sejħa għal evidenza, il-Kummissjoni qed tieħu l-metodoloġija regolamentarja tagħha pass aktar 'il quddiem billi tħares lejn il-korp sħiħ tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji u tivvaluta kif biċċiet individwali ta' leġislazzjoni jinteraġixxu. Huwa jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra użu aktar wiesa' ta' dan l-approċċ fl-inizjattivi leġislattivi futuri tagħha. Dan l-approċċ huwa konformi mal-programm REFIT ([3]) u l-aġenda dwar Regolamentazzjoni Aħjar ([4]).

2.3. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Kummissjoni rigward ir-rwol tal-leġislaturi li joħolqu bażi adatta għall-iżvilupp tas-settur bankarju (u, b'mod usa', is-settur finanzjarju) sabiex dan ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet importanti u insostitwibbli tiegħu fl-appoġġ li jagħti lit-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi.

2.4. Sabiex nibnu b'mod effettiv fuq il-kisbiet li diġà saru u ma jintilifx il-momentum, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tanalizza aktar u fil-fond l-eżempji li nġabru ta' inkonsistenzi, duplikazzjonijiet u interazzjonijiet mhux intenzjonati bejn biċċiet differenti ta' leġislazzjoni.

2.5. Fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li jerġa' jkun hemm it-tkabbir u li t-tkabbir jiġi promoss fl-UE, il-KESE jinkoraġġixxi li jittieħdu passi lejn il-kisba tal-objettivi prudenzjali b'mod aktar favorevoli għat-tkabbir. Peress li l-kreditu bankarju għadu s-sors ewlieni ta' finanzjament għall-biċċa l-kbira tan-negozji tal-UE u speċjalment għall-SMEs, l-akbar prijorità meta jitfasslu r-regoli l-ġodda għandha tkun li jiġi evitat l-impediment tal-fluss ta' finanzjament fl-ekonomija.

2.6. Mil-lat tal-proporzjonalità, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-approċċ li jpoġġi r-riforma fil-kuntest usa' li jinstab bilanċ aħjar bejn l-għanijiet ta' stabbiltà finanzjarja u ta' tkabbir. Il-KESE jenfasizza li għandhom isiru sforzi biex jiġi żgurat li dan il-prinċipju jiġi segwit fil-livell tal-Istati Membri wkoll, u li l-Istati Membri ma jimponux piżijiet u restrizzjonijiet bla bżonn meta jittrasponu r-regoli tal-UE. Dan l-isforz huwa konformi mal-isforzi biex jittaffa l-piż li jirriżulta mid-duplikazzjoni u l-inkonsistenzi bejn id-diversi ħtiġijiet individwali. Il-ħtieġa ta' armonizzazzjoni għandha tkun ibbilanċjata mal-bżonn li tiġi rikonoxxuta d-diversità, tiġi żgurata regolamentazzjoni proporzjonata u jitħeġġeġ l-użu adatt tad-diskrezzjoni.

2.7. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni, meta tfassal proposti għal direttivi, li tqis il-fatt li l-Istati Membri jittrasponu d-direttivi b'mod differenti. Ċerti pajjiżi jittrasponu b'mod restrittiv u litterali żżejjed, u b'hekk titneħħa l-flessibbiltà mixtieqa mid-direttiva u, ta' spiss, iwassal għall-awtoimpożizzjoni ta' kundizzjonijiet aktar stretti fuq l-industrija domestika tagħhom milli f'pajjiżi oħra. Pajjiżi oħra jeżerċitaw diskrezzjoni u ma jagħmlux wisq fl-ispirtu tal-leġislazzjoni rilevanti. Dan iwassal għal kundizzjonijiet mhux indaqs u għalhekk imur kontra l-għanijiet ewlenin tal-leġislazzjoni. Għalhekk, il-KESE jipproponi li għandu jkun hemm monitoraġġ mill-qrib ħafna tad-diversità fit-traspożizzjoni u kontrolli adatti fuq il-mod li bih il-leġislazzjoni tiġi implimentata.

2.8. Il-KESE jappoġġja fil-prinċipju l-miżuri ta' segwitu proposti mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni ([5]) tagħha u jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq l-atti leġislattivi korrispondenti, meta jkunu lesti, għal konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati fis-setturi rilevanti.

---

([2]) http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=TA&reference=P8-TA-2016-0006&language=MT
([3]) http://ec.europa.eu/info/law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/refit-making-eu-law-simpler-and-less_mt
([4]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar – Aġenda tal-UE (COM(2015) 215 final).
([5]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni – Sejħa għal Evidenza – Qafas regolatorju tal-UE għal servizzi finanzjarji (COM(2016) 855 final).

2.9. Bħala parti mis-segwitu addizzjonali tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis il-fatt li, f'ħafna każijiet, l-iskadenzi tat-traspożizzjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji huma marbuta mal-adozzjoni tal-leġislazzjoni qafas (Livell 1). Madankollu, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni adatta, jinħtieġu wkoll l-ispeċifiċitajiet tal-miżuri ddettaljati ta' implimentazzjoni (Livell 2). Minħabba f'hekk, l-iskadenzi ta' traspożizzjoni li huma marbuta mal-leġislazzjoni tal-Livell 1 ta' spiss ikunu qosra wisq. Dan jirrikjedi li l-iskadenzi għat-traspożizzjoni jkunu marbuta mal-adozzjoni tal-aħħar miżuri ddettaljati ta' implimentazzjoni (Livell 2). Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni qed taħdem mal-Istati Membri biex jiddefinixxu Pjan Direzzjonali għat-Traspożizzjoni, u jixtieq isegwi l-iżviluppi mill-qrib.

## 3. **Kummenti ġenerali dwar l-azzjonijiet ta' segwitu**

### 3.1. ***It-tnaqqis tar-restrizzjonijiet regolatorji bla bżonn fuq il-finanzjament tal-ekonomija***

3.1.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-aġġustamenti proposti f'oqsma ewlenin tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti Kapitali (il-pakkett CRR2) sabiex tiġi salvagwardjata l-kapaċità tal-banek li jiffinanzjaw l-ekonomija ([6]).

3.1.1.1. Il-KESE huwa tal-fehma li hija xierqa ħafna l-idea tal-aġġustament tal-proporzjon ta' ingranaġġ sabiex tiġi riflessa d-diversità tas-settur finanzjarju tal-UE u jiġi salvagwardjat l-aċċess għall-ikklerjar u għall-fondi għall-iżvilupp pubbliku.

3.1.1.2. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta li jiġi introdott b'mod gradwali u rfinat il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-attivitajiet ta' finanzjament kummerċjali tal-UE, is-swieq tad-derivattivi u s-suq fi ftehimiet ta' riakkwist.

3.1.2. L-SMEs fl-Ewropa għadhom iqisu l-kreditu bankarju bħala s-sors primarju tagħhom ta' finanzjament ([7]). Il-KESE japprezza l-intenzjoni tal-Kummissjoni li twessa' l-applikazzjoni tal-Fattur ta' Sostenn tal-SMEs għal self ikbar minn EUR 1,5 miljun ([8]). Fl-istess waqt, jappella lill-Kummissjoni biex tagħmel enfasi speċjali fuq l-evalwazzjoni ta' kemm huwa biżżejjed il-finanzjament mill-banek u biex tieħu passi biex timmira l-finanzjament mill-banek b'mod iktar effettiv sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs, skont il-profili ta' riskju differenti tagħhom, kif ukoll l-istadji ta' żvilupp, il-post fejn tinsab l-industrija, eċċ. Il-KESE jissuġġerixxi wkoll li l-Kummissjoni tikkunsidra l-possibbiltà li tapplika l-Fattur ta' Sostenn tal-SMEs maż-żidiet potenzjali fir-rekwiżiti għall-fondi tagħha stess f'każijiet ta' riskji kontroċikliċi jew sistemiċi, billi s-self lill-SMEs inkella jista' jiġi ristrett.

3.1.3. Il-KESE jixtieq jara tnaqqis konsiderevoli fil-preġudizzju favur id-dejn sabiex jittejbu r-reżiljenza ekonomika u l-allokazzjoni tal-kapital, biex b'hekk l-ekwità tkun aktar attraenti għall-emittenti u l-investituri.

3.1.4. Bil-ħsieb li tinħoloq Unjoni tas-Swieq Kapitali ([9]), il-KESE jenfasizza li l-kumpaniji għandu jkollhom aċċess għal diversi tipi tas-suq fl-UE skont id-daqs, l-ambitu tal-operazzjoni u l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom.

3.1.5. Il-qafas regolatorju tal-UE għas-servizzi finanzjarji huwa opportunità indispensabbli biex tiġi indirizzata aħjar il-ħtieġa għad-diversità fl-għażliet tal-investituri u l-konsumaturi u biex jinħoloq ambjent li jistimula l-innovazzjoni fi prodotti finanzjarji.

### 3.2. ***It-tisħiħ tal-proporzjonalità tar-regoli mingħajr ma jiġu kompromessi l-objettivi prudenzjali***

3.2.1. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li nimxu 'l quddiem, pass pass, lejn l-ikkompletar tal-unjoni bankarja u jinnota li tinħtieġ l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-leġislazzjoni f'dan ir-rigward.

3.2.2. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha sabiex tlesti r-regolament dwar ir-Riforma Strutturali tal-Banek. Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa li jiġu semplifikati l-kontenut u l-frekwenza tar-rekwiżiti ta' rapportar u biex tiġi eżaminata liema data hija fil-fatt meħtieġa, biex jiġu allinjati l-mudelli u tiġi pprovduta semplifikazzjoni, u sabiex jiġu żgurati eżenzjonijiet għall-SMEs fejn possibbli.

---

([6]) COM(2016) 850 final.
([7]) Rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar "L-aċċess tal-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (midcaps) għall-finanzjament matul il-perjodu 2014-2020: opportunitajiet u sfidi".
([8]) Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CCR), Artikolu 501 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).
([9]) ĠU C 383, 17.11.2015, p. 64.

3.2.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex, meta tanalizza mill-ġdid l-EMIR (Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew), teżamina l-effett li t-tnaqqis tal-kwalità tal-kollateral aċċettat mill-kontropartijiet ċentrali (CCPs) jista' jkollu fuq ir-reżiljenza tagħhom u tqis jekk ċerti parteċipanti fis-swieq, bħall-fondi tal-pensjoni, iridux ikunu eżenti b'mod permanenti mill-ikklerjar ċentrali jekk il-parteċipazzjoni tagħhom tnaqqas l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ġenerali minħabba l-aċċettazzjoni ta' kollateral alternattiv mhux fi flus kontanti.

3.2.4. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-KESE jissuġġerixxi li:

— aktar milli sempliċement inaqqsu l-frekwenza tar-rapporti meħtieġa, b'mod ġenerali, sa ċertu ammont, il-banek iż-żgħar u istituzzjonijiet finanzjarji żgħar oħra m'għandhomx ikunu soġġetti għal ċerti rekwiżiti ta' rapportar. Inkella, l-ispejjeż regolatorji għal istituzzjonijiet żgħar jistgħu joħolqu distorsjonijiet tas-suq li jiffavorixxu forom partikolari ta' organizzazzjoni u negozji kbar;

— il-banek żgħar u, b'mod aktar ġenerali, l-istituzzjonijiet finanzjarji żgħar m'għandhomx ikunu mgħobbija żżejjed b'rekwiżiti amministrattivi sakemm dawn jirrispettaw ċerti standards. Dawn l-istandards għandhom ikunu strettament sorveljati, inkella se jkun hemm telf ta' fiduċja.

### 3.3. *It-tnaqqis ta' piż regolatorju bla bżonn*

3.3.1. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-ikkompletar b'suċċess tas-CMU għandha tippermetti li l-kumpaniji tal-UE ta' kull daqs, settur u stadju taċ-ċiklu tal-ħajja ikollhom aċċess għas-suq kapitali tal-UE b'mod faċli għall-utent, sempliċi u b'mod affordabbli. Il-KESE qed jittama għal att leġislattiv ta' Livell 2 effiċjenti biex jakkumpanja d-Direttiva dwar il-Prospett, li għandha tippromovi l-ikkwotar, speċjalment tal-SMEs, u se toħloq sistema aktar favorevoli għall-ġbir ta' fondi.

3.3.2. Filwaqt li jirrikonoxxi li s-superviżuri nazzjonali huma infurmati aħjar dwar il-karatteristiċi tas-suq lokali, il-KESE jwissi li dan m'għandu bl-ebda mod iservi ta' skuża għal regolamentazzjoni eċċessiva u li r-rekwiżiti fil-livell nazzjonali m'għandhomx ikunu iżjed stretti mid-dispożizzjonijiet leġislattivi tal-UE.

3.3.3. Il-KESE jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-kumplessità dejjem tikber tal-leġislazzjoni, li hija riflessa fiż-żieda fl-ammont, id-dettall u l-għadd ta' livelli ta' regolamentazzjoni u superviżjoni fil-livelli kollha – internazzjonali, tal-UE u nazzjonali. Huwa jirrikonoxxi, ċertament, li s-swieq finanzjarji huma kumplessi ħafna, u b'hekk jeħtieġu regolamentazzjoni aktar kumplessa, iżda jwissi li dan jista' jaffettwa b'mod negattiv l-investimenti. Il-KESE huwa tal-fehma li l-leġislazzjoni mhux dejjem tkun l-aktar reazzjoni politika adatta u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħżel soluzzjonijiet mhux leġislattivi u bbażati fuq is-suq, kull meta jkun possibbli.

### 3.4. *L-iżgurar li l-qafas regolatorju jsir aktar konsistenti u li jħares 'il quddiem*

3.4.1. Il-KESE jilqa'b'sodisfazzjon approċċ għar-regolamentazzjoni bbażat fuq ir-riskju, li skontu l-istess regoli jiġu applikati għall-istess riskju. Huwa jenfasizza f'dan ir-rigward il-benefiċċji tad-diversifikazzjoni tal-assi – kemm mil-lat tal-klassi tal-assi kif ukoll minn dak tal-oriġini tal-assi – bħala mod li jippermetti diversifikazzjoni aħjar tar-riskji u s-sodisfar aħjar tal-ħtiġijiet tal-investituri.

3.4.2. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal implimentazzjoni rapida fil-livell tal-UE tal-inizjattivi għall-promozzjoni ta' aktar edukazzjoni finanzjarja, u edukazzjoni finanzjarja mtejba ([10]), li għandha tikkunsidra l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull Stat Membru. Tinħtieġ enfasi speċjali fuq l-SMEs, inkluż kif jistgħu jintużaw aħjar l-opportunitajiet offruti mis-swieq kapitali.

3.4.3. L-intermedjarji, speċjalment l-assoċjazzjonijiet tan-negozju, għandhom rwol importanti ħafna x'jaqdu biex jidderieġu l-finanzjament lejn l-ekonomija reali kif ukoll lejn ekosistemi lokali żviluppati sew.

3.4.4. B'konformità mal-konklużjonijiet f'Opinjoni preċedenti ([11]), il-KESE jenfasizza li l-konsultazzjoni dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur kellha bażi wiesgħa wisq u jissuġġerixxi approċċ aktar iffukat għall-Pjan antiċipat ta' Azzjoni tas-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur, sabiex ikun hemm riżultati aktar tanġibbli. Il-KESE huwa tal-fehma wkoll li dan il-Pjan ta' Azzjoni għandu jitħejja b'fokus qawwi fuq il-protezzjoni tal-konsumatur.

([10]) ĠU C 318, 29.10.2011, p. 24.
([11]) ĠU C 264, 20.7.2016, p. 35.

3.4.5. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-fatt li l-attenzjoni mogħtija lill-iżvilupp teknoloġiku fit-tfassil tar-regoli futuri ngħatat prijorità. Madankollu, huwa jħeġġeġ lill-Kummissjoni f'din il-ħidma biex tkun prudenti wkoll dwar it-theddid għaċ-ċibersigurtà. Huwa jenfasizza li approċċ integrat f'dak li jirrigwarda l-ikkompletar tas-CMU għandu jiffoka fuq l-iżvilupp tas-suq diġitali uniku u riformi kontinwi fil-qasam tal-liġi tal-kumpaniji u l-governanza korporattiva.

3.4.6. Il-KESE jissuġġerixxi li, bħala parti minn miżuri ta' segwitu, għandu jiġi inkluża rieżami ieħor tad-Direttiva dwar it-Trasparenza, b'enfasi fuq in-notifika ta' holdings importanti. Dawn in-notifiki huma differenti minn Stat Membru għal ieħor, u kultant saħansitra minn kumpanija kkwotata għal oħra. Dan huwa piż bla bżonn għall-investituri u għandu jiġi evitat permezz ta' armonizzazzjoni sħiħa, peress li huwa impediment għall-iżvilupp ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali.

3.4.7. B'mod aktar ġenerali, l-investiment transkonfinali huwa mxekkel mill-fatt li l-investituri jridu jqisu 28 sistema regolatorja differenti meta jinvestu f'kumpaniji kkwotati li l-uffiċju rreġistrat tagħhom jinsab f'wieħed mit-28 Stat Membru. Regolamenti ddettaljati – minflok direttivi – jirrappreżentaw pass importanti lejn il-ħolqien ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali. Ir-regolamenti għandhom jiġu kkomplementati minn superviżjoni u infurzar Ewropej.

## 4. **Il-passi li jmiss**

4.1. Il-KESE jinkoraġġixxi l-inklużjoni sħiħa tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro fl-Unjoni Bankarja.

4.2. B'konformità mal-konklużjonijiet tal-Opinjoni reċenti tiegħu ([12]), il-KESE jenfasizza li r-rieżami tad-Direttiva dwar il-Prospett għandha tkun immirata lejn it-tnaqqis tal-ispejjeż u s-semplifikazzjoni tal-proċeduri għall-SMEs, filwaqt li jintlaħaq bilanċ ġust mil-lat tal-protezzjoni tal-investitur. Il-KESE jenfasizza li l-valutazzjoni tal-impatt u l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji għandhom jinkludu evalwazzjonijiet bir-reqqa tal-impatt tal-miżuri tal-Livell 2, li jiffurmaw parti sinifikanti mill-qafas tar-Regolament Finanzjarju tal-UE.

4.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet superviżorji rilevanti biex jindirizzaw l-interazzjoni bejn l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) u r-rekwiżiti prudenzjali, u biex jirrieżaminaw l-impatt tal-kontabilità tat-taxxa fuq il-fondi proprji.

4.4. Fl-istess ħin, il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-fatt li xi kultant ir-regolamenti jinbidlu tant ta' spiss li dan joħloq konfużjoni, u jagħmilha ferm diffiċli jew saħansitra impossibbli għall-istituzzjonijiet u individwi li jikkonformaw. Jinħtieġ żmien adatt għall-aġġustament tal-proċeduri u l-formoli u, għalhekk, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi skadenza ta' żmien qabel l-introduzzjoni ta' bidliet ġodda.

4.5. Il-Kummissjoni trid tiżgura li jiġi skedat ħin biżżejjed għall-implimentazzjoni adatta tal-leġislazzjoni fil-livell nazzjonali anke meta l-Awtorità Superviżorja Ewropea tiġi kkonsultata fil-proċess tal-abbozzar tal-leġislazzjoni tal-Livell 2. F'każ li dan ma jseħħx, l-iskadenzi tal-implimentazzjoni għandhom jew jiġu estiżi (kif inhu l-każ bil-prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażat fuq l-assigurazzjoni – PRIIPs) jew, fl-agħar xenarju possibbli, jitħalla ftit wisq żmien għall-intrapriżi u l-impjegati tagħhom biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-liġi l-ġdida qabel ma jkollhom jikkonformaw magħha.

4.6. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li, flimkien ma' sforzi regolatorji, tinħtieġ bidla kemm mil-lat ta' kultura kif ukoll ta' mġiba fis-settur finanzjarju, u għal dan l-għan jistieden lill-partijiet interessati kollha biex jagħmlu sforzi kostanti biex tinkiseb konformità aħjar, ġestjoni aktar reattiva u trasparenti, u aktar orjentazzjoni fit-tul għall-parteċipanti kollha tas-suq.

4.7. Bil-ħsieb li tiġi stimulata l-kompetizzjoni f'suq li huwa kkonċentrat ħafna, il-KESE jixtieq li jiġu promossi fornituri addizzjonali tal-klassifikazzjoni. Dan għandu wkoll jgħin biex jonqsu l-ispejjeż eċċessivi li jiffaċċjaw l-SMEs meta jiksbu klassifikazzjoni tal-kreditu esterna u, barra minn hekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni teżamina aktar kif l-SMEs jistgħu jiġu kklassifikati b'mod komparabbli u affordabbli.

4.8. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida u effiċjenti, u b'konformità mal-prijoritajiet fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2017 ([13]), il-KESE jirrakkomanda li jittieħdu passi li jiggarantixxu li l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ li jirrispettaw l-iskadenzi għat-traspożizzjoni tad-direttivi u jassiguraw li dawn jiġu implimentati b'mod sħiħ.

---

([12]) ĠU C 177, 18.5.2016, p. 9.
([13]) COM(2016) 710 final.

4.9. B'konformità mal-inizjattiva għal regolamentazzjoni aħjar, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-involviment bikri tal-partijiet interessati rilevanti kollha, inklużi gruppi ta' esperti u korpi konsultattivi, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni bilanċjata fil-konsultazzjonijiet billi tiġi riflessa d-diversità tal-partijiet interessati.

Brussell, id-29 ta' Marzu 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar**

**"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75"**

*[COM(2016) 531 final — 2016-0256-COD]*

**dwar**

**"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75"**

*[COM(2016) 532 final — 2016-0257-COD]*

**u dwar**

**"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94"**

*[COM(2016) 528 final — 2016-0254-COD]*

(2017/C 209/08)

Relatur: **Christa SCHWENG (AT-I)**

Korelatur: **Giulia BARBUCCI (IT-II)**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 8.9.2016 |
| Bażi legali | L-Artikolu 173(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni Speċjalizzata responsabbli | Ix-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza |
| Adottata fis-sezzjoni speċjalizzata | 7.3.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 30.3.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 524 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 168/0/0 |

## 1. **Konklużjonijiet**

1.1. Il-KESE jieħu nota tal-proposta għal reviżjoni tar-regolamenti tat-twaqqif għat-tliet aġenziji Cedefop, EUROFOUND u EU-OSHA. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-istruttura tripartitika u bilanċjata tal-bord tat-tmexxija – kuntrarju għall-proposti fl-approċċ komuni – se tinżamm. It-tripartitiżmu huwa l-espressjoni ta' approċċ inklużiv, li jirrispetta l-importanza tar-rwol tal-imsieħba soċjali fit-tfittxija ta' soluzzjonijiet konġunti.

1.2. L-objettivi ġenerali tat-tliet aġenziji jenħtieġ li jiġu definiti b'mod uniformi u aktar komprensiv, jiġifieri "jappoġġjaw il-ħtiġijiet tal-korpi u l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, tal-Istati Membri u tal-Imsieħba Soċjali".

1.3. Il-KESE huwa favur li s-setgħat relatati mal-ħatriet tal-persunal u mat-tibdil tal-istrutturi interni tal-aġenzija rispettiva jibqgħu f'idejn id-direttur. Huwa biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta d-direttur ma jkunx jista' jwettaq il-funzjonijiet tal-awtorità tal-ħatra, li l-bord jenħtieġ li jiddeċiedi li din il-kompetenza tingħata lil membru tal-persunal anzjan ieħor.

1.4. Il-KESE huwa kontra t-tnaqqis tal-għadd ta' membri tal-bord eżekuttiv, minħabba li dan jiżvantaġġja lill-grupp ta' interess li bħalissa għandu l-kariga ta' president, hekk kif dawn imbagħad ma jkollhom ebda kelliem fil-bord eżekuttiv. Barra minn hekk, rappreżentanza usa' fil-bord eżekuttiv tiffaċilita diskussjonijiet iżjed infurmati.

1.5. Il-KESE jilqa' l-approċċ standardizzat għan-nomina tad-direttur eżekuttiv, li huwa fuq l-istess linji bħal dak tal-EU-OSHA.

1.6. Il-KESE huwa konvint li l-kariga ta' viċi direttur uriet bil-provi li hija utli u għandha tinżamm fejn teżisti. Minħabba li l-prattiki eżistenti differenti jaħdmu tajjeb, il-Kumitat jirrikjedi ċerta flessibilità għat-tliet aġenziji. Id-deċiżjoni finali dwar il-kariga ta' viċi direttur għandha tkun f'idejn il-bord ta' tmexxija.

1.7. Il-KESE huwa tal-opinjoni li t-twaqqif ta' kuntatti u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali għandu jirrikjedi biss l-approvazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija, li fih hija rrappreżentata l-Kummissjoni.

## 2. **Sfond**

2.1. Permezz ta' dawn ir-regolamenti proposti, ir-regolamenti tat-twaqqif tat-tliet aġenziji – l-Eurofound, is-Cedefop u l-EU-OSHA – se jiġu allinjati fuq l-approċċ komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati. Dan l-approċċ kien adottat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-Kummissjoni Ewropea fl-2012 u għandu jservi bħala l-bażi għal ċertu ammont ta' standardizzazzjoni fil-konsistenza, l-effiċjenza, il-kontabbiltà u t-trasparenza tal-aġenziji Ewropej. Skont l-approċċ komuni, l-aġenziji "jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' politiki tal-Unjoni importanti, sabiex b'hekk jgħinu lill-istituzzjonijiet kollha, b'mod partikolari l-Kummissjoni, jikkonċentraw fuq il-kompiti ewlenin tat-tfassil tal-politika. L-aġenziji għandhom ukoll rwol fl-appoġġ għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet billi jiġbru l-għarfien tekniku jew speċjalizzat disponibbli fil-livell nazzjonali u dak Ewropew u b'hekk jgħinu sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-UE f'oqsma ta' politika importanti." Kuntrarju għall-aġenziji tal-UE l-oħrajn, it-tliet aġenziji inkwistjoni hawnhekk iħaddnu tradizzjoni komuni ta' governanza tripartitika, fejn rappreżentanti tal-gvernijiet, tal-ħaddiema u tal-impjegaturi minn kull Stat Membru huma istituzzjonalment inklużi fil-governanza tal-aġenziji. It-twaqqif b'mod daqstant sod tal-ħidma tal-aġenziji fir-realtajiet tal-Istati Membri jiggarantixxi r-rilevanza topika u politika tal-ħidma tagħhom. Il-kompitu attwali tal-allinjament tar-regolamenti tat-twaqqif tat-tliet aġenziji joffri opportunità sabiex jiġu identifikati u enfasizzati l-mekkaniżmi speċifiċi ta' governanza tripartitika li evolvew matul iż-żmien f'kull aġenzija, kif ukoll sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-prattika tajba stabbilita.

2.2. Qabel il-pubblikazzjoni ta' dan l-approċċ komuni saret evalwazzjoni tal-aġenziji Ewropej kollha.

## 3. **Il-kontenut essenzjali tal-abbozz ta' proposti**

3.1. L-Artikolu 235 tat-TUE (issa l-Artikolu 352 tat-TFUE) kien il-bażi ġuridika għat-tliet aġenziji kollha, li kien jeħtieġ li jiġi aġġornat minħabba deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-Eurofound u l-EU-OSHA kienu bbażati fuq l-Artikolu 153(2)(a) tat-TFUE u s-Cedefop kien ibbażat fuq l-Artikoli 166(4), 165(4) u 149 tat-TFUE.

3.2. Ebda waħda mit-tliet aġenziji ma ngħatat kompiti ġodda permezz tal-bidla fir-regolamenti, iżda l-kompiti tagħhom kollha ġew aġġustati għaċ-ċirkostanzi attwali, filwaqt li l-kunċetti antikwati ġew aġġornati.

### 3.3. ***Dispożizzjonijiet orizzontali***

3.3.1. Komuni għat-tliet aġenziji huwa l-fatt li l-bord tat-tmexxija jinkludi mhux biss rappreżentanti tal-Istati Membri kollha u tal-Kummissjoni Ewropea, iżda wkoll 28 rappreżentant tal-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-impjegaturi u tal-impjegati. It-tripartitiżmu huwa l-espressjoni ta' approċċ inklużiv, li jirrispetta l-importanza tar-rwol tal-imsieħba soċjali fit-tfittxija ta' soluzzjonijiet konġunti. L-approċċ komuni stipula li l-għadd ta' rappreżentanti mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-impjegati għandu jitnaqqas drastikament. Dan wassal għal tħassib min-naħa tal-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali nazzjonali u Ewropej u, minħabba f'hekk, inżammet l-istruttura oriġinali.

3.3.2. Il-membri tal-bord tat-tmexxija jinħatru mill-Kunsill għal perjodu ta' erba' snin. Minbarra għarfien espert fl-oqsma ta' ħidma rispettivi tal-aġenziji, jenħtieġ li l-membri jkollhom ukoll abbilitajiet rilevanti fl-oqsma tal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-baġit. Ir-rappreżentanti tal-impjegaturi u tal-impjegati jinħatru mill-Kunsill abbażi tal-proposti mill-organizzazzjonijiet Ewropej ewlenin tal-impjegaturi u tal-impjegati. Kriterju addizzjonali għall-EU-OSHA kien – sa issa – li dawn ikunu membri ta' jew rappreżentanti fuq il-Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

3.3.3. Il-kompiti tal-bord tat-tmexxija jinkludu: l-adozzjoni tad-dokument tal-ipprogrammar, il-baġit, ir-rapport annwali tal-attività, ir-regoli finanzjarji, l-istrateġija kontra l-frodi, ir-regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, ir-regoli ta' proċedura, il-pjani ta' komunikazzjoni u tixrid, setgħat relatati mal-ħatriet tal-persunal, il-ħatra tad-direttur eżekuttiv u tal-uffiċjal tal-kontabilità, is-segwitu għar-rapporti u l-evalwazzjonijiet tal-OLAF, id-deċiżjonijiet relatati mal-istruttura interna tal-aġenzija rispettiva u l-arranġamenti ta' ħidma ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

3.3.4. Il-perjodi ta' żmien għall-adozzjoni u t-trażmissjoni ta' dokumenti ta' programmar pluriennali qed jiġu armonizzati.

3.3.5. Il-president tal-bord tat-tmexxija u t-tliet viċi presidenti jinħatru minn fost ir-rappreżentanti tal-gruppi ta' interess tal-gvern, tal-impjegaturi u tal-ħaddiema u mill-Kummissjoni; huma jiġu eletti b'maġġoranza ta' żewġ terzi għal perjodu ta' sentejn (fl-EU-OSHA sa issa għal sena). Il-bord tat-tmexxija jiltaqa' darba fis-sena u jiddeċiedi b'maġġoranza sempliċi.

3.3.6. Il-bord eżekuttiv (dak li qabel kien il-bureau) jinkludi l-president tal-bord tat-tmexxija, it-tliet viċi presidenti, il-koordinaturi tal-grupp u rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni. Għall-Eurofound u l-EU-OSHA, dan ifisser tnaqqis fid-daqs; sa issa, kien possibbli għall-bord li jkun jinkludi 11-il persuna.

3.3.7. Sal-lum, il-bord eżekuttiv kellu l-kompitu li jimmonitorja l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-bord tat-tmexxija, iżda bir-regolament il-ġdid huwa se jingħata setgħat aktar komprensivi: iħejji d-deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-bord tat-tmexxija u jimmonitorja s-segwitu tal-OLAF flimkien mal-bord tat-tmexxija, kif ukoll jagħti pariri u appoġġ lid-direttur fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet tal-bord tat-tmexxija. F'sitwazzjonijiet urġenti, il-bordijiet eżekuttivi tat-tliet aġenziji jistgħu jieħdu deċiżjonijiet provviżorji f'isem il-bord tat-tmexxija fi kwistjonijiet li jikkonċernaw it-tmexxija, inklużi kwistjonijiet baġitarji u tal-awtorità tal-ħatra.

3.3.8. Il-kompiti tad-diretturi ġew stabbiliti b'mod aktar preċiż fir-regolament propost milli fir-regolamenti preċedenti. Ġdida wkoll hija d-deċiżjoni dwar jekk għandhomx jiġu stabbiliti uffiċċju lokali fi Stati Membru wieħed jew aktar sabiex ikun żgurat li l-kompiti tal-aġenzija jitwettqu b'mod aktar effiċjenti. Din id-deċiżjoni tirrikjedi l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni, tal-bord tat-tmexxija u tal-Istat Membru ikkonċernat.

3.3.9. Id-direttur jinħatar għal 5 snin mill-bord tat-tmexxija, minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, permezz ta' maġġoranza ta' żewġ terzi. Il-mandat tad-direttur jista' jiġġedded darba, abbażi ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni tiegħu jew tagħha. Din il-proċedura tal-ħatra hija konformi mal-proċedura li tapplika fl-EU-OSHA. Is-Cedefop u l-Eurofound għandhom viċi diretturi.

3.3.10. Ir-regolamenti proposti jallinjaw ukoll id-dispożizzjonijiet finanzjarji, id-dispożizzjonijiet dwar l-ipprogrammar u d-dispożizzjonijiet eżistenti dwar ir-rapportar fuq ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-aġenziji.

3.3.11. Kull proposta għal regolament għandha wkoll dispożizzjonijiet standard ġodda dwar l-istatus legali, ftehim dwar il-kwartieri ġenerali, arranġamenti lingwistiċi, it-trasparenza, il-ġlieda kontra l-frodi, regoli ta' sigurtà dwar l-informazzjoni kklassifikata, ir-responsabbiltà, l-evalwazzjoni u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

4. **Kummenti ġenerali**

4.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) huwa favur li jintlaħqu standards komuni għat-tliet aġenziji tripartitiċi kollha, billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-aħjar prattika eżistenti kif evolviet. Ir-regoli u l-karatteristiċi tal-governanza jenħtieġ li jkunu kemm jista' jkun simili, madankollu, trid tiġi rrispettata n-natura speċifika ta' kull aġenzija. L-elementi prinċipali tal-istruttura ta' governanza tripartitika għandhom ikunu l-istess għat-tliet aġenziji, u l-modalitajiet sabiex tiġi implimentata għandhom ikunu simili kemm jista' jkun. Kwistjonijiet bħall-objettivi speċifiċi, il-kompiti u l-istrutturi ta' appoġġ/konsulenza jenħtieġ li jiġu definiti speċifikament għal kull aġenzija.

4.2. L-objettivi ġenerali tat-tliet aġenziji jenħtieġ li jiġu definiti b'mod uniformi u aktar komprensiv, jiġifieri "jappoġġjaw il-ħtiġijiet tal-korpi u l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, tal-Istati Membri u tal-Imsieħba Soċjali".

4.3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li se tinżamm l-istruttura tripartitika u bilanċjata tal-bord tat-tmexxija – kuntrarju għall-proposti fil-proposti oriġinali għall-approċċ komuni. It-tliet aġenziji kollha għandhom ir-responsabbiltajiet tagħhom f'oqsma li huma marbuta mill-qrib mad-dinja tax-xogħol. Għal din ir-raġuni, l-għarfien espert tar-rappreżentanti tal-impjegaturi u tal-impjegati huwa indispensabbli, anki sabiex jiġi żgurat li l-ħidma tal-aġenziji tkun tirrifletti b'mod adegwat ir-realtajiet għall-impjegaturi u għall-impjegati, kif ukoll il-varjetà kbira ta' esperjenza fl-Istati Membri tal-Unjoni. L-involviment dirett ta' dawn il-gruppi fil-bord tat-tmexxija jiżgura kooperazzjoni aħjar u sens ta' sjieda. Huwa jaċċerta wkoll li jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet tal-impjegaturi u tal-impjegati fl-ippjanar tal-programm annwali u pluriennali u li l-aġenziji jżommu dawn il-punti f'moħħhom meta jwettqu l-kompiti tagħhom.

4.4. Minbarra l-għarfien espert fl-oqsma ta' ħidma rispettivi tal-aġenziji, jenħtieġ li d-deżinjazzjoni tal-membri tal-bord tat-tmexxija tqis ukoll l-abbilitajiet rilevanti fl-oqsma tal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-baġit. Mill-perspettiva tal-KESE, il-kriterju ewlieni għall-ħatra tal-membri tal-bord tat-tmexxija xorta għandu jkun li huma jkollhom l-għarfien rilevanti fil-qasam speċifiku tal-ħidma tal-aġenzija. Anki jekk ċertu għarfien bażiku fl-oqsma tal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-baġit jagħmel sens sħiħ, l-interpretazzjoni stretta ta' din il-kundizzjoni mgħandhiex tfisser li l-esperti fil-qasam kopert mill-aġenzija ma jitħallewx jipparteċipaw fil-ħidma tal-bord tat-tmexxija.

4.5. Fir-regolament il-ġdid, il-kompiti tal-bord tat-tmexxija għandhom imorru lil hinn mill-funzjonijiet superviżorji tradizzjonali relatati mal-baġit u l-ippjanar, fis-sens li l-bord se jkun jista' wkoll jeżerċita s-setgħat relatati mal-ħatriet tal-persunal u jbiddel l-istrutturi interni tal-aġenzija kkonċernata. Il-KESE jħoss li, tradizzjonalment, dan kien kompitu għad-direttur u mhuwiex konformi mal-funzjoni superviżorja. Huwa jissuġġerixxi li dawn is-setgħat jitneħħew. Madankollu, il-KESE jirrikonoxxi li jekk, minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, id-direttur ma jkunx jista' jwettaq il-funzjonijiet tal-awtorità tal-ħatra, jenħtieġ li din il-kompetenza tingħata lil membru tal-persunal ieħor li jkun ta' livell għoli. Din id-deċiżjoni jenħtieġ li tittieħed mill-bord b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa.

4.6. Il-presidenza tal-bord tat-tmexxija tal-aġenzija ta' Bilbao għandha tiġi estiża għal sentejn; dan diġà huwa l-każ għaż-żewġ aġenziji l-oħrajn. Mill-perspettiva tal-KESE, jenħtieġ li jkun hemm allużjoni għar-rotazzjoni tal-presidenza bejn il-gruppi ta' interess differenti pprattikata mill-aġenziji kollha. Jenħtieġ li jkun hemm ukoll dispożizzjoni sabiex il-kariga ta' president tkun tista' tiġi okkupata diversi drabi mill-istess persuna. Il-KESE jwissi li, bi presidenza ta' sentejn, mhux il-gruppi ta' interess kollha se jingħataw piż indaqs f'mandat wieħed u, għalhekk, jissuġġerixxi li t-tul tal-presidenza tal-bord tat-tmexxija jinżamm kif inhu, li jirrifletti l-prattika eżistenti fl-aġenziji differenti.

4.7. Huwa propost li l-bord eżekuttiv jitnaqqas fid-daqs, iżda li jingħata kompiti addizzjonali; hija mogħtija lista eżawrjenti ta' dawn. Għal raġunijiet prattiċi, u fuq kollox, minħabba li l-bord eżekuttiv jopera bejn il-laqgħat tal-bord tat-tmexxija, il-KESE jissuġġerixxi li jiddaħħal it-terminu "pereżempju" qabel il-lista ta' kompiti tiegħu, sabiex jintwera li l-lista hija indikattiva. Fir-rigward tal-bord tat-tmexxija, il-bord eżekuttiv ma jenħtieġx li jingħata setgħat relatati mal-ħatriet tal-persunal. Il-KESE jħares lejn it-tnaqqis fid-daqs tal-bordijiet eżekuttivi tal-Eurofound u tal-EU-OSHA b'ċertu xettiċiżmu. B'mod partikolari, il-grupp ta' interess li bħalissa għandu l-kariga ta' president se jkun żvantaġġjat, minħabba li mhux se jkollu kelliem ieħor fil-bord eżekuttiv. Il-KESE jissuġġerixxi li tinżamm il-kompożizzjoni bi tliet membri għal kull grupp ta' interess.

4.8. Il-formulazzjoni tal-paragrafu dwar it-twaqqit tad-dokument tal-ipprogrammar hija qarrieqa. Il-KESE jitlob sabiex jiġi kkjarifikat li l-abbozz ta' dokument tal-ipprogrammar, li jikkonsisti f'parti pluriennali, programm ta' ħidma annwali u baġit, inklużi r-riżorsi umani, għandu jiġi adottat mill-bord u jintbagħat lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta d-dokument tal-ipprogrammar finali sat-30 ta' Novembru.

4.9. Il-KESE jilqa' l-approċċ standardizzat għan-nomina tad-direttur eżekuttiv, li huwa fuq l-istess linji bħal dak tal-EU-OSHA. Madankollu, huwa jissuġġerixxi li meta l-Kummissjoni tkun qed tħejji l-lista mqassra, għandhom ikunu preżenti osservaturi mill-gruppi ta' interess kollha.

4.10. It-tliet aġenziji kollha għandhom uffiċċji ta' kollegament fi Brussell. Mill-perspettiva tal-KESE, il-mod kif jaħdmu l-aġenziji ma jirrikjedix il-ftuħ ta' aktar uffiċċji fl-Istati Membri. Għalhekk, ir-regolamenti jridu jagħmlu referenza għall-uffiċċji li diġà jeżistu fi Brussell, iżda jenħtieġ li titneħħa kull referenza għall-possibbiltà li jitwaqqfu uffiċċji lokali oħrajn.

4.11. Sabiex tinżamm konformità mal-approċċ komuni, il-kariga ta' viċi direttur fil-EUROFOUND qed titneħħa. Il-KESE jirreferi għall-fatt li s-Cedefop għandu viċi direttur ukoll, għalkemm dan mhuwiex previst fir-regolament. Il-KESE huwa konvint li l-kariga ta' viċi direttur uriet bil-provi li hija utli. B'mod partikolari, huwa jippermetti li jiġi inkorporat bilanċ bejn l-interessi tal-impjegaturi u dawk tal-impjegati fid-direzzjoni tal-aġenziji kkonċernati, li jappoġġja l-involviment tal-imsieħba soċjali bħala parti mit-tripartitiżmu. Minħabba li l-prattiki eżistenti differenti jaħdmu tajjeb, il-Kumitat jirrikjedi ċerta flessibilità għat-tliet aġenziji. Jenħtieġ li titħalla għall-bord ta' tmexxija li jiddeċiedi jekk il-kariga ta' viċi direttur hijiex neċessarja.

4.12. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li għandhom jiġu konklużi ftehimiet dwar il-kwartieri ġenerali mal-pajjiżi fejn l-aġenziji rispettivi għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom. It-tliet aġenziji kollha diġà ffirmaw tali ftehimiet dwar il-kwartieri ġenerali; għalhekk, din id-dispożizzjoni se tkun tirrifletti dak li hu diġà l-każ.

4.13. Skont l-abbozzi ta' regolamenti, l-evalwazzjonijiet, li jridu jsiru kull ħames snin, għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni. Il-KESE huwa konvint li l-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-bord ta' tmexxija se tgħin sabiex jiġu indirizzati aħjar kwalunkwe bidliet possibbli wara evalwazzjoni.

4.14. Meta l-Aġenziji jistabbilixxu kuntatti u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, dawn ikunu jirrikjedu l-approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni u sussegwentement jiġu inklużi fid-dokument tal-ipprogrammar. Il-KESE huwa tal-opinjoni li l-approvazzjoni mill-bord ta' tmexxija, li fih hija rrappreżentata l-Kummissjoni, hija diġà biżżejjed u mhija meħtieġa ebda approvazzjoni doppja.

5. **Kummenti speċifiċi**

5.1. ***Eurofound***

5.1.1. Meta tqabbel mar-regolament attwali, tinnota li tħassret ir-referenza għar-riċerka fuq perjodu ta' żmien medju u twil, u dan jista' jiġi interpretat bħala twarrib tal-istħarriġ Ewropew. Anki jekk huma għaljin ħafna, huma l-inizjattivi ewlenin tal-Eurofound, li jipprovdu mhux biss lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri u lill-Imsieħba Soċjali, iżda wkoll lil bosta akkademiċi u riċerkaturi tal-politika, b'data pan-Ewropea komparabbli unika dwar firxa estremament rikka u wiesgħa ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien. Il-KESE japprezza u jappoġġja s-sondaġġi Ewropej billi jikkontribwixxu b'mod dirett għall-iżvilupp ulterjuri tal-proġett Ewropej kollu kemm hu.

5.1.2. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-kompiti tal-kumitati konsultattivi, li jistgħu jitwaqqfu u jiġu xolti mill-bord tat-tmexxija, għandhom jiġu deskritti b'mod aktar preċiż.

5.2. ***Cedefop***

5.2.1. Il-KESE ma jaqbilx mal-objettiv stabbilit għas-Cedefop, li jgħid li huwa għandu jassisti lill-Kummissjoni fit-tiswir u l-implimentazzjoni tal-politika dwar l-edukazzjoni vokazzjonali u tal-politika dwar it-taħriġ, il-ħiliet u l-kwalifiki. Il-Kumitat iħoss li l-objettiv tas-Cedefop jenħtieġ li jkun allinjat ma' dawk taż-żewġ aġenziji l-oħrajn. Għalhekk, ir-regolament jenħtieġ li jagħmilha ċara li l-għan tas-Cedefop huwa, flimkien mal-korpi u l-istituzzjonijiet tal-UE, li jappoġġja lill-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali fit-tiswir u l-implimentazzjoni tal-politika, billi jipprovdi informazzjoni u analiżi dwar it-taħriġ vokazzjonali, il-ħiliet u l-kwalifiki.

5.2.2. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni tirrifletti l-fatt li s-Cedefop ħa f'idejh kompiti ġodda fil-passat. L-attivitajiet attwali tas-Cedefop imorru lil hinn mill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u jinkludu xogħol fuq il-kwalifiki, b'mod partikolari l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, fuq l-analiżi u t-tbassir tal-ħiliet, u l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali. Madankollu, il-kumitat jenfasizza l-fatt li l-enfasi tal-attivitajiet tas-Cedefop jenħtieġ li tibqa' fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, inkluż l-apprendistat u t-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol, għal kulħadd (żgħażagħ u adulti), sabiex b'hekk titjieb l-impjegabbiltà tagħhom.

5.3. ***EU-OSHA***

5.3.1. Skont il-proposta, l-għan tal-EU-OSHA huwa, fost l-oħrajn, li tagħmel disponibbli informazzjoni legali dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Il-KESE jqis din id-dispożizzjoni bħala li tindaħal wisq fl-isfera tar-responsabbiltà tal-Kummissjoni u, għalhekk, huwa kontriha.

5.3.2. Huwa jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li fir-regolament dwar l-EU-OSHA hemm referenza espliċita għal miżuri ta' sensibilizzazzjoni u komunikazzjoni, kif ukoll għal kampanji favur il-protezzjoni tax-xogħol. L-aġenzija ilha mis-sena 2000 twettaq kampanji ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni ta' sentejn dwar diversi temi li jirrigwardjaw il-protezzjoni tal-ħaddiema, sabiex b'hekk tkun tista' tilħaq udjenza wiesgħa u tagħti pubbliċità lil soluzzjonijiet prattiċi u tajbin.

5.3.3. In-netwerk ta' informazzjoni tal-aġenzija twaqqaf fl-istess żmien li ġiet stabbilita l-aġenzija u huwa element ewlieni fl-iżgurar li l-informazzjoni magħmula disponibbli tkun kemm fattwalment korretta kif ukoll attwalment rilevanti għal dak li jseħħ fil-prattika. Barra minn hekk, dawn in-netwerks effettivament jestendu wkoll l-approċċ tripartitiku Ewropew inklużiv għal-livell nazzjonali, fejn ilaqqgħu flimkien rappreżentanti tal-gvernijiet u l-Imsieħba Soċjali b'modi li wrew bil-provi li huma kostruttivi u utli ħafna. L-involviment tal-imsieħba soċjali nazzjonali f'dan in-netwerk huwa għalhekk ta' importanza fundamentali u jenħtieġ li jiġi garantit mill-Istati Membri. Madankollu, il-KESE ma jqisx li huwa realistiku għall-aġenzija li tagħmel bidliet f'netwerk nazzjonali magħżul mill-Istati Membri b'konformità ma' kriterji speċifiċi. Madankollu, il-bord tat-tmexxija jenħtieġ li jitħalla jagħmel rakkomandazzjonijiet fir-rigward tas-sħubija.

Brussell, it-30 ta' Marzu 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spiritwż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spiritwż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spiritwż"**

*[COM(2016) 750 final — 2016/0392(COD)]*

(2017/C 209/09)

Relatur: **Peter SCHMIDT**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kunsill, 9.12.2016 |
| | Parlament Ewropew, 12.12.2016 |
| Bażi legali | Artikoli 43(2), 114(1) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | L-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent |
| Adottata fis-sezzjoni | 14.3.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 29.3.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 524 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 211/0/4 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tallinja l-qafas legali attwali dwar ix-xorb spiritwż mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u biex il-leġislazzjoni ssir konsistenti ma' strumenti legali ġodda tal-UE, prinċipalment fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi u skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel.

1.2. B'mod partikolari, il-KESE jappoġġja l-introduzzjoni ta' rabta iktar b'saħħitha mas-settur agrikolu. Din ir-rabta hija essenzjali għall-kwalità u r-reputazzjoni tax-xorb spiritwż prodott fl-UE.

1.3. Filwaqt li l-KESE ġeneralment jappoġġja l-adattamenti li jsiru biex jiġi żgurat allinjament mat-TFUE u biex jiffaċilitaw il-proċess leġislattiv, ikun aħjar jekk il-bilanċ jiċċaqlaq aktar lejn atti ta' implimentazzjoni pjuttost milli atti delegati. F'xi oqsma, l-abbiltà għal deroga għandha titneħħa għalkollox.

1.4. Il-KESE jagħraf il-kumplessità tal-eżerċizzju ta' riallinjament u jilqa' l-kjarifika u t-titjib f'oqsma bħar-regoli relatati mat-tikkettar ta' termini komposti, allużjonijiet u taħlit ta' xorb spiritwż, kif ukoll it-tikkettar fakultattiv tal-oriġini tal-materja prima. Madankollu, inbidlu xi elementi oħra fil-proposta li għandhom jiġu kkunsidrati mill-ġdid, kif speċifikat aktar 'il quddiem f'din l-Opinjoni.

1.5. Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi (IĠ), il-KESE jilqa' l-kjarifika tar-regoli u l-proċeduri tal-IĠ u l-valur li jingħata lit-tradizzjoni u l-produzzjoni lokali/territorjali.

1.6. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jinżamm il-livell attwali ta' protezzjoni fis-settur tax-xorb spiritwż, sabiex jiġi garantit li l-valur miżjud u l-impjieg jibqgħu fl-Ewropa. Dak li huwa importanti huwa l-post fejn il-prodott jiġi ddistillat u manifatturat, u l-bidla fit-terminoloġija li ġiet introdotta m'għandhiex timplika tibdil kbir għal dan is-settur.

1.7. Dwar il-preżentazzjoni u t-tikkettar, il-Kumitat jissuġġerixxi xi titjib fil-proposta attwali, prinċipalment fir-rigward tal-importanza li jiġi evitat kwalunkwe tip ta' rappreżentanza falza jew nuqqas ta' ftehim fir-rigward ta' "togħmiet artifiċjali", li jista' jqarraq bil-konsumatur.

1.8. Għalkemm dan ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni speċifiku tal-proposta tal-Kummissjoni, il-KESE jtenni r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-ħtieġa ta' approċċ ta' politika konsistenti u komprensiv imsejjes fuq l-evitar ta' konsum ta' alkoħol li jagħmel il-ħsara, kif ukoll fuq il-promozzjoni ta' xorb responsabbli li jevita riskji għas-saħħa u x-xorb taħt l-età – mhux biss għas-settur tal-ispirti, iżda wkoll b'mod iktar ġenerali. L-informazzjoni, l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni huma kruċjali f'dan ir-rigward, u l-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-bosta inizjattivi fis-settur pubbliku u privat f'dan il-kuntest.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1. Permezz ta' din il-Proposta għal Regolament, il-Kummissjoni għandha l-għan li tallinja r-Regolament (KE) Nru 110/2008 [1] eżistenti dwar ix-xorb spiritu mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Prinċipalment, il-proposta taqsam id-dispożizzjonijiet adottati mill-Kummissjoni skont dan ir-regolament tal-aħħar f'atti delegati u atti ta' implimentazzjoni, u tintroduċi bażi legali agrikola [2] biex tiġi enfasizzata rabta aktar b'saħħitha mas-settur agrikolu.

2.2. Barra minn allinjament mat-TFUE, il-proposta tintroduċi biss ftit emendi tekniċi żgħar, sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 u biex il-leġislazzjoni ssir konsistenti ma' strumenti legali ġodda tal-UE, prinċipalment f'dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (Regolament (UE) Nru 1169/2011 [3]) u l-iskemi ta' kwalità għall-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 [4]).

2.3. B'mod partikolari, il-proposta tikkjarifika xi regoli dwar it-tikkettar għal termini komposti, allużjonijiet u taħlitiet ta' xorb spiritu bil-għan li jiġu evitati l-problemi fis-suq intern. Tinkludi wkoll artikolu ġdid dwar l-indikazzjoni tal-oriġini u tintroduċi proċeduri aktar ċari dwar ir-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi żgurat l-allinjament legali tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 eżistenti dwar xorb spiritu mat-TFUE u biex il-leġislazzjoni ssir konsistenti ma' strumenti legali ġodda tal-UE. Il-qafas propost ġeneralment jipprovdi kjarifika u konsistenza fir-rigward tar-regoli fis-settur tal-ispirti.

3.2. Il-KESE jinnota li l-assoċjazzjonijiet tal-produtturi ta' xorb spiritu ġew ikkonsultati mill-Kummissjoni. Is-settur tax-xorb spiritu fl-UE, b'bejgħ f'pajjiż terzi b'valur ta' aktar minn EUR 10 biljun fl-2015, jagħmel parti mis-settur agroalimentari, li huwa l-ikbar settur espotatur tal-Unjoni Ewropea. Is-settur huwa responsabbli għal miljun impjieg fil-qasam tal-produzzjoni u l-bejgħ fl-Ewropa u għandu relazzjoni ekonomika u soċjali stretta mas-settur agrikolu. Id-dħul mid-dazju tas-sisa u l-VAT mill-ispirti jammonta għal madwar EUR 23 biljun fis-sena. Madankollu, il-konsum tal-ispirti naqas bi 32 % bejn l-1980 u l-2014. Dan huwa rifless fit-tendenzi separati ta' "primjumizzazzjoni" u "inqas xorb, iżda xorb aħjar". Bejn l-2000 u l-2015, pereżempju, il-bejgħ kummerċjali (lukandi, ristoranti, kafetteriji) naqas bi 8 % għal 23,5 miljun ettolitru ta' xorb, iżda l-valur żdied bi 30 %.

3.3. Għalkemm il-proposta tal-Kummissjoni prinċipalment għandha l-għan li tiżgura l-allinjament legali mat-TFUE, tirrappreżenta wkoll opportunità għas-settur tal-ispirti sabiex jinżammu l-kwalità u l-prattiki tradizzjonali kif ukoll biex titħares ir-reputazzjoni tiegħu fil-livell globali. B'mod partikolari, il-proposta tipprovdi kjarifika dwar kif issir kull xarba: il-materja prima, is-setgħa minima għall-kummerċjalizzazzjoni, is-setgħa massima għad-distillazzjoni, il-perjodi ta' maturazzjoni, ir-rekwiżiti ta' taħlil, eċċ. Id-divrenzjazzjoni bejn il-kategoriji tax-xorb spiritu tgħin biex jiġu protetti d-diversi tradizzjonijiet.

3.4. Il-KESE jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ ir-rabta mas-settur agrikolu. Il-materja prima agrikola biss għandha tkun permessa għall-produzzjoni ta' xorb spiritu, li jiżgura wkoll żbokk għall-prodotti agrikoli bażiċi.

---

(1) Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spiritu u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16).

(2) Artikolu 43(2) tat-TFUE.

(3) Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

(4) Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

3.5. L-adattamenti li jsiru sabiex jiġi żgurat allinjament mat-TFUE u biex jitħaffef il-proċess leġislattiv huma ġeneralment pożittivi. Madankollu, ikun aktar xieraq jekk il-bilanċ jiċċaqlaq aktar lejn atti ta' implimentazzjoni aktar milli atti delegati. F'xi oqsma, l-abbiltà għal deroga għandha titneħħa għalkollox, speċjalment jekk timplika bidliet kbar. Pereżempju, il-Kummissjoni tfittex setgħat (Artikolu 16(3)) biex tfassal atti delegati li jippermettu li l-isem ta' indikazzjoni ġeografika rreġistrata jingħata bil-lingwa tas-suq tal-esportazzjoni fejn din l-informazzjoni hi obbligatorja, jiġifieri fejn l-ispirti ma jistgħux jidħlu fis-suq mingħajr din l-informazzjoni. Ir-regolamentazzjoni attwali tal-UE, madankollu, diġà tippermetti lill-produtturi biex jagħmlu dan, iżda din tneħħiet mit-test ta' allinjament. Il-kapaċità attwali għandha terġa' tiġi introdotta, f'liema każ ma jkun hemm l-ebda bżonn ta' delega ta' setgħat.

3.6. Għall-produtturi tal-ispirti, waħda mill-preokkupazzjonijiet prinċipali hija li jiġu ppreservati t-tradizzjonalità u s-sistema tal-indikazzjoni ġeografika għall-ispirti. B'mod ġenerali, il-KESE jilqa' l-kjarifika tar-regoli tal-indikazzjoni ġeografika kif japplikaw għax-xorb spiritu.

3.7. Għalkemm dan ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni speċifiku tal-proposta tal-Kummissjoni, il-KESE jtenni r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-ħtieġa ta' approċċ ta' politika konsistenti u komprensiv ([5]) imsejjes fuq l-evitar ta' konsum ta' alkoħol li jagħmel il-ħsara, kif ukoll fuq il-promozzjoni ta' xorb responsabbli li jevita riskji għas-saħħa u x-xorb taħt l-età – mhux biss għas-settur tal-ispirti, iżda wkoll b'mod iktar ġenerali. L-informazzjoni, l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni huma kruċjali f'dan ir-rigward. Il-KESE jinnota li s-settur privat huwa involut f'ħafna inizjattivi u programmi soċjali madwar l-UE, li juri li huwa possibbli li jitnaqqas l-abbuż mill-alkoħol, speċjalment fost iż-żgħażagħ ([6]).

3.8. Il-kwistjoni tal-elenkar tal-ingredjenti u l-informazzjoni nutrizzjonali fuq it-tikketti tal-ispirti mhijiex inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, il-KESE jtenni li l-konsumaturi huma intitolati jirċievu informazzjoni vera u bilanċjata dwar ix-xorb alkoħoliku biex tgħinhom jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar il-konsum tagħhom ([7]). Il-mikroprodutturi u l-produtturi żgħar ikollhom bżonn appoġġ biex japplikaw ir-regoli. Il-Kumitat ħerqan li jikkontribwixxi għad-diskussjoni kontinwa li nfetħet mir-rapport reċenti tal-Kummissjoni ([8]) f'dan ir-rigward.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. Il-KESE jagħraf il-kumplessità tal-eżerċizzju ta' riallinjament u jilqa' l-kjarifika u t-titjib f'oqsma bħar-regoli relatati mat-tikkettar ta' termini komposti, allużjonijiet u taħlit ta' xorb spiritu, kif ukoll it-tikkettar fakultattiv tal-oriġini tal-materja prima. Madankollu, inbidlu xi elementi oħra fil-proposta li għandhom jiġu kkunsidrati mill-ġdid, pereżempju:

— is-sostituzzjoni tal-kliem "u/jew" b'espressjonijiet differenti m'għandhiex twassal għal kwalunkwe tip ta' interpretazzjoni żbaljata u konfużjoni. Il-KESE għalhekk jipproponi l-użu ta' premessa li tenfasizza li l-espressjonijiet kollha "u/jew" ġew sostitwiti b'espressjonijiet b'tifsira ekwivalenti u li l-Kummissjoni ma kellhiex l-intenzjoni li tibdel it-tifsira tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 110/2008;

— id-definizzjoni tal-prattika ta' produzzjoni u tal-aromatizzanti teħtieġ tiġi kkjarifikata;

— it-terminu "fajl tekniku" ġie sostitwit bit-terminu "speċifikazzjoni tal-prodott" li jarmonizza r-regoli fl-erba' setturi tal-IĠ (oġġetti tal-ikel, inbid, spirti u nbejjed aromatizzati). Madankollu, sabiex jiġi evitat kull tip ta' interpretazzjoni ħażina, għandha tiżdied premessa biex tiġi ċċarata l-ekwivalenza ta' dawn iż-żewġ termini.

4.2. L-Artikolu 8(5) tal-proposta tal-Kummissjoni jispeċifika li d-denominazzjonijiet tal-bejgħ supplimentati bit-terminu "togħma" (jew kwalunkwe terminu simili ieħor) jistgħu jintużaw biss biex jirreferu għal aromatizzanti li jimitaw xarba spirituża jew għall-użu tagħhom fil-produzzjoni ta' oġġett tal-ikel għajr xarba. Il-Kumitat huwa tal-fehma li din id-dispożizzjoni tista' tkun qarrieqa għall-konsumaturi.

([5]) ĠU C 318, 23.12.2009, p. 10.
([6]) Ara pereżempju: HBSC (Health Behaviour in School-aged Children, 11-13-15 years old) – summary of key findings of the last HBSC study published in 2016 [HBSC – L-imġiba fir-rigward tas-saħħa fit-tfal li jmorru l-iskola ta' 11-13-15-il sena – sinteżi tar-riżultati ewlenin tal-aħħar studju tal-HBSC ippubblikat fl-2016]: http://spirits.eu/files/98/cp.as-095-2016-hbsc-survey-2016-key-messages-final.pdf; ESPAD (the European School Survey Project on Alcohol and Other Drugs, 15-16 years old) [Il-proġett ta' stħarriġ tal-iskola Ewropa dwar l-alkoħol u drogi oħra, tfal ta' 15 u 16-il sena]. L-istudju tal-ESPAD juri li 86 % tal-istudenti Ewropej bħalissa jirrappurtaw li ma kinux "xurbana" fl-aħħar 30 jum. Dan huwa tnaqqis ta' 23 % fil-livell ta' intossikazzjoni (mill-2003 'l hawn). Il-frekwenza ta' xorb bla rażan episodiku naqset bi 28 % mill-massimu tagħha fl-2007 (minn 18 % fl-2007 għal 13 % fl-2015). Dawn ix-xejriet pożittivi jistgħu jiġu osservati kemm fis-subien kif ukoll fil-bniet.
([7]) ĠU C 332, 8.10.2015, p. 28.
([8]) Report from the Commission to the EP and the Council regarding the mandatory labelling of the list of ingredients and the nutrition declaration of alcoholic beverages (Rapport mill-Kummissjoni lill-PE u lill-Kunsill dwar it-tikkettar obbligatorju tal-lista ta' ingredjenti u d-dikjarazzjoni nutrittiva tax-xorb alkoħoliku), COM(2017) 58 final – 13/03/2017, mhux disponibbli bil-Malti.

4.3. Bil-għan li jinżamm il-valur miżjud għall-produtturi u biex jitħarsu l-interessi tal-konsumaturi, il-KESE jenfasizza l-importanza li jinżamm il-livell attwali ta' protezzjoni għas-settur tax-xorb spirituż meta ssir referenza għall-"post ta' manifattura" versus il-"post ta' oriġini". It-terminoloġija ġdida m'għandhiex timplika bidliet kbar għas-settur tal-ispirti, peress li l-punt kritiku huwa l-post fejn il-prodott jiġi ddistillat u manifatturat.

4.4. L-Istati Membri huma responsabbli għall-monitoraġġ tal-użu illegali ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u l-Kummissjoni għandha tiġi infurmata dwar l-applikazzjoni tar-regoli fl-Istati Membri, b'hekk tipprovdi qafas adegwat li jippermetti li l-ispirti foloz jitneħħew mis-suq.

4.5. Huwa jilqa' b'sodisfazzjon il-proċedura ta' oppożizzjoni li tippermetti lill-partijiet interessati biex jilħqu ftehim, peress li din il-proċedura hija inqas ta' piż u ma taffettwax ir-riżultati.

4.6. Ir-reġistru tal-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż li jissostitwixxi l-Anness III għandu jitqies bħala mezz biex jimmodernizza l-mudell, mingħajr ma jaffettwa d-drittijiet, l-obbligi jew it-trasparenza tas-sistema.

Brussell, id-29 ta' Marzu 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, u r-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001"**

*[COM(2016) 745 final — 2016/0368 (COD)]*

(2017/C 209/10)

Relatur uniku: **Jan SIMONS**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, 12.12.2016 |
| | Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 19.12.2016 |
| Bażi legali | Artikoli 91 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni |
| Adottata fis-sezzjoni | 15.3.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 29.3.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 524 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 228/3/0 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Wara li kkonsulta l-organizzazzjonijiet rilevanti tal-partijiet interessati, il-KESE jikkonkludi li jista' jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 1101/89 (skema ta' skrappjar temporanju għat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni), ir-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 (it-tqassim ta' permessi għal vetturi li jġorru tagħbijiet tqal u li jivvjaġġaw fl-Isvizzera) u r-Regolament (KE) Nru 685/2001 (l-awtorizzazzjoni għat-trasport ta' merkanzija bit-triq fil-Bulgarija u għar-Rumanija qabel l-adeżjoni tagħhom mal-UE).

2. **Sfond**

2.1. Fil-kuntest tal-programm REFIT u l-impenn għal leġislazzjoni aħjar sabiex jiġi garantit qafas leġislattiv li huwa idoneu u ta' kwalità għolja, kif imsemmi fil-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar regolamentazzjoni aħjar, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tipproponi li jitħassru tliet Regolamenti minħabba li m'għadhomx jintużaw.

2.1.1. L-ewwel wieħed huwa relatat ma' skema ta' skrappjar temporanju għat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni tal-1989, fejn l-istrumenti xierqa għall-ġestjoni tal-kapaċità f'dan ir-Regolament ġew garantiti għaxar snin wara fir-Regolament (KE) Nru 718/1999, madankollu, ma tħassar ir-Regolament tal-1989.

2.1.2. Il-proposta hija relatata wkoll ma' żewġ regolamenti dwar it-trasport bit-triq.

2.1.2.1. L-ewwel wieħed, adottat fl-2000, huwa relatat mad-distribuzzjoni fost l-Istati Membri tal-kwoti Żvizzeri għall-vetturi ta' merkanzija tqila; skont ftehim bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Żvizzera, dawn il-vetturi ta' merkanzija tqila ilhom mill-1 ta' Jannar 2005 eżentati minn kwalunkwe sistema ta' kwota jew ta' awtorizzazzjoni.

2.1.2.2. Ir-Regolament l-ieħor jikkonċerna d-distribuzzjoni fost l-Istati Membri ta' dak iż-żmien ta' awtorizzazzjonijiet li jagħtu aċċess għas-suq tat-trasport tal-merkanzija fil-Bulgarija u fir-Rumanija, qabel ma daħlu fl-UE fl-2007. Bl-adeżjoni taż-żewġ pajjiżi mal-UE fl-2007, is-sistema ta' awtorizzazzjoni m'għadhiex tapplika.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-KESE minn dejjem appoġġja l-fehma li l-qafas leġislattiv għandu jkun idoneu u ta' kwalità għolja, iżda għandu jkun ukoll trasparenti, ċar u faċli biex jintuża mill-Istati Membri u l-partijiet interessati, f'dan il-każ fis-setturi tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

3.2. Minħabba r-raġunijiet differenti għat-tneħħija tar-Regolamenti inkwistjoni, il-KESE jqis li huwa loġiku li jitneħħew it-tliet r-Regolamenti li issa m'għadhomx jintużaw.

3.3. Il-KESE huwa madankollu sorpriż li l-Kummissjoni ma qisitx li huwa "applikabbli" li jiġu kkonsultati l-partijiet interessati u li ssir valutazzjoni tal-impatt. Fil-fatt hemm effett saħansitra pożittiv, kif imsemmi fil-punt 3.1 hawn fuq, iżda konsultazzjoni, anke jekk purament għal skopijiet ta' prekawzjoni, mhux ser tkun ta' ħsara.

3.4. Il-KESE għalhekk sema' lir-rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet tal-industrija rilevanti. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għall-proposta tal-Kummissjoni li jitħasru t-tliet Regolamenti.

Brussell, id-29 ta' Marzu 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna"**

*[JOIN(2016) 49]*

(2017/C 209/11)

Relatur: **Jan SIMONS**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 27.1.2017 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa |
| Sezzjoni kompetenti | REX |
| Adottata fis-sezzjoni | 6.3.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 29.3.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 524 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 201/2/2 |

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) josserva li l-azzjonijiet fil-Komunikazzjoni Konġunta jindirizzaw il-governanza kemm tal-oċeani kif ukoll tal-ibħra. Il-KESE jissuġġerixxi li t-titlu tal-Komunikazzjoni Konġunta jinbidel għal "aġenda għall-futur tal-oċeani u l-ibħra tagħna".

1.2. Il-KESE jikkondividi t-tħassib dejjem jikber dwar il-ħtieġa għal governanza u protezzjoni aħjar tal-oċeani, hekk kif il-pressjoni tkompli tiżdied. Għal sekli sħaħ, l-oċeani tad-dinja tagħna tqiesu bħala sempliċement kbar wisq biex jiġu affettwati minn xi ħaġa li jagħmel il-bniedem, iżda ż-żieda fl-attività umana qed tipperikola l-oċeani tagħna. L-oċeani tad-dinja tagħna qegħdin jiffaċċjaw sajd insostenibbli, protezzjoni inadegwata, turiżmu, traffiku qawwi, tniġġis u effetti tat-tibdil fil-klima, bħaż-żieda fil-livelli tal-baħar u tibdil fid-distribuzzjoni tal-ispeċijiet. Il-qafas attwali għall-governanza internazzjonali tal-oċeani ma jistax jiżgura l-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani u tar-riżorsi tagħhom. Huwa imperattiv li tittieħed azzjoni urġenti.

1.3. Il-KESE jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Kummissjoni") u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (minn hawn 'il quddiem "ir-Rappreżentant Għoli") dwar il-governanza mtejba tal-oċeani. Il-Komunikazzjoni Konġunta tistabbilixxi aġenda "għall-futur tal-oċeani tagħna", futur li jinsab fil-periklu. Madankollu, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli għad iridu jipprijoritizzaw it-theddidiet li qegħdin jiffaċċjaw bħalissa l-oċeani tagħna sabiex jirriflettu b'mod adegwat il-ħtieġa urġenti għal azzjoni.

1.4. Waħda mill-kawżi tal-governanza internazzjonali ineffettiva tal-oċeani hija l-eżistenza ta' lakuni fil-qafas attwali tal-governanza internazzjonali tal-oċeani. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jindirizzaw dawn il-lakuni u l-inkonsistenzi, iżda li jżidu wkoll il-konformità mar-regoli eżistenti, pereżempju billi jtejbu l-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru tal-UE dwar l-Istrateġija Marina. Jeħtieġ li l-UE toqgħod lura milli tipproponi kwalunkwe leġislazzjoni ġdida meta l-implimentazzjoni aħjar jew aktar ikkoordinata tar-regoli u r-regolamenti eżistenti tkun aktar effiċjenti.

1.5. Il-KESE japprova l-azzjonijiet elenkati fil-Komunikazzjoni Konġunta, li huma maħsuba biex iżidu l-għarfien tagħna dwar l-oċeani Ewropej. L-UE tista' taqdi rwol importanti fit-titjib tal-governanza tal-oċeani tagħna, speċjalment fl-appoġġ għar-riċerka xjentifika dwar l-oċeani tad-dinja. Irid isir użu tajjeb u effettiv tad-data li hija disponibbli bħalissa. Hemm ħafna informazzjoni dwar l-ibħra tagħna li hija ġeneralment frammentata. Għalhekk, il-KESE jħeġġeġ bil-qawwa kollha lill-UE tiżviluppa n-Netwerk ta' Osservazzjoni u Data Marittima f'netwerk dinji ta' data marittima. L-UE tista' ssir ċentru ta' koordinazzjoni għal din ir-riċerka.

1.6. Il-KESE jħeġġeġ lill-UE taħdem mal-pajjiżi msieħba sabiex tnaqqas ir-riskji u t-theddidiet għas-sigurtà marittima, bħall-piraterija u t-traffikar tal-bnedmin, l-armi u n-narkotiċi, filwaqt li tikkapitalizza fuq l-Aġenzija Ewropea ġdida għall-Gwardja tal-Fruntiera u l-Kosta, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA). L-użu ta' Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni (CISE) fattibbli jiżgura li d-data tinġabar darba u tinqasam fost l-Istati Membri tal-UE b'mod effettiv.

1.7. Il-KESE jemmen li l-bini ta' kapaċità għal governanza aħjar tal-oċeani huwa kruċjali sabiex jinkiseb żvilupp sostenibbli u sabiex il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ikunu jistgħu jużaw l-oċeani u r-riżorsi tagħhom f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS). Għalhekk, nilqgħu b'sodisfazzjon il-miżuri tal-UE identifikati fil-Komunikazzjoni Konġunta, iżda l-azzjonijiet u l-għodod speċifiċi sabiex jinkiseb tali bini ta' kapaċità għadhom iridu jiġu speċifikati mill-Kummissjoni Ewropea u mir-Rappreżentant Għoli.

1.8. Il-KESE jinkoraġġixxi bil-qawwa kollha li jiġi stabbilit forum ta' Partijiet Interessati tal-UE, li jkun iddedikat għall-oċeani u l-ibħra madwar id-dinja, speċjalment minħabba li l-governanza tal-oċeani hija kwistjoni trasversali li tinvolvi numru ta' partijiet interessati. Madankollu, jeħtieġ li tali forum jevita d-duplikazzjoni ta' kwalunkwe diskussjoni li diġà għaddejja bħalissa fil-livell internazzjonali. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tinvolvi lill-partijiet interessati kollha; is-soċjetà ċivili kollha kemm hi għandha tkun mobilizzata jekk irridu niksbu governanza effettiva tal-oċeani tagħna.

1.9. Il-KESE josserva li sabiex jiġi evitat is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat, jeħtieġ li jiġu implimentati għodod effiċjenti ta' kontroll u infurzar mill-Istat tal-bandiera, inklużi miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza. Id-data dwar is-sajd tal-Istati Membri tal-UE kollha għandha tinġabar u tiġi kondiviża b'mod adatt. Dan jista' potenzjalment jinkiseb bl-użu tal-fondi disponibbli fil-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).

1.10. Il-KESE jemmen li l-governanza tal-oċeani għandha tibbilanċja l-iżvilupp soċjoekonomiku u l-konservazzjoni tal-baħar. It-teknoloġiji għall-użu tar-riżorsi ta' qiegħ il-baħar għandhom jintużaw b'attenzjoni u b'kawtela In-natura innovattiva tagħhom u l-importanza tagħhom għall-iżvilupp ekonomiku m'għandhomx inessuna l-perikli potenzjali għal dik il-parti tal-ambjent fejn jitwettqu dawn l-attivitajiet. Abbażi tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali tal-attivitajiet fuq l-art, jistgħu jiġu żviluppati valutazzjonijiet ekwivalenti adattati għal żoni speċifiċi għall-isfruttament tar-riżorsi tal-oċean.

## 2. Sfond għall-Komunikazzjoni Konġunta

2.1. F'Ġunju 2015, l-Istati Membri tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (AĠNU) qablu formalment li jiżviluppaw strument legalment vinkolanti skont l-UNCLOS għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar f'oqsma lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (BBNJ) ([1]). Hekk kif l-Istati qegħdin jitfgħu ħarsithom dejjem aktar fuq l-oċeani sabiex jiżviluppaw l-ekonomiji tagħhom, il-biċċa l-kbira taż-żoni fl-oċeani qegħdin jiġu affettwati b'mod negattiv mill-attivitajiet insostenibbli li qegħdin iseħħu fil-baħar jew fuq l-art, aggravati mill-impatti tat-tibdil fil-klima u l-effetti tal-aċidifikazzjoni tal-oċeani.

2.2. L-Unjoni Ewropea stabbilixxiet aġenda għal governanza aħjar tal-oċeani abbażi ta' approċċ internazzjonali transsettorjali u bbażat fuq ir-regoli. Il-Komunikazzjoni hija wkoll it-tweġiba tal-UE għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14 "il-konservazzjoni u l-użu b'mod sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar" bħala parti minn aġenda interkonnessa ferm. Hija bbażata fuq il-mandat politiku mogħti lill-Kummissarju Vella mill-President tal-Kummissjoni Juncker "sabiex jinvolvi ruħu fit-tiswir tal-governanza internazzjonali tal-oċeani".

2.3. Il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tistabbilixxi 14-il sett ta' azzjonijiet fi tliet oqsma ta' prijorità: 1) It-titjib tal-qafas ta' governanza internazzjonali tal-oċeani; 2) It-tnaqqis tal-pressjoni min-naħa tal-bniedem fuq l-oċeani u l-ħolqien tal-kundizzjonijiet għal ekonomija blu sostenibbli; 3) It-tisħiħ tad-data u r-riċerka internazzjonali dwar l-oċeani.

### 2.3.1. *It-titjib tal-qafas ta' governanza internazzjonali tal-oċeani*

2.3.1.1. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli żviluppaw azzjonijiet maħsuba biex jindirizzaw kwistjonijiet bħall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar fil-qafas tal-BBJN (diversità bijoloġika lil hinn mill-ġursidizzjoni nazzjonali), l-issodisfar tal-mira ta' 10 % għaż-Żoni Protetti tal-Baħar sal-2020 u t-tnaqqis tar-riskji u t-theddidiet għas-sigurtà marittima, bħall-piraterija u t-traffikar tal-bnedmin, l-armi u n-narkotiċi.

([1]) A/RES/69/292.

2.3.2. *It-tnaqqis tal-pressjoni min-naħa tal-bniedem fuq l-oċeani u l-ħolqien tal-kundizzjonijiet għal ekonomija blu sostenibbli*

2.3.2.1. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli pproponew azzjonijiet maħsuba biex jimplimentaw il-Ftehim ta' Pariġi b'enfasi fuq azzjonijiet relatati mal-oċeani, sabiex jiġġieldu s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (IUU) u l-iskart fil-baħar, kif ukoll jaħdmu sabiex jiffinalizzaw linji gwida internazzjonali dwar l-Ippjanar Spazjali Marittimu.

2.3.3. *It-tisħiħ tad-data u r-riċerka internazzjonali dwar l-oċeani*

2.3.3.1. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli żviluppaw azzjonijiet maħsuba biex itejbu l-fehim u l-għarfien xjentifiku sod tagħna bil-għan li r-riżorsi tal-oċeani jiġu ġestiti b'mod sostenibbli u titnaqqas il-pressjoni min-naħa tal-bniedem.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-KESE josserva li l-azzjonijiet fil-Komunikazzjoni Konġunta jindirizzaw il-governanza kemm tal-oċeani kif ukoll tal-ibħra. Minħabba l-interkonnettività konsiderevoli ta' dawn l-ilmijiet, il-KESE jissuġġerixxi li l-Komunikazzjoni Konġunta tingħata l-isem ġdid ta' "aġenda għall-futur tal-oċeani u l-ibħra tagħna" biex tipprovdi ċarezza dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-inizjattiva.

3.2. Il-KESE jirrikonoxxi l-kontribut preminenti ta' UNCLOS għat-tisħiħ tal-paċi, is-sigurtà u l-kooperazzjoni fost in-nazzjonijiet kollha u għall-promozzjoni tal-avvanz soċjali u ekonomiku tal-popli kollha tad-dinja, f'konformità mal-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll għall-iżvilupp sostenibbli tal-oċeani u tal-ibħra.

3.3. Il-KESE jinnota li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti twettaq rieżami annwali tal-iżviluppi fl-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-oċeani u d-dritt tal-baħar u kull sena tadotta żewġ riżoluzzjonijiet li jistabbilixxu gwida tal-politika integrata globali; waħda dwar l-oċeani u d-dritt tal-baħar u waħda dwar is-sajd sostenibbli. L-UE għandha tintensifika l-ħidma tagħha mal-imsieħba internazzjonali sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-miżuri identifikati min-NU.

3.4. Il-KESE jemmen li l-governanza tal-oċeani għandha tibbilanċja l-iżvilupp soċjoekonomiku u l-konservazzjoni tal-baħar. Jeħtieġ li l-għan fundamentali tagħha jkun li tiżgura l-użu multiplu sostenibbli tal-ambjenti u r-riżorsi tal-baħar, anke għall-ġenerazzjonijiet futuri. L-estrazzjoni tar-riżorsi m'għandhiex issir għad-detriment tal-ekosistema; għall-kuntrarju, għandha tkun kompatibbli mal-ekosistema u għandha tinkiseb b'mod responsabbli permezz tal-politiki u l-istrutturi ta' governanza adatti.

3.4.1. It-teknoloġiji għall-użu tar-riżorsi ta' qiegħ il-baħar għandhom jintużaw b'attenzjoni u b'kawtela In-natura innovattiva tagħhom u l-importanza tagħhom għall-iżvilupp ekonomiku m'għandhomx inessuna l-perikli potenzjali għal dik il-parti tal-ambjent fejn jitwettqu dawn l-attivitajiet. Abbażi tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali tal-attivitajiet fuq l-art, jistgħu jiġu żviluppati valutazzjonijiet ekwivalenti adattati għal żoni speċifiċi għall-isfruttament tar-riżorsi tal-oċean.

3.5. Il-KESE jinkoraġġixxi bil-qawwa kollha t-twaqqif ta' forum ta' partijiet interessati tal-UE ddedikat għall-oċeani u l-ibħra madwar id-dinja, iżda jsostni li dan għandu jħaddan is-soċjetà ċivili. Tali forum jista' jintuża bħala pjattaforma għall-iskambju tal-għarfien, l-esperjenza u l-aħjar prattika dwar il-governanza mtejba tal-oċeani. Huwa jista' jintuża wkoll biex jirfina d-distribuzzjoni tal-fondi tal-UE għal governanza aħjar tal-oċeani u jista' jintensifika l-isforzi sabiex tiġi evalwata l-effettività ekonomika tal-investiment pubbliku fir-riċerka u l-osservazzjoni tal-baħar.

3.6. Il-KESE jemmen li l-Unjoni Ewropea għandha tikkunsidra l-istampa globali meta tagħmel kwalunkwe proposta ġdida sabiex ittejjeb il-governanza tal-oċeani, sabiex b'hekk, l-oqsma ta' governanza tal-oċeani li diġà huma maturi u qegħdin joperaw bla xkiel ma jiġux affettwati b'mod involontarju. Jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea tevita wkoll id-duplikazzjoni ta' kwalunkwe diskussjoni li diġà għaddejja bħalissa fil-livell internazzjonali.

3.7. Il-KESE jirrikonoxxi li l-lakuni regolatorji jistgħu jippermettu attivitajiet mhux irregolati u mhux irrapportati, l-isfruttament eċċessiv tar-riżorsi tal-baħar u l-qerda tal-ekosistemi tad-dinja. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, huwa essenzjali li jsiru studji xjentifiċi ta' dawn l-ekosistemi, flimkien ma' fehim aħjar tal-istruttura ta' governanza attwali bil-għan li jingħalqu dawn il-lakuni. Il-KESE huwa tal-fehma li l-UE tista' tkun fuq quddiem nett fir-riċerka xjentifika dwar l-oċeani tad-dinja u tista' ssir iċ-ċentru ta' koordinazzjoni għal din ir-riċerka.

3.8. Minbarra li jidentifikaw l-inkonsistenzi u l-lakuni regolatorji, wieħed mill-għanijiet tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli jeħtieġ li jkun dak li tissaħħaħ il-konformità mar-regoli eżistenti. Dan jista' jinkiseb billi jintuża l-piż fis-suq tal-UE f'ċerti oqsma ta' politika, bħas-sajd, sabiex jinkiseb l-appoġġ tal-atturi importanti kollha, kif enfasizzat mill-Kummissarju Vella meta kkummenta fuq l-azzjoni tal-UE kontra s-sajd illegali ([2]).

3.9. Il-KESE jaqbel li jeħtieġ li s-setturi kollha jaħdmu kontinwament lejn mudell imtejjeb ta' governanza tal-oċeani, hekk kif il-pressjoni fuq l-oċeani tagħna qed tiżdied. Il-KESE jinnota, pereżempju, li organizzazzjonijiet bħall-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) qed jippruvaw itejbu l-prinċipji ta' governanza tagħhom sabiex isaħħu l-qafas strateġiku eżistenti.

3.10. Il-KESE jemmen li jeħtieġ li l-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jivvalutaw kwalunkwe ħtiġijiet mil-lat tal-ħiliet, il-kompetenzi u t-taħriġ sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp antiċipat tal-impjiegi fl-industriji tal-oċeani, kwistjoni li kienet injorata fil-Komunikazzjoni.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

### 4.1. ***It-titjib tal-qafas ta' governanza internazzjonali tal-oċeani***

4.1.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn min-naħa tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli li jaħdmu mal-Istati Membri u mal-imsieħba internazzjonali sabiex jiżguraw l-adozzjoni, ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-istrumenti globali ewlenin eżistenti ta' governanza tal-oċeani, bħall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO), kif ukoll biex jiżviluppaw strumenti ġodda meħtieġa bħall-Ftehim ta' Implimentazzjoni tal-UNCLOS dwar il-BBNJ li huwa ppjanat. Il-KESE jinkoraġġixxi wkoll lill-Kummissarju u lir-Rappreżentant Għoli jikkooperaw mal-OMI sabiex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni u l-infurzar adatt tal-istrumenti tal-OMI. Jeħtieġ li l-Kummissjoni tidentifika l-azzjonijiet u l-għodod prattiċi sabiex jintlaħaq dan l-għan.

4.1.2. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli li jtejbu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet u s-sħubijiet reġjonali u globali mal-atturi ewlenin tal-oċeani. Dan juri l-isforzi tal-UE sabiex timplimenta approċċ transsettorjali u integrat għall-ġestjoni tal-attivitajiet fl-oċeani, li għadha fil-biċċa l-kbira tagħha settorjali. Il-KESE jinkoraġġixxi bil-qawwa kollha l-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli f'UN-Oceans, mekkaniżmu li jfittex li jtejjeb il-koordinazzjoni, il-konsistenza u l-effettività tal-organizzazzjonijiet kompetenti fis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti.

4.1.3. Il-bini tal-kapaċità huwa kruċjali sabiex jinkiseb żvilupp sostenibbli u sabiex il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ikunu jistgħu jużaw l-oċeani u r-riżorsi tagħhom b'mod sostenibbli u f'konformità mal-Konvenzjoni UNCLOS. Madankollu, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli għadhom iridu jidentifikaw miżuri speċifiċi tal-UE għall-bini tal-kapaċità.

4.1.3.1. Il-KESE jinnota li l-Komunikazzjoni Konġunta tirreferi għal riżorsi għall-bini tal-kapaċità mmirati biex itejbu l-iżvilupp sostenibbli u l-ekonomija blu fil-Mediterran. Madankollu, jeħtieġ li jiġu mobilizzati riżorsi simili għall-ibħra Ewropej kollha, kif ukoll ir-reġjun tal-Artiku.

4.1.4. Il-KESE huwa favur protezzjoni aħjar tar-riżorsi tal-Artiku li huma l-kapital naturali tal-ġenerazzjonijiet futuri, u li wieħed jara l-bidliet ambjentali attwali fl-Artiku bħala l-kejl tal-progress Ewropew u globali dwar il-protezzjoni tal-klima. Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni tista' żżid l-għarfien fost l-operaturi fl-Artiku dwar is-sensittività taż-żona u l-ħtieġa dejjem tikber li tiġi żviluppata b'mod sostenibbli. Il-preservazzjoni tar-reġjuni tal-Artiku u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima m'għandhomx isiru mingħajr ma jitqiesu l-abitanti jew b'mod li jkun għad-detriment tagħhom. Il-popolazzjonijiet lokali, filwaqt li għandhom l-għan li jippreservaw il-kulturi tagħhom, jixtiequ wkoll ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet ipprovduti mill-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli.

4.1.4.1. Il-KESE jitlob li s-soċjetà ċivili tkun tista' taqdi rwol attiv favur il-promozzjoni tal-interessi u l-preokkupazzjonijiet tal-popolazzjonijiet lokali L-UE tista' wkoll torganizza diskussjonijiet pubbliċi fejn l-atturi prinċipali jkunu jistgħu jippreżentaw il-kontributi tagħhom għall-iżvilupp sostenibbli taż-żona, bil-parteċipazzjoni ta' persuni indiġeni. Jista' jiġi kkunsidrat it-twaqqif ta' ċentru ta' informazzjoni dwar l-Artiku li jkun ibbażat fi Brussell ([3]).

([2]) Il-Kummissjoni Ewropea – Stqarrija għall-istampa dwar "EU acts on illegal fishing: Yellow card issued to Thailand while South Korea & Philippines are cleared", 21 ta' April 2015, http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-4806_en.htm (mhux disponibbli bil-Malti).

([3]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 144.

4.1.5. Kien hemm żieda fil-migrazzjoni insigura bil-baħar, li tenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni urġenti sabiex jiġi evitat li jintilfu l-ħajjiet fuq il-baħar. Għalhekk, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tar-Regolament ġdid (UE) 2016/1624 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, anke jekk il-Kumitat kien irrakkomanda bil-qawwa kollha li l-isem ikun l-"Aġenzija Ewropea dwar il-Gwardja tal-Fruntiera". Il-KESE japprova wkoll ir-regoli emendati tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA).

4.1.5.1. Fl-Opinjoni tiegħu dwar l-emenda għar-Regolament li jistabbilixxi l-EMSA ([4]), il-KESE ddikjara li huwa laqa' b'sodisfazzjon ir-rwol li kellha l-aġenzija fit-titjib tas-sigurtà marittima fl-Istati Membri. Huwa ddikjara wkoll, anke f'dan il-każ, li kien importanti ħafna li l-kompiti u l-kompetenzi tal-EMSA jiġu estiżi b'mod sensibbli.

4.1.6. Il-KESE jinnota l-miżuri tal-UE fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd illegali u t-tisħiħ tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ikel mill-oċeani. Il-Politika Komuni tas-Sajd ġiet introdotta fis-snin 60 u teħtieġ reviżjoni kostanti. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-proċess għall-aġġornament tal-politika sabiex jinżamm il-pass mal-bidliet teknoloġiċi, bil-għan li jitjiebu l-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-istokkijiet tal-ħut.

4.1.6.1. Il-KESE jirrimarka li sabiex jiġi evitat is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat, jeħtieġ li jiġu implimentati għodod effiċjenti ta' kontroll u infurzar, inklużi miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza. Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli għall-fatt li n-Nazzjonijiet Uniti nnotaw bi tħassib li l-ġestjoni effettiva tal-ħut maqbud mill-baħar saret diffiċli f'xi żoni minħabba informazzjoni mhux affidabbli. Għalhekk, jeħtieġ li l-Istati Membri kollha tal-UE jikkontribwixxu għat-titjib tal-għarfien dwar u l-kondiviżjoni tad-data dwar is-sajd fl-ilmijiet tagħhom. Dan jista' possibbilment jinkiseb bl-użu tal-fondi disponibbli fil-FEMS.

4.1.6.2. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb il-prestazzjoni tal-RFMOs. Barra minn hekk, bħala parti mill-approċċ integrat għall-affarijiet marittimi, jeħtieġ li l-Kummissjoni tfittex koordinazzjoni aħjar bejn fora differenti, pereżempju bejn il-konvenzjonijiet dwar l-ibħra reġjonali u organizzazzjonijiet globali.

## 4.2. *It-tnaqqis tal-pressjoni min-naħa tal-bniedem fuq l-oċeani u l-ħolqien tal-kundizzjonijiet għal ekonomija blu sostenibbli*

4.2.1. Il-KESE japprova bis-sħiħ il-miżuri tal-UE, inkluża l-Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim COP21 u l-mitigazzjoni tal-impatt ta' ħsara tat-tisħin tal-oċeani, taż-żieda fil-livell tal-baħar u tal-aċidifikazzjoni. Il-KESE jħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli sabiex ikunu proattivi u jivvalutaw l-impatt ta' tali effetti fuq l-ekonomija blu, mhux biss għal industriji stabbiliti iżda wkoll għal industriji emerġenti.

4.2.2. Il-KESE jinkoraġġixxi l-azzjoni mill-Kummissjoni sabiex tippromovi l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port (PSMA) li daħal fis-seħħ f'Ġunju 2016 bħala trattat internazzjonali vinkolanti maħsub sabiex jiġi miġġieled is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (IUU). L-implimentazzjoni adatta tal-PSMA mistennija tixpruna l-industrija lejn sostenibbiltà akbar u li jkollha effetti anċillari sinifikanti matul il-katina kollha tal-provvista tas-sajd.

4.2.3. Il-KESE jemmen li jeħtieġ li jiġu applikati sanzjonijiet stretti għall-ksur tal-liġijiet tas-sajd. L-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-ILO hija importanti sabiex jiġu evitati l-abbużi tax-xogħol fuq dgħajjes tas-sajd u kompetizzjoni inġusta minħabba ksur tal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fil-post tax-xogħol. Il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fuq il-baħar għandhom jirrispettaw l-ogħla standards tal-UE u dawk internazzjonali.

4.2.4. Il-KESE jinnota li s-sussidji dannużi tas-sajd, sabiex tiżdied il-kapaċità tal-flotot jew mogħtija lis-sajjieda li jinvolvu ruħhom fis-sajd IUU, huma waħda mill-kawżi ewlenin tas-sajd eċċessiv u, għalhekk, jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-UE li tħaffef ir-rirmu tax-xogħol sabiex jitlestew in-negozjati li għaddejjin fuq din il-kwistjoni fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

4.2.5. Fir-rigward tal-iskart fil-baħar, il-KESE jinnota bi tħassib l-evidenza dejjem tikber tal-effetti ta' ħsara tiegħu fuq l-organiżmi selvaġġi u l-ħabitats u fuq il-bijodiversità tal-baħar u l-ambjent. Il-KESE jenfasizza bi tħassib partikolari l-problema tal-mikroplastik li, kemm jekk introdott direttament jew inkella minħabba degradazzjoni ta' oġġetti ta' makroskart, jasal saħansitra fl-aktar żoni remoti, f'dan il-każ saħansitra fl-iżjed żoni fondi, u jarmi sustanzi kimiċi perikolużi li jistgħu jikkontaminaw il-katina alimentari.

([4]) ĠU C 107, 6.4.2011, p. 68.

4.2.5.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi li saru taħt kull waħda mill-Konvenzjonijiet tal-Ibħra Reġjonali sabiex jiġi evitat u jitnaqqas l-iskart fil-baħar, bħall-iżvilupp ta' Pjani ta' Azzjoni Reġjonali ddedikati. Il-KESE jinkoraġġixxi lill-Istati Membri tal-UE biex itejbu l-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina sabiex jintlaħaq u jinżamm status tajjeb tal-ambjent tal-baħar. Il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi wkoll reġjuni barra mill-UE biex jiżviluppaw pjani ta' azzjoni simili.

4.2.5.2. Il-KESE jappoġġja l-importanza ta' mekkaniżmi internazzjonali, bħall-Konvenzjoni MARPOL, sabiex jiġu miġġielda s-sorsi ta' skart fil-baħar li joriġinaw mill-bastimenti u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi Direttiva riveduta dwar il-Faċilitajiet tal-Akkoljenza fil-Portijiet fl-2017, sabiex ikun hemm allinjament akbar mal-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet ta' MARPOL.

4.2.5.3. Il-KESE josserva li hemm bżonn li l-UE tikseb fehim aħjar tal-karatteristiċi reġjonali, kif ukoll is-sorsi, l-ammonti, il-mogħdijiet, ix-xejriet tad-distribuzzjoni, in-natura u l-impatti tal-iskart fil-baħar, inkluż il-mikroplastik, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jindirizzaw is-sorsi ta' skart fil-baħar li joriġinaw fil-baħar u fl-art.

4.2.6. Il-KESE japprova l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli sabiex jinkiseb u jitħaffef ir-ritmu tal-Ippjanar Spazjali Marittimu b'suċċess f'livell globali permezz tal-involviment tal-partijiet interessati ewlenin kollha ([5]).

4.2.7. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jistimolaw kooperazzjoni internazzjonali u reġjonali sabiex jiżviluppaw mekkaniżmi ta' finanzjament sostenibbli u fit-tul għaż-Żoni Protetti tal-Baħar, filwaqt li jiżguraw li dawn ikunu ġestiti sewwa u jifformaw netwerk ekoloġikament koerenti.

4.3. ***It-tisħiħ tad-data u r-riċerka internazzjonali dwar l-oċeani***

4.3.1. Il-KESE japprova l-azzjonijiet elenkati fil-Komunikazzjoni Konġunta, li huma maħsuba biex iżidu l-għarfien dwar l-oċeani Ewropej. Għalhekk, il-KESE jħeġġeġ bil-qawwa kollha lill-UE tiżviluppa n-Netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u Data Marittima f'netwerk dinji ta' data marittima. L-UE tista' ssir ċentru ta' koordinazzjoni għal din ir-riċerka. Madankollu, qabel tinġabar u tiġi analizzata aktar informazzjoni, irid isir użu tajjeb u effettiv mid-data disponibbli bħalissa. Hemm ħafna informazzjoni dwar l-ibħra tagħna li hija ġeneralment frammentata.

4.3.2. Il-KESE jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni trawwem kooperazzjoni internazzjonali akbar fix-xjenza u t-teknoloġija marittima, kif issuġġerit mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), bħala mezz kif tiġi stimolata l-innovazzjoni u jissaħħaħ l-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija blu.

4.3.3. Fl-aħħar nett, il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jaħdmu sabiex itejbu l-bażi statistika u metodoloġika fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew sabiex jitkejlu l-iskala u l-prestazzjoni tal-industriji stabbiliti u emerġenti bbażati fl-oċeani u l-kontribut tagħhom għall-ekonomija globali.

Brussell, id-29 ta' Marzu 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

---

([5]) Referenza għat-tieni Konferenza Internazzjonali dwar l-MSP, organizzata b'mod konġunt mid-DĠ MARE tal-Kummissjoni Ewropea u mill-Kummissjoni Oċeanografika Intergovernattiva tal-Unesco. Hija se ssir mill-15 sas-17 ta' Marzu 2017 fil-kwartieri ġenerali tal-Unesco f'Pariġi, Franza.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea"**

*[COM(2016) 721 final]*

(2017/C 209/12)

Relatur: **Christian BÄUMLER**

Korelatur: **Andrés BARCELÓ DELGADO**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni, 24.11.2016 |
| Bażi legali | L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | REX |
| Adottata fis-sezzjoni | 6.3.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 29.3.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 524 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 194/0/1 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) huwa impenjat lejn il-kummerċ miftuħ u ġust u jirrikonoxxi l-valur tiegħu bħala xprun għat-tkabbir u l-impjiegi.

1.2. Il-KESE jappella għal kundizzjonijiet ekwi bejn produtturi esportaturi Ewropej u ta' pajjiżi terzi, u għal strumenti għad-difiża tal-kummerċ effettivi.

1.3. Il-KESE huwa tal-fehma li, b'mod ġenerali, il-proposta tal-Kummissjoni tipprovdi approċċ bilanċjat bejn il-kwistjoni tal-istatus tal-ekonomija tas-suq taċ-Ċina, min-naħa l-waħda, u l-mira li l-metodu tal-kalkolu tad-dumping ikun effettiv, min-naħa l-oħra.

1.4. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li l-marġni tad-dumping m'għandux jiġi kkalkulat bil-metodoloġija standard, iżda abbażi ta' punti ta' riferiment li jqisu produzzjoni u spejjeż ta' bejgħ mfixkla b'mod sinifikanti. Il-KESE jirrimarka li fl-Opinjoni tiegħu tal-2016 dwar "L-azzar: Iż-żamma tal-impjiegi sostenibbli u t-tkabbir fl-Ewropa", diġà appella biex ma tintużax metodoloġija standard f'investigazzjonijiet antidumping u antisussidji fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi sakemm il-pajjiż ma ssodisfax il-ħames kriterji tal-UE għal status ta' ekonomija tas-suq.

1.5. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tuża kriterji speċifiċi biex tiddetermina jekk hemmx tfixkil sinifikanti fis-sitwazzjoni tas-suq. Il-Kumitat jinnota li r-rispett tal-istandards tal-ILO u tal-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.

1.6. Il-KESE jappella lill-Parlament u lill-Kunsill biex jiddikjaraw b'mod ċar li l-Kummissjoni ser tippubblika r-rapporti speċifiċi għall-pajjiż għal kull pajjiż b'distorsjonijiet sinifikanti fis-suq. L-għan ser jinkludi l-pajjiżi kollha li, meħuda flimkien, jirrappreżentaw 70 % mill-investigazzjonijiet ta' antidumping li nbdew fil-perjodu ta' ħames snin preċedenti.

1.7. Il-KESE jinnota, madankollu, li għad hemm lok għal titjib fil-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament antidumping bażiku f'termini ta' effikaċja u ta' prattikabilità tal-proċess ta' investigazzjoni antidumping (status legali, fattibbiltà u pertinenza tar-rapporti proposti), u partikolarment fir-rigward tal-oneru tal-provi, li m'għandux ikun fuq l-industrija Ewropea.

1.8. Il-KESE jenfasizza li l-proċedura ta' lmenti fuq l-antidumping u l-antisussidji għandha tkun aċċessibbli wkoll għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju.

1.9. Il-KESE jappoġġja l-arranġamenti ta' konsultazzjoni u tranżizzjonali proposti mill-Kummissjoni.

1.10. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura kemm jista' jkun il-kompatibbiltà tal-politika l-ġdida tal-UE dwar antidumping mal-Ftehim Antidumping tad-WTO, sabiex tissaħħaħ iċ-ċertezza legali.

1.11. Il-KESE jirrakkomanda li l-politika għad-difiża tal-kummerċ lejn pajjiżi b'distorsjonijiet sinifikanti fis-suq għandha tieħu approċċ ikkoordinat b'mod internazzjonali li jmur lil hinn mill-UE. Hija meħtieġa koordinazzjoni mill-qrib ma' msieħba kummerċjali kbar.

1.12. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar it-tibdil propost fir-Regolament antisussidji.

1.13. Il-KESE jinnota li l-effiċjenza tal-proċeduri tal-istrument għad-difiża tal-kummerċ (TDI) hija marbuta wkoll mal-proposta tal-2013 biex jiġi modernizzat it-TDI inkluża r-regola tad-dazju inferjuri. Il-KESE jinsisti li huwa ta' importanza kruċjali li l-pakkett tal-modernizzazzjoni tat-TDI ikun iffinalizzat u adottat ukoll fix-xhur li ġejjin sabiex tiġi prodotta sistema ta' difiża tal-kummerċ b'saħħitha u effikaċi u biex jiġu żgurati l-impjiegi u t-tkabbir fl-UE.

## 2. **Sfond u kontenut tad-dokument tal-Kummissjoni**

2.1. Il-proposta tal-Kummissjoni [1] temenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea. Il-bidliet huma relatati ma' kalkoli ta' antidumping, kif ukoll mal-proċedura ta' antisussidji.

2.2. Il-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni tintroduċi bidliet fir-Regolament antidumping bażiku billi tabolixxi d-distinzjoni bejn pajjiżi bi status ta' ekonomija tas-suq u pajjiżi b'ekonomija mhux tas-suq (NME) li huma membri tad-WTO. Il-metodoloġija ta' "pajjiż analogu" tista' tkompli tapplika għal pajjiżi li mhumiex parti mid-WTO, li huma NME. Il-metodoloġija standard ser tapplika għall-membri kollha tad-WTO, ħlief fil-każ ta' tfixkil sostanzjali fis-suq. F'dan il-każ, l-Artikolu 2 (6a) il-ġdid jippermetti sabiex il-valur normali jkun mibni fuq il-bażi tal-ispejjeż tal-produzzjoni u l-bejgħ li jirriflettu l-prezzijiet mingħajr distorsjoni jew il-punti ta' riferiment.

2.3. Anke jekk ir-regolament il-ġdid propost huwa "newtrali għall-pajjiż" huwa marbut mill-qrib mal-iskadenza tas-sottoparagrafu 15(a)(ii) tal-protokoll tal-adeżjoni taċ-Ċina mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) fil-11 ta' Diċembru 2016. Il-konsegwenzi ta' din l-iskadenza huma soġġetti għal interpretazzjonijiet differenti [2].

2.4. Taħt il-metodoloġija standard huwa meħtieġ li d-dumping jiġi kkalkulat billi jiġu mqabbla l-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-UE mal-prezzijiet domestiċi jew l-ispejjeż tal-prodotti fil-pajjiż esportatur. Madankollu, għal pajjiżi NME l-UE tuża attwalment l-hekk imsejħa "metodoloġija tal-pajjiż analogu", fejn il-prezzijiet domestiċi huma sostitwiti bi prezzijiet u spejjeż oħra minn "pajjiż analogu" bħala bażi għall-kalkoli.

2.5. Ir-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping isemmi pajjiżi tad-WTO li huma kkunsidrati Ekonomiji Mhux tas-Suq [3], li għalihom għandha tiġi segwita metodoloġija antidumping mhux standard.

2.6. Madankollu, il-fatt li l-iskadenza tas-sottoparagrafu 15(a)(ii) tal-Protokoll tal-Adeżjoni taċ-Ċina tista' tiġi interpretata bħala li tobbliga lill-UE biex tagħti liċ-Ċina l-istatus ta' ekonomija tas-suq (MES) għamilha neċessarja għall-Kummissjoni Ewropea li tipprevedi xenarji differenti għal kif jinżammu strumenti għad-difiża tal-kummerċ b'saħħithom (TDI) filwaqt li tiġi protetta l-industrija Ewropea minn prattiki kummerċjali inġusti u f'konformità mal-obbligi tad-WTO.

---

(1) COM (2016) 0721 final.

(2) Skont l-istimi tal-Kummissjoni Ewropea, fil-perjodu mill-2012 sal-2016, infetħu 73 investigazzjonijiet ġodda antidumping u antisussidji, li 42 % minnhom marru għaċ-Ċina, 10 % għall-Indja, 5 % għar-Russja, 5 % għall-Indoneżja, u 5 % għat-Turkija. Fl-2016, il-maġġoranza tal-miżuri proviżorji ġew imposti l-ewwel nett fuq iċ-Ċina u xi oħrajn fuq ir-Russja, il-Bjelorussja u l-Korea.

(3) Ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (kodifikazzjoni) ( ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21).

2.7. Dibattitu intensiv bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet interessati seħħ fl-2016. Il-KESE ħa sehem f'dan id-dibattitu u fl-Opinjoni tiegħu dwar "L-impatt fuq setturi industrijali ewlenin (u fuq l-impjiegi u t-tkabbir) li ċ-Ċina tiġi potenzjalment trattata bħala ekonomija tas-suq (għall-fini ta' strumenti għad-difiża tan-negozju) ([4])", huwa insista li l-UE m'għandhiex titlef l-għodod biex tiżgura kummerċ ħieles u ġust maċ-Ċina minħabba li għadd inaċċettabbli ta' impjiegi (li jammonta għal mijiet ta' eluf) jintilfu. Il-KESE insista li t-telf ikun ikkonċentrat f'setturi u reġjuni partikolari li jkunu affettwati b'mod qawwi, bħall-aluminju, ir-roti, iċ-ċeramika, l-elettrodi, il-ligi tal-ħadid, il-ħġieġ, il-karta, il-pannelli solari, l-azzar u t-tajers. Il-Kumitat talab lill-Kummissjoni Ewropea, lill-PE u lill-Kunsill biex jippromovu kompetizzjoni internazzjonali ġusta, bħala mod biex dawn l-impjiegi u l-valuri tas-soċjetà Ewropea jiġu difiżi b'mod attiv u jsaħħu l-introjtu u l-ġid fl-Unjoni Ewropea ([5]). Fit-12 ta' Mejju 2016, il-Parlament Ewropew approva riżoluzzjoni dwar l-istatus ta' ekonomija tas-suq taċ-Ċina.

2.8. Il-proposti tal-Kummissjoni jinkludu lista mhux eżawrjenti ta' kriterji li jindikaw tfixkil sinifikanti fis-suq, li huwa prinċipalment relatat mal-intervent tal-istat f'dan is-settur. Is-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu joħorġu rapporti pubbliċi li jiddeskrivu s-sitwazzjoni speċifika dwar iċ-ċirkostanzi tas-suq fi kwalunkwe pajjiż jew settur. Tali rapporti u l-evidenza li fuqha huma bbażati wkoll jiġu mpoġġija fuq il-fajl ta' kull investigazzjoni rigward dak il-pajjiż jew settur biex il-partijiet interessati kollha jkunu f'pożizzjoni li jesprimu l-ħsibijiet u l-kummenti tagħhom.

2.9. Minbarra l-metodoloġija l-ġdida għall-kalkolu tad-dumping, il-proposta tal-Kummissjoni tistabbilixxi arranġamenti tranżizzjonali għall-miżuri għad-difiża tal-kummerċ diġà eżistenti u l-investigazzjonijiet li għaddejjin bħalissa. Il-proposta tal-Kummissjoni tindika li s-sistema l-ġdida tapplika biss għal każijiet mibdija mad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet l-ġodda. L-introduzzjoni ta' metodoloġija ġdida ma tikkostitwixxix raġunijiet suffiċjenti għal reviżjoni ta' miżuri eżistenti ta' antidumping. Talbiet għal reviżjoni tal-metodoloġija jistgħu jiġu introdotti biss meta jinbeda rieżami tal-iskadenza ta' miżura partikolari.

2.10. Il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi wkoll bidliet fil-mod kif l-UE tinvestiga sussidji mogħtija mill-gvernijiet f'pajjiżi terzi u tiċċara f'emenda tar-Regolament antisussidji bażiku li sussidji addizzjonali misjuba matul l-investigazzjoni ta' antisussidji jew ir-reviżjoni tagħha jistgħu jiġu riflessi fil-kalkolu tal-miżuri ta' antisussidji.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-KESE jappoġġja l-politika tal-UE ta' kummerċ miftuħ u ġust. L-UE (li taġixxi f'isem l-Istati Membri tal-UE, peress li l-politika kummerċjali komuni hija kompetenza esklussiva tal-UE) tippromwovi l-kummerċ miftuħ u tagħraf il-valur tal-kummerċ bħala mutur għat-tkabbir u l-impjiegi.

3.2. Il-KESE huwa favur strumenti għad-difiża tal-kummerċ effikaċi. Fil-politika tal-kummerċ tagħha, l-UE teħtieġ li produtturi domestiċi u barranin jikkompetu b'kundizzjonijiet ekwi. Għalhekk huwa kontra prattiki kummerċjali inġusti u japplika l-leġislazzjoni tiegħu nnifsu permezz ta' strumenti għad-difiża kummerċjali (TDIs), inkluż miżuri antidumping u kompensatorji.

3.3. Il-KESE jfakkar li l-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' antidumping fis-seħħ għall-importazzjonijiet Ċiniżi huma kkonċentrati f'ċerti setturi, bl-industrija tal-azzar bħala waħda mill-iktar fil-mira. Dan is-settur jservi lil industriji kemm "downstream" u kif ukoll "upstream" bl-istess mod; b'aktar minn 350 000 impjiegi diretti u bosta miljuni aktar f'industriji relatati, huwa għandu rwol essenzjali għall-industrija tal-manifattura tal-Ewropa u l-ekonomija Ewropea b'mod ġenerali.

3.4. Il-KESE huwa tal-fehma li, b'mod ġenerali, il-proposta tal-Kummissjoni tipprovdi approċċ bilanċjat bejn il-kwistjoni tal-istatus tal-ekonomija tas-suq taċ-Ċina, min-naħa l-waħda, u l-mira li l-metodu tal-kalkolu tad-dumping newtrali mill-pajjiż ikun effettiv, min-naħa l-oħra.

3.5. Il-KESE jilqa' l-emenda tar-regolament antisussidji bażiku, li tiċċara l-proċedura ta' investigazzjoni kontra s-sussidji.

3.6. Il-KESE jipproponi li l-premessi tar-regolament li għandhom jagħmluha ċara li l-emenda tar-Regolament antidumping bażiku ma tagħtix l-istatus ta' ekonomija tas-suq liċ-Ċina.

---

([4]) ĠU C 389, 21.10.2016, p. 13.
([5]) ĠU C 389, 21.10.2016, p. 13.

3.7. Il-KESE madankollu nnota li, fit-13 ta' Diċembru 2016, iċ-Ċina talbet konsultazzjonijiet tad-WTO mal-Istati Uniti u l-UE b'rabta mal-fatt li mhux qed ikunu konformi mal-ftehim tal-antidumping tad-WTO u li għall-UE dawk il-konsultazzjonijiet ikopru kemm ir-regolament antidumping bażiku eżistenti u kif ukoll l-emenda proposta tiegħu, li hija s-suġġett ta' din l-opinjoni. Il-Kumitat jinnota tilwim legali preċedenti, li juri l-kumplessità tal-problemi. Għalhekk, il-KESE huwa mħasseb dwar iċ-ċertezza legali tal-emenda proposta għar-regolament antidumping u jistieden lill-Kummissjoni tibni ġustifikazzjoni konkreta għall-kompatibbiltà tas-sistema l-ġdida tar-regoli tal-antidumping tad-WTO.

3.8. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni li l-ebda wieħed mill-akbar imsieħba kummerċjali tal-UE ma bidlu l-metodoloġiji tagħhom ta' antidumping, anke fid-dawl tal-iskadenza tas-subparagrafu 15(a)(ii) tal-protokoll tal-adeżjoni taċ-Ċina mad-WTO. Din l-istrateġija hija marbuta mal-proċeduri pendenti tad-WTO mibdija miċ-Ċina, li l-eżitu tagħhom għandu jkun mistenni.

3.9. Il-KESE jirrakkomanda li għandu jkun hemm approċċ ikkoordinat b'mod internazzjonali dwar dan il-fajl li jmur lil hinn mill-UE.

3.10. Il-KESE għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill biex jimmonitorjaw mill-qrib żviluppi ġodda fil-politiki għad-difiża tal-kummerċ mill-imsieħba kummerċjali ewlenin, u biex janalizzaw l-impatt tagħhom fuq il-bilanċ tal-flussi kummerċjali.

3.11. Il-KESE jinnota li l-Kumitat tar-Reġjuni appella biex titneħħa r-regola tad-dazju inferjuri ([6]) Il-Parlament irrakkomanda f'April 2014 biex jirrestrinġi r-regola tad-dazju inferjuri f'każ ta' dumping ambjentali u tal-ħaddiema. Fl-opinjoni tiegħu tal-2016 il-KESE appella wkoll biex ir-regola tad-dazju inferjuri titneħħa għall-importazzjonijiet tal-azzar.

3.12. F'dan ir-rigward il-KESE jirrimarka li l-effiċjenza tal-proċeduri tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ (TDI) hija marbuta wkoll mal-proposta tal-2013 biex jiġi modernizzat it-TDI. Il-KESE jinnota li l-pakkett tal-modernizzazzjoni tat-TDI u l-metodu tal-kalkolu tal-marġni ta' dumping il-ġdid, ikopru teknikament u legalment aspetti differenti mhux relatati u tal-politika tal-UE dwar l-antidumping u l-implimentazzjoni tagħha, saħansitra jekk marbuta mill-qrib. Il-KESE jindika li meta jsir użu sħiħ mill-marġni tad-dumping, dan ikabbar l-objettiv li jinkisbu il-kondizzjonijiet tal-ekonomija tas-suq fil-pajjiżi membri kollha tad-WTO u jinnota li huwa ta' importanza kruċjali li l-pakkett tal-modernizzazzjoni tat-TDI jiġi iffinalizzat u adottat ukoll fix-xhur li ġejjin sabiex tiġi prodotta sistema ta' strument għad-difiża tal-kummerċ b'saħħitha u effikaċi u biex jiġu żgurati l-impjiegi u t-tkabbir fl-UE.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni (Artikolu 2(6a)) biex tinbidel il-metodoloġija tal-kalkolu sabiex, meta tfixkil sinifikanti jkun jeżisti f'xi pajjiżi metodoloġija mhux standard tkun tista' tintuża u jiġi kkunsidrat li din il-metodoloġija tkun tippermetti li l-Kummissjoni tistabbilixxi u tkejjel l-impatt tad-dumping attwali.

4.2. Fl-Opinjoni tiegħu tal-2016 ([7]) dwar iż-żamma tal-impjiegi sostenibbli u t-tkabbir fl-industrija tal-azzar, il-KESE diġà appella biex ma tintużax metodoloġija standard f'investigazzjonijiet antidumping u antisussidji fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi ladarba l-pajjiż ma ssodisfax il-ħames kriterji tal-UE għal status ta' ekonomija tas-suq. Dan huwa f'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' Mejju 2016.

4.3. Il-KESE jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-prezzijiet u l-ispejjeż f'ċerti pajjiżi huma baxxi b'mod artifiċjali minħabba l-influwenza tal-istat, li jfisser li dawn ma jirriflettux b'mod realistiku l-forzi tas-suq. Il-prezzijiet u l-ispejjeż domestiċi huma mxekkla b'mod sinifikanti minn interventi mill-istat. F'dawn il-każijiet, il-prezzijiet domestiċi ma għandhomx għalhekk jintużaw għat-tqabbil mal-prezzijiet ta' esportazzjoni.

4.4. Il-KESE jinnota li dak li jagħti bidu għal kalkolu ġdid huwa t-tfixkil sinifikanti fis-suq, li lista mhux eżawrjenti ta' eżempji ta' dan tingħata fir-Regolament. Madankollu, il-Kumitat jinnota wkoll li l-ksur ta' standards minimi tax-xogħol u l-istandards ambjentali jista' jikkontribwixxi wkoll għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni ma' kumpaniji tal-UE u għandhom jiġu kkunsidrati, b'mod partikolari jekk ikunu parti minn qafas regolatorju tal-Istat. Barra minn hekk, il-kompatibbiltà tal-metodu l-ġdid mar-regoli tad-WTO għandha tiġi vvalutata bir-reqqa.

([6]) ĠU C 17, 18.1.2017, p. 13.
([7]) ĠU C 389, 21.10.2016, p. 50.

4.5. Il-KESE jinnota li ċ-Ċina talbet bord formali fi ħdan id-WTO minħabba l-hekk imsejjaħ approċċ ta' "pajjiż analogu" użat mill-UE, u jirrimarka li l-UE qed taħdem attwalment fuq l-introduzzjoni ta' metodoloġija ġdida li għandha tkun konformi ma' kull ftehim internazzjonali. Il-KESE huwa tal-fehma li, jekk id-deċiżjoni tad-WTO tasal għall-konklużjoni li l-iskadenza tal-Artikolu 15(a) (ii) ma tagħtix awtomatikament liċ-Ċina l-istatus ta' ekonomija tas-suq, u li ċ-Ċina trid tirrispetta l-impenji l-oħra li għamlet fil-Protokoll ta' Adeżjoni tagħha, l-użu tal-metodoloġija ta' "pajjiż analogu" għandha tinżamm.

4.6. Il-KESE jinnota li skont il-leġislazzjoni proposta, il-Kummissjoni tista' tħejji u toħroġ rapporti li jiddeskrivu ċ-ċirkustanzi speċifiċi tas-suq fi kwalunkwe pajjiż jew settur partikolari. Dawn ir-rapporti u l-evidenza li fuqhom huma bbażati jistgħu jsiru parti minn kwalunkwe investigazzjoni ta' antidumping f'dak il-pajjiż jew settur, u jkunu disponibbli pubblikament. L-industrija tal-UE tista' anke tuża informazzjoni minn dawn ir-rapporti meta tagħmel ilment jew talba għal rieżami. Madankollu, il-KESE huwa mħasseb li l-ebda dispożizzjoni għat-tkabbir tan-numru attwali ta' persunal li jittratta l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ ma hi inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea. Huwa jinnota wkoll li l-istatus legali ta' dawk ir-rapporti mhuwiex definit u mhuwiex ċar kif ir-rapporti jistgħu jintużaw f'każ ta' kontestazzjoni legali għar-rapporti mill-pajjiż ikkonċernat. Lanqas ma ssemma kemm-il darba r-rapporti ser jiġu aġġornati u kif dawn ser jiġu adattati għall-isfidi speċifiċi għas-settur.

4.7. Il-KESE huwa mħasseb ukoll dwar il-fatt li dawn ir-rapporti mhumiex obbligatorji (din il-proposta tirreferi għal "servizzi tal-Kummissjoni jistgħu joħorġu rapport") u jitlob ukoll li l-oneru tal-provi jiġi definit b'mod aktar ċar fil-leġislazzjoni proposta.

4.8. Il-KESE jinnota li l-proċedura ta' lmenti fuq l-antidumping għandha tkun effettiva, realistika u fattibbli. Madankollu, il-KESE ma jistax jaċċetta l-inverżjoni tal-oneru tal-prova. L-oneru tal-provi m'għandux jaqa' fuq l-intrapriżi tal-UE kkonċernati u fuq il-Kummissjoni fit-termini ta' meta tintwera l-eżistenza ta' dumping. Ir-rekwiżiti ta' ġbir ta' data assoċjati għandhom jibqgħu sostenibbli.

4.9. Il-KESE jenfasizza li l-proċedura ta' lmenti ta' antidumping għandha tkun aċċessibbli wkoll għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u li għandha tingħata attenzjoni partikolari sabiex jiġi żgurat li dawn l-intrapriżi jistgħu iħallsu l-ispejjeż involuti fl-investigazzjoni u r-rekwiżiti ta' ġbir ta' data assoċjati.

4.10. Il-KESE huwa tal-fehma li l-arranġamenti tranżizzjonali proposti mill-Kummissjoni huma fl-interessi taċ-ċarezza legali, u jappoġġja dawn l-arranġamenti.

Brussell, id-29 ta' Marzu 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 fir-rigward tat-tipoloġiji territorjali (Tercet)"**

*[COM(2016) 788 final — 2016/0393 (COD)]*

(2017/C 209/13)

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 25.1.2017 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottat fis-sessjoni plenarja | 29.3.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 524 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 223/1/4 |

Billi l-Kumitat japprova l-kontenut tal-proposta u diġà ta fehmtu dwar is-suġġett fl-opinjoni preċedenti tiegħu dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) ([1]), adottata fil-11 ta' Lulju 2001, iddeċieda, matul il-524 sessjoni plenarja tiegħu tad-29 u t-30 ta' Marzu 2017 (laqgħa tad-29 ta' Marzu 2017), b'223 voti favur, vot wieħed kontra u 4 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument(i) imsemmi(ja) hawn fuq.

Brussell, id-29 ta' Marzu 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

([1]) ĠU C 260, 17.9.2001, p. 57.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT